# Introduzzjonijiet motivanti għal-lezzjonijiet tal-grammatika permezz tal-umoriżmu

Thea Farrugia

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta

għall-Grad ta' Maġisteru fit-Tagħlim

Ġunju 2022

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

Lill-għalliema tal-Malti

b'apprezzament u radd ta' ħajr

# Daħla

**Thea Farrugia**

**Introduzzjonijiet motivanti għal-lezzjonijiet tal-grammatika permezz tal-umoriżmu**

L-għan ewlieni ta' din ir-riċerka kien li nipprovdi l-idea kif l-umoriżmu u ċ-ċajt jistgħu jservu ta' introduzzjoni motivanti għal-lezzjoni tal-grammatika. Minn dan l-iskop ħareġ it-tieni għan tal-istudju, jiġifieri li nuri kif iċ-ċajt jista' jipprovdi kuntest għall-ewwel fażi tal-proċess tat-tinqija fil-lezzjonijiet tal-grammatika tal-Malti bħala l-ilsien nattiv. Biex inkun nista' nara jekk iċ-ċajt fihx biżżejjed elementi mħaddma tal-grammatika biex jintuża għall-ewwel pass tal-proċess tat-tinqija, kelli nħejji kampjun ta' ċajt.

Il-ġbir tal-kampjun ta' ċajt għamiltu billi ħadt ċajt mill-ġabra li għamilt għall-ewwel teżi tal-BA (Unuri). Madankollu mhux iċ-ċajt kollu f'din il-ġabra kien jgħodd għal din ir-riċerka u, għaldaqstant, żidt iktar ċajt, l-iktar mir-rivista *Sagħtar.* B'kollox ġbart 120 ċajta u dan il-kampjun ippermettieli nagħmel analiżi fuq iċ-ċajt biex nosserva liema mekkaniżmi grammatikali jidhru regolarment. Wara l-analiżi taċ-ċajt offrejt suġġerimenti ta' pjanijiet tal-lezzjonijiet li l-introduzzjonijiet tagħhom huma mibnija fuq iċ-ċajt meħud mill-kampjun. Għaldaqstant stajt nuri kif iċ-ċajt għandu biżżejjed strutturi grammatikali biex jintuża fit-tagħlim tal-grammatika tal-ewwel lingwa u, fl-istess waqt, li jimmotiva lill-istudenti.

MTL

Ġunju, 2022

tagħlim tal-grammatika | l-ewwel lingwa | lezzjonijiet

umoriżmu | ċajt | analiżi grammatikali

# Radd il-Ħajr

Nibda billi nirringrazzja lill-Prof. Antoinette Camilleri Grima tal-għajnuna imprezzabbli tagħha fil-kitba tat-teżi. Il-pariri siewja u l-gwida tagħha kienu strumentali waqt il-kitba tiegħi għaliex komplew iqanqlu fija iktar interess fir-riċerka tat-teżi. Nirringrazzjaha talli dejjem kienet disponibbli, speċjalment bit-tweġibiet tagħha għal xi mistoqsijiet li kelli. Inħossni grata li kelli lilha bħala tutur tat-teżi tiegħi għaliex tgħallimt ħafna mingħandha. Nirringrazzja wkoll lil-letturi tad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-għajnuna tagħhom.

Ma nistax ma nirringrazzjax 'l ommi u 'l missieri talli dejjem investew fl-edukazzjoni tiegħi. Inħossni grata immens li sibt is-sapport u l-għajnuna tagħhom tul dan il-vjaġġ edukattiv, talli dejjem offrew li jgħinuni mill-aħjar li setgħu. Nirringrazzjahom tal-paċenzja li ħadu bija, speċjalment waqt il-kitba tat-teżi u talli fehmu l-assenza tiegħi f'xi mumenti biex inkun nista' naħdem fuq din ir-riċerka. Nirringrazzja wkoll lil oħti, Yentl, u lir-raġel tagħha, Chris, tas-sapport kontinwu tagħhom. Dejjem kienu lesti joffru l-għajnuna tagħhom, kultant anke b'sempliċiment tbissima, parir jew ikla flimkien.

Nirringrazzja lil sħabi tal-kors tal-MTL (Malti). Konna grupp sabiħ u rnexxielna nibqgħu għaddejjin bil-kors, minkejja l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija. Ma nistax ma nirringrazzjax lill-ħbieb tal-qalb Diane, Martina u Yasmin, talli kienu ta' sostenn tul dawn is-sentejn tal-kors.

Finalment nixtieq nirringrazzja lill-istudenti li għallimt waqt it-taħriġ prattiku u lill-istaff fl-iskola Kulleġġ Maria Regina Skola Sekondarja l-Mosta (Ex Lily of the Valley). Minkejja li kien perjodu stressanti, ikolli nammetti li kienet esperjenza sabiħa immens li serviet biex nikkonferma x-xewqa li nniedi l-karriera tiegħi ta' għalliema tal-Malti.

# Il-Werrej

Daħla ..... iii

Radd il-Ħajr ..... iv

Il-Werrej ..... v

L-Ewwel Kapitlu: L-Introduzzjoni ..... 7

1.1 L-għanijiet tat-teżi ..... 8

1.2 L-utilità tat-teżi ..... 9

1.3 It-tqassim tat-teżi ..... 9

It-Tieni Kapitlu: Il-Ħarsa Kritika ..... 12

2.1 It-tagħlim tal-grammatika ..... 12

2.1.1 Xi jfisser it-terminu grammatika? ..... 13

2.2 Il-kelliema nattivi u l-idea tal-grammatika universali ..... 14

2.3 L-importanza tat-tagħlim tal-grammatika fit-tagħlim tal-lingwa nattiva ..... 15

2.3.1 Għaliex ngħallmu l-grammatika? ..... 15

2.3.2 Il-perspettiva tal-għalliema u l-istudenti fuq it-tagħlim tal-grammatika tal-Malti ..... 19

2.4 It-tagħlim tal-grammatika tal-L1 tul is-snin ..... 21

2.4.1 Il-kunċett ta' Language Awareness ..... 24

2.5 Il-livelli tal-proċess tat-tagħlim ..... 25

2.6 Kif għandu jsir it-tagħlim tal-grammatika fil-Malti? ..... 26

2.6.1 It-tagħlim tal-grammatika f'kuntest ..... 26

2.6.2 L-użu taċ-ċajt (bħala l-kuntest) għall-introduzzjoni tal-lezzjoni tal-grammatika ..... 27

2.6.3 X'jagħmel iċ-ċajt test tajjeb għat-tagħlim tal-grammatika? ..... 29

It-Tielet Kapitlu: Il-Metodoloġija ..... 34

3.1 Is-sorsi ..... 34

3.2 L-għażla taċ-ċajt ..... 35

3.3 L-analiżi taċ-ċajt ..... 37

3.4 L-importanza tal-introduzzjoni tal-lezzjoni ..... 38

3.5 L-istruttura ta' lezzjoni ..... 39

3.6 Għaliex l-introduzzjoni hija parti importanti mil-lezzjoni? ..... 40

3.7 Il-proċess tat-tinqija bħala introduzzjoni motivanti ..... 43

Ir-Raba' Kapitlu: L-Analiżi ..... 45

4.1 Il-mistoqsija ..... 45

4.2 Il-mekkaniżmi lingwistiċi ewlenin marbutin mal-mistoqsija ..... 47

4.2.1 Il-pronomi interrogattivi ..... 47

4.2.2 Il-pronomi dimostrattivi ..... 52
4.2.3 In-negattiv ..... 54
4.2.4 Il-komparattiv u s-superlattiv ..... 58
4.3 Xi aspetti oħra tal-grammatika komuni fiċ-ċajt ..... 60
4.3.1 L-istruttura tal-imperattiv tal-verb fiċ-ċajt ..... 60
4.3.2 Il-kategorija tat-temp fiċ-ċajt ..... 66
4.4 Il-konklużjoni ..... 70
Il-Ħames Kapitlu: Is-Suġġerimenti ..... 72
5.1 Il-pjan tal-lezzjoni ..... 73
5.2 L-addattament taċ-ċajt ..... 73
5.3 Lezzjoni dwar il-pronomi interrogattivi ..... 74
5.4 Lezzjoni dwar il-pronomi dimostrattivi ..... 80
5.5 Lezzjoni dwar in-negattiv tal-verb u tal-pronom ..... 86
5.6 Lezzjoni dwar l-imperattiv ..... 92
5.7 Lezzjoni dwar il-komparattiv u s-superlattiv ..... 99
5.8 Il-konklużjoni ..... 105
Is-Sitt Kapitlu: Il-Konklużjoni ..... 106
6.1 Is-sejbiet ewlenin ..... 106
6.2 Il-limitazzjonijiet ta' dan ix-xogħol ..... 107
6.3 Suġġerimenti għall-futur ..... 108
6.4 Punt konklussiv ..... 109
Ir-Referenzi ..... 110
L-Appendiċi ..... 116

# L-Ewwel Kapitlu: L-Introduzzjoni

Għażilt li nagħmel ir-riċerka tiegħi fuq kif iċ-ċajt jista' jintuża għall-introduzzjonijiet tal-lezzjonijiet tal-grammatika minħabba tliet raġunijiet ewlenin. L-ewwel raġuni hi li l-qasam tal-grammatika dejjem ippreferejtu minn oqsma oħrajn. Bejn l-interess li kelli jiena stess fil-grammatika tal-Malti meta kont studenta fl-iskola sekondarja, u bejn għax dan l-interess kompla jiżdied tul is-snin, l-istudju tal-grammatika dejjem affaxxinani. Barra minn hekk, inħoss li t-tagħlim tal-grammatika għeni napprezza iktar l-ilsien nattiv tiegħi, bl-isfumaturi kollha li jsawruh.

It-tieni raġuni kienet li meta bdejt insegwi l-kors tal-Maġisteru fit-Tagħlim, skoprejt il-proċess tat-tinqija fit-tagħlim tal-grammatika. Kulma jmur, il-lekċers li kien ikollna fuq is-suġġett intrigawni dejjem iżjed biex insir iktar familjari ma' dan il-metodu. Dan x'aktarx minħabba li l-proċess tat-tinqija kien totalment ġdid għalija, għaliex it-tagħlim tal-grammatika li rċevejt fi tfuliti kien tradizzjonali għall-aħħar. Għaldaqstant, kont ħerqana biex nifhem u nixtarr din l-għodda pedagoġika u biex napplika l-metodu tat-tinqija fil-lezzjonijiet tal-grammatika waqt l-esperjenza tat-taħriġ prattiku.

It-tielet raġuni li mexxietni fl-għażla tar-riċerka tiegħi kienet li fit-teżi tal-BA (Unuri) fil-Malti kont irriċerkajt iċ-ċajt. B'hekk, diġà kont familjari ma' dan is-suġġett u kelli data aċċessibbli biex fuqha nsejjes riċerka ġdida. Għalkemm qatt ma kont nobsor li se nkompli naħdem fuq iċ-ċajt f'teżi oħra, skoprejt li nista' nħares lejn iċ-ċajt minn lenti pedagoġika. Għaldaqstant, iddeċidejt li nuża l-ewwel teżi tiegħi bħala bażi u nkompli nirriċerka ċ-ċajt minn perspettiva oħra.

Niftakar li waqt lekċer tal-kors kienet qamet diskussjoni fuq l-utilità tat-tagħlim tal-grammatika lill-kelliema nattivi tal-Malti. Dan il-punt kien baqa' f'moħħi u kont irrealizzajt li qatt ma ħsibt fuq din il-ħaġa. Meta sirt familjari mal-proċess tat-tinqija, qist dan il-proċess bħala pass importanti lejn soluzzjoni għal din il-kwistjoni għax jistrieħ fuq il-lingwa li tiġi ppreżentata lill-istudenti f'kuntest. Huma l-istudenti bit-tmun f'idejhom li jesploraw l-istrutturi tal-grammatika mħaddma f'test.

Għaldaqstant, hawnhekk fejn intrabtu flimkien it-tliet elementi li semmejt. L-għarfien pedagoġiku ġdid, l-esperjenza ta' tfuliti bit-tagħlim tradizzjonali u r-riċerka tiegħi fuq iċ-ċajt, qanqlu fija l-interess li nesplora l-użu taċ-ċajt lil hinn mill-funzjonijiet ovvji li nħoloq għalihom. Ridt nesplora l-konfini u nimraħ f'possibiltajiet ġodda għat-tagħlim lil hinn minn dak li aħna mdorrijin bih. Din ir-riċerka kienet l-opportunità f'waqtha biex nagħmel dan.Għalhekk f'din it-teżi nipprova nwieġeb dawn it-tliet mistoqsijiet:

1. X'inhu l-iskop ta' introduzzjonijiet motivanti fil-lezzjonijiet tal-grammatika?
2. Xi rwol għandha l-lingwa meħuda mill-ħajja ta' kuljum fil-lezzjonijiet tal-grammatika?
3. Kif jista' jintuża ċ-ċajt b'funzjoni grammatikali?

### 1.1 L-għanijiet tat-teżi

Minn dawn il-mistoqsijiet joħorġu ż-żewġ għanijiet ta' din it-teżi. L-ewwel għan huwa li nipprovdi l-idea kif l-umoriżmu u ċ-ċajt jistgħu jservu ta' introduzzjoni motivanti għal-lezzjoni tal-grammatika. Minn dan l-iskop joħroġ it-tieni għan tal-istudju; li nuri kif iċ-ċajt jista' jkun riżorsa alternattiva għall-ewwel fażi tal-proċess tat-tinqija. B'hekk, f'din it-teżi nipprova noffri kuntest ġdid meħud mill-ħajja ta' kuljum, iċ-ċajt.

### 1.2 L-utilità tat-teżi

Billi fil-qasam tat-tagħlim tal-Malti ma nsibux wisq materjal għal-lezzjonijiet, hemm bżonn li jinħolqu riżorsi ġodda kontinwament. F'din it-teżi nipprovdi suġġerimenti ta' lezzjonijiet b'introduzzjonijiet mibnija fuq iċ-ċajt. Dawn jistgħu jkunu utli għall-għalliema tal-Malti biex jaddattawhom u jużawhom fil-klassi skont il-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom.

Barra minn hekk, dawn il-pjanijiet tal-lezzjoni tal-grammatika jistgħu jservu ta' gwida jew punt ta' tluq għall-istudenti għalliema li jixtiequ jesperimentaw b'metodi differenti. Hawnhekk qed inxandar kampjun ta' ċajt li użajt għar-riċerka, li jista' jkun riżorsa utli għall-għalliema minħabba l-istrutturi grammatikali li rajt fih.

### 1.3 It-tqassim tat-teżi

Matul il-qari li għamilt waqt ir-riċerka tiegħi sirt konxja ta' kemm it-tagħlim tal-grammatika għadda minn fażijiet differenti.

Fil-fatt, nibda t-tieni kapitlu, li fih nagħti ħarsa kritika, billi nistħarreġ definizzjonijiet tat-terminu 'grammatika' u kif dawn x'aktarx ħallew impatt fuq it-tagħlim tal-qasam tal-lingwa. Inkompli l-kapitlu billi nesplora l-idea tal-Grammatika Universali u l-kelliem nattiv ta' Chomsky. Nitlaq mill-idea tal-kelliem nattiv biex inkompli fuq is-siwi tal-grammatika lill-istudenti tal-ewwel lingwa (L1) u l-perspettiva tal-istudenti u l-għalliema fuq it-tagħlim tal-grammatika. Wara nagħti ħarsa ġenerali lejn it-tagħlim tal-grammatika tal-L1 tul is-snin u l-livelli differenti fil-proċess tat-tagħlim. Nagħlaq dan il-kapitlu b'mistoqsija dwar kif għandu jsir it-tagħlim tal-grammatika tal-Malti f'kuntest.

Fit-tielet kapitlu nħares lejn il-metodoloġija li użajt għal dan l-istudju. Fl-ewwel parti nispjega s-sorsi ewlenin minn fejn ġbart iċ-ċajt, il-proċess tal-għażla u l-analiżi li wettaqt. Wara ngħid kif qassamt iċ-ċajt fil-kampjun li ppreżentajt fl-appendiċi. Fit-tieni parti tal-kapitlu

niddiskuti l-importanza tal-introduzzjoni tal-lezzjoni u nsejjes id-diskors bil-proċess tat-tinqija bħala eżempju. Niffoka fuq il-proċess tat-tinqija bħala l-għodda metodoloġika ewlenija li jiena mxejt magħha tul dan l-istudju, u kif iċ-ċajt jista' jiġi implimentat fil-bidu tal-lezzjoni biex iqanqal l-interess fost l-istudenti.

Ir-raba' kapitlu fih l-analiżi. Fih nispjega l-mekkaniżmi ewlenin li ltqajt magħhom waqt l-analiżi taċ-ċajt. Nirreferi għall-istrutturi ewlenin li ltqajt magħhom; primarjament, il-pronomi interrogattivi u dimostrattivi, in-negattiv tal-verb, l-imperattiv u l-aġġettivi fil-komparattiv u s-superlattiv. F'dan il-kapitlu ninkludi eżempji ta' ċajt mill-kampjun li qed inxandar fl-Appendiċi biex nispjega b'mod iktar prattiku dak li ħareġ mill-analiżi. Billi nagħmel referenza għal diversi ċajtiet meħudin mill-kampjun iddeċidejt li f'dan il-kapitlu ma noqgħodx nikkopja ċ-ċajta sħiħa. L-ellissi […] qabel jew wara xi parti miċ-ċajta tindika li qed nuża parti miċ-ċajta li fiha jidher speċifikament dak li nkun qed nitkellem dwaru. Minkejja dan, kull ċajta li nuża bħala eżempju fit-teżi għandha numru marbut magħha, li jservi ta' referenza biex min jikkonsulta dan l-istudju jkun jista' jaqra ċ-ċajta sħiħa fl-Appendiċi.

Fil-ħames kapitlu nagħti s-suġġerimenti ta' kif iċ-ċajt jista' jitħaddem fl-introduzzjonijiet tal-lezzjoni. Għall-prattiċità sawwart ħames pjanijiet ta' lezzjonijiet b'għanijiet differenti. Għal kull pjan nippreżenta ħames introduzzjonijiet differenti, imsejsin fuq iċ-ċajt, li lkoll jgħinu biex jintlaħaq l-għan tal-lezzjoni. Barra minn hekk, nagħti ideat kif iċ-ċajt jista' jintuża għall-iżvilupp tal-lezzjoni. L-unika eċċezzjoni hu l-pjan tal-lezzjoni tal-aġġettiv komparattiv u superlattiv, li għalih ħloqt erba' suġġerimenti ta' introduzzjonijiet. Lejn tmiem il-kapitlu nispjega li dawn is-suġġeriment kienu msejsa fuq l-analiżi li għamilt. Dawn il-pjanijiet tal-lezzjoni, saħansitra ċ-ċajt innifsu, jistgħu jiġu addattati mill-għalliema, skont l-istudenti li jkollhom, l-għan li jridu jilħqu u l-ħiliet tal-istudenti.

Fl-aħħar kapitlu niġbor flimkien il-punti ewlenin li ħarġu mill-analiżi taċ-ċajt. Nirreferi għall-mekkaniżmi u l-istrutturi tal-grammatika l-aktar rikorrenti fiċ-ċajt. Nuri kif dawn is-sejbiet jibnu fuq l-istudju ta' Farrugia (2020) li rreferejt għalih fil-ħarsa kritika. Hawnhekk inwieġeb it-tliet mistoqsijiet li ktibt qabel mill-qari u l-analiżi ta' din ir-riċerka. Ninkludi wkoll xi nuqqasijiet li kelli f'din ir-riċerka u l-limitazzjonijiet. Nagħlaq l-istudju billi nissuġġerixxi kif ħaddieħor jista' jkompli jibni fuq din ir-riċerka biex inkattru r-riżorsi li l-għalliema tal-Malti jkunu jistgħu jħaddmu fil-klassi.

# It-Tieni Kapitlu: Il-Ħarsa Kritika

## 2.1 It-tagħlim tal-grammatika

It-tagħlim tal-grammatika huwa suġġett li tul is-snin għadda minn diversi fażijiet u qajjem dibattiti li affettwaw it-tagħlim ta' tant studenti madwar id-dinja. Biss biss, kif jispjegaw Hudson u Walmsley (2005), fis-snin sittin l-iskejjel ġewwa l-Ingilterra waqqfu t-tagħlim tal-grammatika. Dan il-perjodu kien magħruf bħala "death of grammar-teaching" (p. 593). Iżda mit-tmeninijiet 'l hawn, reġa' kien hemm qawmien fit-tagħlim tal-grammatika li Hudson u Walmsley jirreferu għalih bħala "rebirth of grammar-teaching" (2005, p. 594). Dan huwa biss eżempju wieħed tad-diskussjoni kontinwa fuq it-tagħlim tal-grammatika fl-iskejjel.

Id-dibattitu rigward it-tagħlim tal-grammatika huwa riżultat ta' taħlita ta' fatturi. Iżda l-mistoqsija fundamentali dwar ir-rwol tal-grammatika fil-lezzjoni tal-lingwa affettwat kif diversi studjużi ħarsu lejn it-tagħlim tal-grammatika. Ir-relevanza tal-grammatika fil-klassi tal-L1 ukoll qajmet diskussjonijiet bejn l-istudjużi u dawn ħadu pożizzjoni favur jew kontra.

Fl-introduzzjoni tal-artiklu 'Linguistic concepts in L1 grammar education: a systematic literature review', l-awturi (van Rijt, de Swart u Coppen, 2019) jirreferu għall-fatt li r-riċerka marbuta mat-tagħlim tal-grammatika ħafna drabi ffukat fuq ir-raġunijiet għat-tagħlim tal-grammatika, iktar milli kif din għandha tiġi mgħallma. X'aktarx li dan huwa riżultat ta' dak li tirreferi għalih Camilleri Grima, jiġifieri li "jeżistu ideat varji dwar x'nifhmu meta ngħidu 'grammatika'" (2020, p. 4). B'hekk, il-mistoqsija għaliex għandha tiġi mgħallma l-grammatika fl-iskejjel tinbet mid-diversi definizzjonijiet tal-kelma grammatika.

### *2.1.1 Xi jfisser it-terminu grammatika?*

Watson (2015) tirreferi għal kif Hartwell (1985) jelabora fuq il-modi differenti kif jintuża t-terminu "grammar". Ħafna drabi, b'grammatika nistgħu nfissru diversi affarijiet. Watson (2015) tqis il-grammatika bħala "[the] innate use of linguistic patterns to create meaning, attempts to describe and analyse such patterns, matters of usage, traditional school grammars, and stylistic grammars" (p. 3). Thornbury (1999) iqis il-grammatika bħala "the study of what forms (or structures) are possible in a language" (p. 1). Jidher li dawn id-definizzjonijiet differenti forsi t-tnejn huma korretti meta jitqies il-kuntest li fihom l-istudjużi taw dawn it-tifisiriet u għal liema skop.

Fid-daħla tax-xogħol tagħha, Ungaro (2007) tirreferi għad-differenza bejn tliet 'tipi' ta' grammatika differenti. L-ewwel tip ta' grammatika li Ungaro (2007) tirreferi għaliha hija dik li ssejħilha l-kompetenza grammatikali tal-kelliema nattivi. It-tieni hija l-grammatika studjata mil-lingwisti, ġeneralment ippreżentata bħala "mudell ibbażat fuq l-għarfien tal-kelliem nattiv" (Ungaro, 2007, p. ii). It-tielet hija l-grammatika pedagoġika, jiġifieri dik li, skont Ungaro, tkun addattata biex tiġi mgħallma lill-istudenti.

F'sens wiesa' nistgħu ngħidu li t-tieni tip ta' grammatika li ssemmi Ungaro (2007) hija dik magħrufa bħala l-grammatika deskrittiva. Din tħares lejn kif il-grammatika hi mħaddma mill-kelliema nattivi. Min-naħa l-oħra, il-grammatika pedagoġika tradizzjonali iktar tippunta lejn dik li nsejħulha l-grammatika preskrittiva, għaliex kienet toffri "regola" ġenerali biex l-istudenti jimxu fuqha. Illum il-ġurnata l-grammatika pedagoġika tqis lill-istudenti tal-ewwel lingwa bħala lingwista li kapaċi, bil-gwida tal-għalliema, janalizza l-istrutturi tal-lingwa nattiva tiegħu (Micallef, 1995).

Watson (2015) tagħti definizzjoni li, fil-qofol tagħha, tqis l-individwu bħala l-punt tat-tluq. Għalhekk, il-grammatika hija parti minn proċess intrinsiku li jseħħ f'kull individwu waqt l-iżvilupp lingwistiku, li jibda mit-twelid. Min-naħa l-oħra, Thornbury (1999) jara l-grammatika bħala sett ta' regoli li jiżviluppaw mill-kelliema nattivi u dawn ir-regoli qishom bħal mudell ta' kif għandha taħdem il-lingwa. B'hekk naraw din ir-rabta importanti bejn il-kelliem nattiv u l-grammatika, li donnha tiżviluppa b'mod naturali.

## 2.2 Il-kelliema nattivi u l-idea tal-grammatika universali

Fix-xogħol tagħha *Bil-Kelma t-Tajba*, Camilleri Grima (2020) tirreferi għal fenomenu importanti ħafna. Minbarra t-tagħlim "formali" tal-grammatika li jsir fil-klassi, it-tfal żgħar diġà jkunu jafu jħaddmu r-regoli tal-grammatika tal-lingwa nattiva tagħhom mingħajr ħafna ħsieb. Kif tistqarr Camilleri Grima, "meta nitgħallmu l-ewwel lingwa tagħna, awtomatikament nakkwistaw kompetenza fil-grammatika" (2020, p. 5). Dan l-argument jaqbel eżatt ma' dak li tikteb Ungaro (2007, p. 26) fuq il-ħsieb ta' Chomsky, li:

"It-tfal mhux sempliċiment jikkupjaw il-lingwa ta' madwarhom, imma jitgħallmu wkoll regoli minnha li mbagħad, permezz tagħhom, jaslu biex jibnu sentenzi li huma grammatikalment korretti li qatt ma jkunu semgħu qabel."

Għalhekk, minn dan toħroġ il-konklużjoni li kelliem nattiv ta' lingwa partikolari jaf iħaddem il-grammatika ta' dak l-ilsien, għalkemm ħafna drabi mhux "konxju" ta' dawn ir-regoli li jeżistu fil-lingwa. B'rabta ma' dan naraw kif Magro (2017) tgħid li "ta' età żgħira, il-parti l-kbira tat-tfal Maltin ikunu tgħallmu jitkellmu bil-Malti bħala l-ilsien nattiv tagħhom, mingħajr ma jkunu tgħallmu […] xi lingwa oħra li minnhom evolva l-Malti" (p. 21). Magro tkompli tgħid li, b'hekk, "bla ma jkunu jafu, it-tfal ikunu qed iħaddmu għadd ta' regoli

kumplessi marbuta mal-morfoloġija u mas-sintassi tas-sistema lingwistika tagħhom" (2017, p. 22).

Ungaro (2007) tirreferi għal Chomsky bħala l-lingwista modern li sostna kemm-il darba fuq din il-predispożizzjoni mentali għat-tagħlim ta' lingwa. Din it-tendenza Chomsky rrefera għaliha bħala l-Grammatika Universali. Ungaro tispjega li b'dan it-terminu mhux qed nifhmu li l-individwu jitwieled bl-għarfien tal-grammatika lest ġo fih, iżda "l-kapaċità li wieħed jakkwista biha l-lingwa, li hija innata" (2007, p. 25).

Davies (2003) iħares lejn il-kunċett tal-kelliem nattiv b'mod ċar u dirett. Għalih, il-kelliema nattivi huwa dawk l-individwi li għandhom kontroll speċjali ta' lingwa partikolari minħabba l-għarfien li jkollhom tal-lingwa li jħaddmu. Fuq dan, Davies jikteb li , "they know what the language is [...] and what the language isn't [...]" (2003, p. 1).

Għalhekk, qalb din id-diskussjoni, faċli tqum il-mistoqsija: għaliex għandu jsir it-tagħlim tal-grammatika lill-istudenti tal-L1, jekk huma esposti għar-regoli tal-lingwa sa minn ċkunithom u jafu jużawhom b'ħila kif suppost? Minn din il-mistoqsija naslu għal kunċett ieħor; il-ħtieġa li l-pedagoġija mħaddma għat-tagħlim tal-grammatika għal studenti tal-L1 tkun interessanti u intriganti. Dan minħabba li l-istudenti diġà jkunu jafu jħaddmu l-prinċipji grammatikali tal-lingwa.

## 2.3 L-importanza tat-tagħlim tal-grammatika fit-tagħlim tal-lingwa nattiva

### *2.3.1 Għaliex ngħallmu l-grammatika?*

Sammut u Ellul (2015) jirreferu għall-fatt li skont Weaver (1996), tul is-snin ingħataw diversi raġunijiet għala għandu jsir it-tagħlim formali tal-grammatika. Għal xi snin kien komuni

ħafna l-argument li "l-istudju tal-grammatika huwa importanti anki sempliċiment minħabba l-fatt illi l-lingwa hija xi ħaġa suprema illi jikseb individwu" (Sammut u Ellul, 2015, p. 12).

Hudson u Walmsley (2005) jirreferu għall-fatt li għalihom, l-importanza tat-tagħlim tal-grammatika tmur lil hinn mill-fini ta' klassi u tolqot ukoll lill-pubbliku in ġenerali. Li l-importanza tat-tagħlim tal-grammatika tispiċċa ridotta biss għall-klassi huwa argument li fiż-żmien tal-lum ma jreġix. Speċjalment għaliex baqa' x'niskopru fuq is-siwi veru tat-tagħlim tal-grammatika, partikolarment lill-istudenti tal-lingwa nattiva.

Fit-taqsima tal-grammatika tal-ktieb *Skaluni*, Camilleri Grima (2001) telenka erba' raġunijiet għala l-grammatika għandha tiġi mgħallma. L-ewwel raġuni li tagħti hija li t-tagħlim tal-grammatika jgħin "fl-iżvilupp intellettwali tal-istudent" (p. 76). Għalhekk, l-importanza tat-tagħlim tal-grammatika tmur lil hinn mit-tagħlim tar-regoli tal-lingwa. Permezz tat-tagħlim tal-grammatika, l-istudenti jitgħallmu ħiliet oħra; ngħidu aħna, kif jorganizzaw il-ħsibijiet f'moħħhom u kif jagħmlu sens mid-dinja li jgħixu fiha.

Hudson u Walmsley (2005) jagħmlu referenza simili għal din għaliex jaraw li t-tagħlim tal-grammatika jgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-ħsibijiet tagħhom. Huma jqisu l-grammatika bħala "l-għodda ewlenija" li t-tfal jużaw biex jitħaddtu fuq rabtiet loġiċi li jagħmlu u allura jaraw li t-tagħlim ta' dan il-qasam tal-lingwa huwa bżonjuż. Barra minn hekk, jirreferu għat-tagħlim tal-grammatika bħala l-proċess li waqtu l-istudenti jistgħu jiżviluppaw ħiliet "investigattivi." Fil-fatt Hudson u Walmsley (2005) jgħidu li "when grammar is taught through investigation of the children's existing knowledge, it is a good introduction to scientific method" (p. 595).

It-tieni raġuni li tagħti Camilleri Grima (2001) hi li peress li fit-tagħlim tal-grammatika l-istudenti jsiru konxji fuq il-binja tal-lingwa, dan jgħinhom "iħaddmu l-lingwa aħjar fit-taħdit u l-kitba" (p. 76). Bla dubju, meta xi ħadd jiskopri l-kif u l-għaliex ta' ċerti regoli u mudelli fil-lingwa, ikollu iktar ċans li jiżviluppa ħakma tajba tal-lingwa. Hudson u Walmsley (2005) jirreferu għall-fatt li t-tagħlim tal-grammatika jgħin lill-istudenti jespandu l-kompetenzi grammatikali, u lingwistiċi, tagħhom. Dan isostnuh billi jgħidu li "explicit awareness of grammatical structure probably helps children to expand their competence to include the many grammatical patterns which are needed in adult life" (p. 594).

It-tielet raġuni li tipprovdi Camilleri Grima (2001) hi li l-għarfien grammatikali ta' lingwa jgħin fil-proċess tat-tagħlim ta' lingwi oħrajn. Permezz ta' għarfien metalingwistiku, l-istudenti jkollhom id-disponibbiltà li "jakkwistaw it-terminoloġija neċessarja biex jifhmu u jispjegaw kif taħdem is-sistema lingwistika" (p. 76) ta' lingwa oħra. van Rijt et al. (2019) jikkummentaw li xi għalliema jaraw li t-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva jsaħħaħ it-tagħlim tat-tieni lingwa jew lingwi barranin. B'rabta ma' dan l-argument jidher li hemm xi tip ta' evidenza, tant li anki Hudson u Walmsley (2005) jagħtu din ir-raġuni meta jitkellmu fuq l-importanza tat-tagħlim tal-grammatika. Huma jaraw it-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva bħala għarfien meħtieġ li joffri xi tip ta' qafas għat-tagħlim ta' lingwi barranin. Fil-fatt jisħqu li "[it makes it] easier if the pupils already have some understanding of how their first language works" (Hudson u Walmsley, 2005, p. 594). F'xogħol ieħor, Hudson (2004) jirreferi għal dan il-punt billi jikkwota *The Nuffield Languages Inquiry* (2000), li fih insibu li ħafna studenti għandhom livell baxx t'għarfien grammatikali fil-lingwa nattiva tagħhom. Sfortunatament, dan, minbarra li jillimita lill-kelliema milli jużaw il-lingwa flessibilment, joħloq diffikultà ikbar meta jiġu biex jitgħallmu lingwi oħra (Hudson, 2004).

Ir-raba' raġuni li hemm fi *Skaluni* hija li meta studenti jitħarrġu u jkunu konxji dwar l-istruttura tal-lingwa nattiva, dan jgħin "fl-iżvilupp tal-identità personali u nazzjonali" (Camilleri Grima, 2001, p. 76). Camilleri Grima tqis li dan l-apprezzament lejn il-Malti, li jinkiseb fost l-oħrajn mill-apprezzament tal-grammatika, għandu jwassal "għat-tisħiħ tal-valuri nazzjonali, u l-għarfien tal-identità li jwasslu għal maturità aktar sħiħa" (2020, p. 32). van Rijt et al. (2019) ukoll jikkummentaw fuq kif xi għalliema jħarsu lejn it-tagħlim tal-grammatika minn lenti kulturali u għalhekk jgħallmuha bħala "a goal in its own right" (p. 622).

Hudson u Walmsley (2005) jagħtu raġunijiet oħra għala t-tagħlim tal-grammatika għandu jkun preżent fil-klassi tal-L1. Skonthom, it-tagħlim tal-grammatika jgħin għall-għarfien metalingwistiku, anke jekk dan ikun għarfien bażiku, sabiex l-istudenti jirfdu l-kompetenza grammatikali tagħhom fil-ħiliet lingwistiċi tal-kitba, tas-smigħ, tal-qari u tat-taħdit. Fl-istudju tagħhom jgħidu: "a shared metalanguage allows teachers and pupils to communicate about their performance and to explore complex links" (p. 594).

Raġuni oħra li jagħtu Hudson u Walmsley biex jenfasizzaw is-siwi tat-tagħlim tal-grammatika fil-klassi hi li din tista' tgħin lill-istudenti biex jiżviluppaw ħsieb kritiku fuq il-mod kif il-lingwa titħaddem fil-ħajja ta' kuljum. Jekk inqisu li fil-lezzjonijiet tal-grammatika l-istudenti se jsiru konxji tal-għarfien lingwistiku li diġà jkunu kisbu minn qabel, mela allura l-lezzjoni tal-grammatika tista' sservi biex l-istudenti jibnu analiżi personali tal-lingwa nattiva tagħhom.

### *2.3.2 Il-perspettiva tal-għalliema u l-istudenti fuq it-tagħlim tal-grammatika tal-Malti*

Mid-diskussjonijiet u d-dibattiti li qajjem is-suġġett tat-tagħlim tal-grammatika jidher li mhux kulħadd jagħraf, jew aħjar, jara l-ħtieġa għat-tagħlim tal-grammatika lill-istudenti tal-L1. Tajjeb li ma jingħatawx il-ġenb iż-żewġ gruppi ewlenin li huma affettwati direttament mit-tagħlim tal-grammatika; l-istudenti u l-għalliema.

Fix-xogħol tagħha tal-2007, Ungaro tirreferi għar-riżultati li ħarġu mill-istudju ta' Cilia u Giordano (2006) fuq kif l-għalliema u l-istudenti ta' skola tal-istat iħarsu lejn it-tagħlim tal-grammatika. Fl-istudju ta' Cilia u Giordano (2006) ħareġ li persentaġġ għoli tal-għalliema li wieġbu l-kwestjonarju, jiġifieri 83%, "qalu li jieħdu gost jgħallmu l-grammatika" (Ungaro, 2007, p. 20). Ungaro (2007) telenka għadd ta' raġunijiet li dawn l-għalliema taw fl-istudju ta' Cilia u Giordano. Fost l-oħrajn issemmi kif l-għalliema jqisu l-grammatika bħala "l-bażi tal-lingwa", "interessanti, loġika u sistematika", u dik li tgħin lill-istudent "jitgħallem aspetti marbuta mal-iżvilupp tal-lingwa fl-istorja" biex "japprezza l-lingwa u l-wirt kulturali tal-pajjiż" (Ungaro, 2007, pp. 20-21).

Jidher li din l-attitudni tal-għalliema rigward it-tagħlim tal-grammatika mhijiex esklussivament għall-għalliema tal-Malti. Bl-istess mod, van Rijt et al. jaċċennaw li bosta studjużi jirreferu għall-fatt li "most language teachers in various L1 contexts consider teaching grammar important, for a variety of reasons" (2019, p. 622). Dan jista' jkun riżultat ta' diversi fatturi. van Rijt et al. (2019) ikomplu jgħidu li għal diversi għalliema, it-tagħlim tal-grammatika jgħin lill-istudenti jtejbu l-ħiliet tal-litteriżmu, l-aktar tal-kitba u l-qari. Minbarra dan il-fattur, hemm oħrajn li jaffettwaw il-perspettiva pożittiva tal-għalliema fuq it-tagħlim tal-grammatika. Pereżempju, jista' jagħti l-każ li dawk l-għalliema li jaraw siwi fit-tagħlim

tal-grammatika huma influwenzati mit-tagħlim li rċevew meta huma kienu studenti. X'aktarx li t-tagħlim li rċevew kien tradizzjonali, li jenfasizza l-importanza tal-grammatika.

Min-naħa l-oħra, fl-istudju ta' Cilia u Giordano (2006), 13% tal-għalliema qalu li ma jiħdux gost jgħallmu l-grammatika. Fost ir-raġunijiet imsemmija f'dan l-istudju, Ungaro (2007) tirreferi għall-fatt li l-għalliema esprimew li l-grammatika "diffiċli tqanqal l-interess tat-tfal" (p. 21) u li m'hemmx biżżejjed riżorsi. Dawn ir-riżultati ħarġu madwar ħmistax-il sena ilu u għalhekk iridu jitqiesu l-kuntest u ż-żmien li fih l-għalliema wieġbu l-kwestjonarju. Minn dak iż-żmien, tul is-snin ħarġu diversi kotba tal-grammatika tal-Malti li huma ta' min jorbot fuqhom, b'riżorsi effettivi, maħluqa mill-għalliema stess, li jservu ta' għajnuna għall-għalliema. Dawn ir-riżorsi jgħinu kemm minn lat pedagoġiku, kif ukoll biex iqanqlu l-interess tal-istudenti. Barra minn hekk, illum jeżistu metodi prattiċi moderni kif l-għalliema jistgħu jimmotivaw iktar lill-istudenti tagħhom.

Jidher li l-perspettiva tal-maġġoranza tal-istudenti fuq il-grammatika mhix wisq 'il bogħod mill-idea tat-13% tal-għalliema li rrispondew il-kwestjonarju. Fl-istess xogħol ta' Cilia u Giordano (2006), ħareġ li l-maġġoranza assoluta tal-istudenti li wieġbu l-kwestjonarju kienu tal-idea li l-grammatika hi "diffiċli u tedjanti" (Ungaro, 2007, p. 22), speċjalment minħabba li fiha għadd ta' regoli. Fost diversi raġunijiet oħra li taw l-istudenti li wieġbu l-kwestjonarju, ħareġ li kważi għadd kbir minnhom "ma jagħrfux l-importanza" tal-grammatika u, allura, iqisuha bħala "irrelevanti għal ħajjithom u bla sens" (Ungaro, 2007, p. 22).

Wieħed jista' jispekula minn fejn nibtu dawn ir-raġunijiet li taw l-istudenti. Kif semmejt fit-taqsima ta' qabel, jista' jkun li l-istudenti, li f'dan l-istudju, ladarba huma kelliema nattiva tal-lingwa, ma jħossux il-bżonn li jkollhom tagħlim tal-grammatika. Fl-introduzzjoni tat-teżi tagħha, Ungaro ssemmi li f'wieħed mill-kwestjonarji li tat lill-istudenti tagħha meta saret

għalliema, "studenta wieġbet li ma kinitx tħoss li hemm għalfejn toqgħod titgħallem ħafna regoli grammatikali li hi kienet diġà taf tużahom tajjeb ħafna" (2007, p. 2). Ta' min jgħid, li għalkemm l-istudju ta' Cilia u Giordano (2006) sar iktar minn deċenju ilu, jista' jagħti l-każ li l-attitudnijiet tal-għalliema u tal-istudenti lejn il-lezzjonijiet tal-grammatika għadu l-istess.

Huwa importanti li l-ħsibijiet tal-għalliema u tal-istudenti rigward it-tagħlim tal-grammatika u kif dawn jinbidlu tul is-snin jingħataw il-piż li jistħoqqilhom b'analiżi xierqa. M'għandniex xi ngħidu, ir-rwol tal-għalliema huwa indispensabbli fit-tagħlim tal-grammatika iżda daqstant ieħor għandhom sehem importanti l-istudenti, il-kelliema nattivi li qed jirċievu t-tagħlim. Li l-ħsibijiet ta' dawn iż-żewġ gruppi fil-proċess tat-tagħlim tal-grammatika jingħataw widen huwa essenzjali. Huma l-għalliema, flimkien mal-istudenti, li jifformaw opinjoni fuq is-siwi tat-tagħlim tal-grammatika. Dan il-ħsieb, imbagħad, jittrasforma ruħu f'attitudni lejn it-tagħlim tal-grammatika tal-Malti bħala lsien nattiv. Dan huwa l-punt tat-tluq li minnu l-għalliema u l-istudenti, ħafna drabi, jieħdu r-rwol ta' dawk li jiġġudikaw għaliex il-grammatika tiġi mgħallma.

### 2.4 It-tagħlim tal-grammatika tal-L1 tul is-snin

It-tagħlim tal-grammatika jiġi assoċjat direttament mat-tagħlim tal-lingwa. Matul is-snin, studjużi u lingwisti wettqu għadd ta' studji dwar l-aktar modi effettivi kif għandha tiġi mgħallma l-lingwa u ma setax jonqos li jħallu marka fuq il-metodi ta' kif tiġi mgħallma l-grammatika.

Camilleri Grima (2009) tagħti ħarsa lejn il-mixja twila ta' tibdil li t-tagħlim tal-grammatika kellu jgħaddi minnu. L-ewwel nett, tirreferi għall-fatt li sas-seklu tmintax, it-tagħlim tal-Latin u, sa ċertu punt, anke tal-Grieg, kien għadu jiddomina f'dak li hu magħruf

bħala l-"grammar-translation method" (Camilleri Grima, 2009, p. 118). Minn dak iż-żmien, tgħid li l-pedagoġija tat-tagħlim tal-lingwi għaddiet għall-metodu tal-qari fl-għoxrinijiet, imbagħad għall-metodu strutturalist fl-erbgħinijiet.

Lejn nofs is-seklu għoxrin daħal metodu ġdid, "the audio-lingual approach" (Camilleri Grima, 2009, p. 118) u aktar tard lejn is-sittinijiet, "[the] situational approach" (p. 118). Fl-istess xogħol, hi tirreferi għan-nozzjoni tal-għarfien ideali tal-kelliem nattiv li ppropona Noam Chomsky, li tat perspettiva ġdida ta' kif għandu jsir it-tagħlim tal-grammatika għall-istudenti tal-L1.

Skont Hudson (2004), id-dibattitu fuq l-aħjar pedagoġija mħaddma għat-tagħlim tal-grammatika jistrieħ fuq il-mistoqsija fundamentali jekk it-tagħlim għandux ikun espliċitu jew impliċitu. B'tagħlim espliċitu tal-lingwa, Hudson jirreferi għal metodu ta' tagħlim li bih il-lingwa tkun fiċ-ċentru tal-attenzjoni; b'hekk issir diskussjoni fuq il-lingwa nfisha u jkun hemm elementi metalingwistiċi. Min-naħa l-oħra, fuq tagħlim impliċitu Hudson jgħid li "the school's contribution to language development is simply to provide a rich linguistic environment" (2004, p. 106).

Hudson jammetti li dan il-metodu tal-aħħar rarament jitħaddem fl-iskejjel, minkejja li kien popolari fis-snin sittin, sebgħin u tmenin fir-Renju Unit. Dan jista' jkun minħabba diversi diffikultajiet li jistgħu jiżviluppaw. Waħda mill-problemi ewlenin hi li biex jintuża dan il-metodu qed nassumu li l-għalliema u l-istaff kollu tal-iskola huma mħarrġa biżżejjed fil-lingwa li se jkellmu lill-istudenti biha u huma dejjem konxji fl-użu tagħhom ta' dik il-lingwa partikolari. Kważi, kważi huwa impossibbli li l-iskola tipprovdi "a rich linguistic environment" (Hudson, 2004, p. 106) kuljum u f'kull ħin.

F'dan l-istess xogħol, Hudson jagħmel referenza għat-tagħlim tradizzjonali tal-grammatika. B'tagħlim tradizzjonali tal-grammatika, Hudson qiegħed jirreferi għal dak it-tagħlim tal-grammatika li jsir ma' ġenerazzjonijiet ta' studenti. Dan it-tagħlim jaf ikun nieqes mid-dibattiti u l-għarfien veru fuq il-grammatika. Dan il-metodu ta' tagħlim Hudson jiddeskrivih bħala "fragmentary, dogmatic and prescriptive" (2004, p. 106). Għal xi snin, it-tagħlim tal-grammatika Maltija lil studenti tal-L1 sar b'dan il-metodu. Kif jistqarru Ellul u Sammut: "mill-osservazzjonijiet li għamilna bħala studenti għalliema, aħna ntbaħna li t-tagħlim tal-Grammatika Maltija għadu, fil-maġġor parti tiegħu, tradizzjonali għall-aħħar" (2015, p. 15). Tant hu hekk li skonthom għadu "ffokat fuq l-użu ta' regoli, definizzjonijiet u terminoloġija; u metodoloġija li għadha tħares lejn it-tagħlim tal-grammatika bħala tagħlim ta' xi ħaġa mekkanika" (2015, p. 15). Għalhekk jidher li ġie injorat għalkollox il-fatt li "kelliema nattivi […] twieldu bi struttura mentali predisposta għat-tagħlim tal-lingwa" (Magro, 2017, p. 23). Dan jista' jkun li affettwa l-viżjoni ta' kif l-istudenti nattivi tal-Malti jħarsu lejn it-tagħlim tal-grammatika Maltija b'mod negattiv, jiġifieri li jispiċċaw ma jagħrfux kemm huma bżonjużi l-lezzjonijiet tal-grammatika.

Fl-1988 ġie introdott il-metodu tal-proċess tat-tinqija minn Camilleri. Dan il-metodu ġdid użat fit-tagħlim tal-grammatika tal-Malti kellu l-għan li "jirrispetta l-għarfien lingwistiku tal-istudent u l-filosofija edukattiva li tpoġġi lill-istudent fiċ-ċentru tat-tagħlim" (Camilleri Grima, 2020, p. 41). Jidher ċar li dan il-metodu huwa differenti mit-tagħlim tradizzjonali tal-grammatika li jirreferi għalih Hudson (2004). Fil-proċess tat-tinqija hemm iktar involviment tal-istudenti. Tant hu hekk li dan il-proċess jagħti importanza lill-għarfien u l-esplorazzjoni tal-istudenti fuq ir-regoli u l-proċessi mħaddma fil-grammatika Maltija. Micallef (1995) tisħaq

fuq kemm hu importanti li l-istudent ikun jista' "jimraħ, jiskopri l-gost tat-tagħlim, [u] jakkwista informazzjoni biex jaħzen aktar materjal […]" (p. 51).

Metodu ta' tagħlim ieħor li ġie żviluppat fl-aħħar snin huwa t-tagħlim b'mod differenzjat. Fix-xogħol tagħhom, Sammut u Ellul jagħtu d-definizzjoni ta' Calleja (2005), li tagħlim differenzjat huwa "proċess illi jpoġġi lill-persuna fiċ-ċentru tas-sistema edukattiva" (Sammut u Ellul, 2015, p. 31). Huma jirreferu wkoll għall-progress li sar fil-qasam edukattiv permezz ta' żviluppi u studji, anke psikoloġiċi. Dawn l-iżviluppi jagħrfu li l-idea ta' metodu wieħed li japplika għal kulħadd mhux possibbli għaliex "kull individwu kapaċi jitgħallem b'metodi differenti; insibu studenti li jafu aktar jippjanaw, oħrajn aktar diretti, oħrajn tekniċi […]" (Ellul u Sammut, 2015, p. 31).

### *2.4.1 Il-kunċett ta' Language Awareness*

Fit-teżi tagħhom, Sammut u Ellul jirreferu għall-kunċett ta' language awareness jew il-kuxjentizzazzjoni tal-lingwa bħala "kunċett illi jgħin lill-individwi jagħrfu l-lingwa li qed jużaw, u jsiru iktar konxji u aktar sensittivi lejn il-lingwa u r-rwol tagħha fil-ħajja" (2015, p. 12).

Koller (2018) tikteb li f'dawn l-aħħar tletin sena, il-kunċett ta' kuxjentizzazzjoni tal-lingwa kellu post ċentrali fit-tagħlim tal-lingwi. Dan serva bħala metodu innovattiv li jiżviluppa l-ħiliet metalingwistiċi tal-istudenti, sabiex dawn ikunu kapaċi jitkellmu fuq l-istrutturi tal-lingwa. Probabbilment żviluppa biex jieħu post it-tagħlim b'prinċipji preskrittivi. Sammut u Ellul saħqu li l-iskejjel għandhom ikunu l-katalisti li "jimmiraw lejn il-kuxjentizzazzjoni u l-għarfien" (2015, p. 12). Dan sabiex l-istudenti jfanndu l-għarfien tagħhom tal-lingwa nattiva u fil-proċess isiru konxji tal-għarfien li diġà għandhom u żviluppaw tul is-snin.

## 2.5 Il-livelli tal-proċess tat-tagħlim

Hemm diversi fatturi li jaffettwaw kif isir it-tagħlim fil-klassi; pereżempju l-abilitajiet differenti tal-istudenti f'suġġett partikolari, il-ħtiġijiet individwali ta' kull student, kif ukoll l-istili ta' tagħlim li jippreferu l-istudenti. Iżda bla dubju, l-għalliem ukoll jilgħab parti importanti fit-tagħlim li jsir, jew ma jsirx, fil-klassi.

Bell (1981) jipprovdi pjan fuq erba' livelli sabiex jispjega kif il-proċess ta' tagħlim jitlaq minn livell politiku u jasal sal-livell pedagoġiku fil-klassi. Fuq l-ewwel livell, li huwa dak politiku, Bell jispjega li kull tip ta' pjan għat-tagħlim ta' lingwa jibda mill-politiċi. Permezz ta' rapporti fil-qasam tal-edukazzjoni, il-politiċi jwieġbu l-mistoqsija liema lingwa/i se ngħallmu u lil min. It-tieni livell huwa dak lingwistiku. Mit-tabella li jippreżenta Bell, dan il-livell jinqasam fi tlieta: il-lingwisti puri li jipprovdu "scientific grammars" (1981, p. 25), il-lingwisti applikati, dawk li jipprovdu l-grammatiki pedagoġiċi billi jħarsu lejn liema metodi ta' tagħlim għandhom jitħaddmu u x'għandu jiġi mgħallem, u s-soċjolingwisti li janalizzaw il-bżonnijiet ta' gruppi differenti fis-soċjetà permezz ta' surveys.

It-tielet livell fit-tabella huwa dak psikoloġiku, li jinqasam fi tnejn; xogħol il-psikoloġista u xogħol il-psikolingwista, li jiżviluppaw it-teoriji tat-tagħlim u jipprovdu stħarriġ fuq il-metodi differenti ta' tagħlim. L-aħħar livell u l-iktar wieħed importanti skont Bell, huwa dak pedagoġiku. Dan il-livell huwa magħmul minn żewġ oqsma, wieħed li jinkludi edukaturi professjonali li jikkoordinaw is-sillabu, il-programmi ta' tagħlim, kif ukoll il-kotba li jintużaw mill-istudenti u l-ieħor jinkludi l-għalliema fil-klassi. Jgħid li l-għalliema fil-klassi huma dawk li għandhom it-tmun f'idejhom. Għaldaqstant, l-għalliema huma dawk li jiddeċiedu kif se jsir it-tagħlim u japplikaw u jimmodifikaw il-kotba użati bħala test.

## 2.6 Kif għandu jsir it-tagħlim tal-grammatika fil-Malti?

Bell (1981) jistqarr li, finalment, l-għalliem tal-klassi għandu r-responsabbiltà li jattiva u jħaddem is-sillabu flimkien mal-istudenti. Għalhekk jistqarr li "the sole preoccupation – as a teacher – is with methodology i.e. *how* to teach" (1981, p. 27). Dan l-argument ta' Bell jista' jidher li qiegħed jissimplifika żżejjed ix-xogħol tal-għalliem għaliex jista' jinftiehem li l-"kif" isir it-tagħlim huwa proċess li għandu jkun waħdieni, sħiħ u dirett. Iżda fl-istess xogħol jikkummenta li ma teżisti l-ebda formula maġika li tagħti l-potenzjal lill-istudenti li jitgħallmu lingwa perfettament. M'għandniex xi ngħidu, dan il-punt japplika wkoll għat-tagħlim tal-grammatika għaliex ma teżistix formula waħda u unika li tispjega kif għandu jsir it-tagħlim għall-istudenti kollha.

Mill-ftit esperjenza li ksibt waqt il-perjodu tat-taħriġ prattiku, stajt nesperimenta u napplika l-għarfien tiegħi fuq it-tagħlim tal-grammatika mal-istudenti tal-Malti tal-L1. Minn dan it-taħriġ prattiku kkonkludejt li l-aktar metodu effettiv fit-tagħlim tal-grammatika tal-Malti kien proprju meta l-grammatika kienet ippreżentata lill-istudenti f'kuntest. Nista' ngħid li dan il-metodu ħadem mal-maġġoranza tal-istudenti, li kellhom kompetenzi differenti fil-Malti u ħiliet varji.

### *2.6.1 It-tagħlim tal-grammatika f'kuntest*

Thornbury enfasizza li "language is context-sensitive" (1999, p. 69). B'dan ried ifisser li meta ma jkollokx il-kuntest, huwa diffiċli li tifhem it-tifsira ta' kelma partikolari jew frażi f'sentenza. Biex isaħħaħ dan l-argument ippreżenta għadd ta' sentenzi differenti li jinkludu l-kelma "word" u li din fiha tifsiriet differenti f'kull sentenza għaliex il-kuntest ivarja. Mingħajr

il-kuntest li joffru s-sentenzi, huwa impossibbli li wieħed jislet it-tifsira tal-kelma u l-funzjoni tagħha f'kull sentenza.

L-argument li jippreżenta Thornbury (1999) huwa li, ħafna drabi, niżbaljaw meta naħsbu li biex ngħallmu l-grammatika ta' lingwa rridu nisiltu l-kliem jew il-frażijiet, li juru xi aspett grammatikali, 'il barra mill-kuntest lingwistiku. Minkejja dan, kien konxju li iktar faċli li ssir analiżi tal-grammatika meta jintużaw eżempji bla kuntest, iżda jistqarr li "taking words, sentences, and texts out of context threatens their intelligibility" (p. 71).

Għalhekk, waħda mill-proposti ta' Thornbury (1999) kienet li l-grammatika tiġi mgħallma permezz ta' test, li jkun meħud mit-taħdit ta' kuljum. Test jista' jieħu diversi forom, bħall-kitba li nsibu fuq il-kartolini, il-kummentarju waqt logħba futbol, is-sinjaletika fit-toroq u ċ-ċajt. L-idea li t-tagħlim tal-grammatika jkun imsejjes fuq eżempji ppreżentati f'kuntest, b'mod speċjali minn taħdit meħud mill-ħajja ta' kuljum, jagħmel l-eżempji u t-tagħlim iktar awtentiċi. Sammut u Ellul (2015) jikkummentaw li l-istudenti nattivi tal-Malti jistgħu jibnu fuq dan il-vantaġġ li għandhom billi t-tagħlim tal-grammatika "jkun mibni fuq riflessjonijiet u analiżi li jinħarġu minn kuntesti differenti" (p.12). Il-proċess tat-tinqija ppreżentat minn Camilleri (1988) huwa metodu li jibbaża fuq elementi tal-grammatika tal-lingwa f'kuntest.

### *2.6.2 L-użu taċ-ċajt (bħala l-kuntest) għall-introduzzjoni tal-lezzjoni tal-grammatika*

Bosta studjużi, bħal Svalberg (2001), Blundson et al. (2003) u Hudson (2004) jiddiskutu l-aħjar modi u metodi ta' kif għandha tiġi mgħallma l-grammatika lill-istudenti tal-L1.

Blundson et al. (2003) jirreferu għall-fatt li l-pjaċir waqt il-proċess tat-tagħlim kapaċi jwassal għal titjib fl-abiltajiet tal-istudenti. Għalhekk, ir-rabta bejn l-użu taċ-ċajt u l-lezzjonijiet tal-grammatika hija waħda ċara – iċ-ċajt jista' jservi ta' metodu kif il-lezzjoni tal-grammatika

ssir interessanti u motivanti għall-istudenti tal-L1. Pozsonyi u Soulstein (2019) jisħqu li f'diversi fergħat tal-edukazzjoni u tal-pedagoġija hemm qbil unanimu dwar l-utilità tal-umoriżmu bħala għodda pedagoġika. Fix-xogħol tagħhom, Kavandi u Kavandi (2016) jirreferu għal kif, skont Wanzer u Frymier (1999), l-użu tal-umoriżmu u ċ-ċajt fil-klassi jwassal għal diversi benefiċċji, fosthom li l-istudenti jħossuhom komdi, iżommhom attenti u jikxef il-lat uman tal-għalliem/a. Brown (2007) tistqarr li "humor not only lightens the atmosphere but it also lets students know that learning can be fun" (p. 50). Għalhekk, dan jista' jwassal ukoll għal tisħiħ fir-relazzjoni bejn l-istudent/a u l-għalliem/a.

Lil hinn minn dan l-aspett motivanti waqt il-lezzjoni, l-użu tal-umoriżmu, jew taċ-ċajt, jista' jkollu benefiċċji ulterjuri fil-lezzjoni tal-grammatika. Farrugia (2020) tistqarr li, minbarra l-funzjoni ewlenija li jdaħħak, iċ-ċajt jista' "jservi bħala mod effettiv kif wieħed jitgħallem lingwa" (p. 5). Billi ċ-ċajt huwa msejjes fuq il-lingwa, fiċ-ċajta awtomatikament jeżistu aspetti tal-grammatika li qegħdin jiġu mħaddma; pereżempju l-użu tal-pronomi interrogattivi u dimostrattivi u l-verbi fl-imperattiv u n-negattiv. B'hekk, iċ-ċajt ma jaqdix biss funzjoni waħda f'lezzjoni tal-grammatika, iżda potenzjalment tnejn.

Fi tmiem ix-xogħol tagħha 'From "That's correct" to "Let's explore"', Camilleri Grima (2009) tippreżenta tliet punti metodoloġiċi għal kif l-għalliema jistgħu jippjanaw lezzjoni tal-grammatika fil-klassi tal-L1. Tissuġġerixxi li: (i) l-approċċ tal-lezzjoni għandu jkun induttiv, jiġifieri l-għalliema tippreżenta test, waqt li tmexxi lill-istudenti biex josservawh u janalizzawh u joħorġu b'ipotesi; (ii) il-lingwa għandha tiġi ppreżentata f'kuntest, u; (iii) il-grammatika tiġi ppreżentata bħala gost (pp. 124-127). Ma' dan il-punt tal-aħħar, Camilleri Grima tippreżenta għadd ta' attivitajiet pjaċevoli li studenti għalliema pruvaw waqt il-lezzjonijiet tal-Malti u rnexxew. Hawnhekk nemmen li jista' jieħu postu ċ-ċajt għaliex isir mezz kif l-istudenti jistgħu

janalizzaw test (ċajta) u josservaw liema aspetti tal-grammatika hemm imħaddma fiha. Fl-istess waqt, iċ-ċajt ma jonqosx milli joffri esperjenza pjaċevoli fil-klassi, dak li jnissel tbissima u jagħti gost.

Camilleri Grima (2009), b'referenza għal-lista ta' attivitajiet, tgħid li dawn huma intenzjonati biex jintroduċu topiks tal-grammatika b'tali mod li l-istudenti: (i) jieħdu gost u jimmotivawhom biex jitgħallmu; (ii) jesperjenzaw informazzjoni f'kuntest; (iii) jesploraw il-lingwa, u; (iv) ikunu fiċ-ċentru tal-proċess tat-tagħlim (p. 127).

### *2.6.3 X'jagħmel iċ-ċajt test tajjeb għat-tagħlim tal-grammatika?*

B'ħarsa lejn il-proċess tat-tinqija u t-tliet punti metodoloġiċi li tippreżenta Camilleri Grima (2009), jidher ċar li ċ-ċajt għandu kulma hemm bżonn biex ikun inkluż fit-tagħlim tal-grammatika b'mod prattiku u effettiv. Hawn taħt qed inniżżel xi punti ewlenin.

#### *Meħud mill-ħajja ta' kuljum*

Farrugia (2020) tikkummenta kif iċ-ċajt "li jinħoloq u jintqal (jew jinkiteb) f'soċjetà partikolari, x'aktarx jirrifletti dik is-soċjetà [...]" (p. 11). Għalhekk nistgħu ngħidu li ċ-ċajt huwa rifless tas-soċjetà li jissawwar fiha u l-ambjent u l-ispazju fiċ-ċajt Malti, ħafna drabi, huwa meħud mill-ħajja ta' kuljum tagħna l-Maltin. Għalhekk, iċ-ċajt bħala test użat fil-klassi jmiss aspetti soċjali li huma komuni u magħrufin mal-istudenti nattivi tal-Malti.

Mill-analiżi ta' kampjun ta' ċajt bil-Malti, Farrugia sabet li s-sitwazzjonijiet tipiċi f'ċajta Maltija jinkludu wkoll "ċajt mill-bank tal-iskola, bejn student u għalliem" (2020, p. 42). X'aktarx, meta dan it-tip ta' ċajt (adatt għall-età tal-istudenti) ikun użat fil-klassi, hemm ċans li jqanqal interess fost l-istudenti għax huma familjari mal-kuntest taċ-ċajta. Cheung (2001)

jiddiskuti li l-użu tal-kultura popolari fil-klassi, pereżempju ċ-ċajt, huwa wieħed mill-modi kif il-klassi tingħata l-ħajja. Barra minn hekk, Cheung (2001) ikompli li meta l-għalliema jużaw eżempji meħudin mill-ħajja ta' kuljum, tkun eħfef għall-istudenti biex isegwu l-lezzjoni u jifhmu dak li għandhom quddiemhom.

### *Test qasir u dirett*

Farrugia (2020) tispjega li t-tul taċ-ċajta jvarja, għaliex insibu ċajt f'forma ta' rakkont u ta' djalogu. B'mod ġenerali, iċ-ċajta mhijiex test twil meta mqabbla ma' testi oħrajn minħabba l-aspett orali tagħha. Għaldaqstant, meta ċ-ċajt jiġi ppreżentat bħala test fil-klassi, biex iservi ta' kuntest fil-proċess tat-tinqija, dan jista' jkun effettiv mal-istudenti. Il-qosor ta' din ir-riżorsa li qed nipproponi hija ideali fil-ħajja tal-lum, meta l-ħin tal-attenzjoni tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ naqas.

Billi ċ-ċajt huwa qasir u dirett, u billi llum il-kompjuter huwa għodda disponibbli għall-għalliem, faċli jiġi adattat u pprintjat fuq nota jew karta tat-taħriġ tal-istudenti mingħajr ma jieħu wisq spazju. Bl-istess mod, ċajta tista' tintwera fuq il-bord interattiv tal-klassi.

### *Fih elementi mħaddma tal-grammatika*

Camilleri Grima (2020) tirreferi kif l-istudju deskrittiv tal-grammatika li jsir mil-lingwisti jiffoka fuq l-aspett sintattiku u morfoloġiku tal-lingwa. Farrugia (2020) tirreferi għal kif Servaitė (2005) jistqarr li ċ-ċajt "[...] jinqeda b'elementi minn kull livell lingwistiku, mill-fonoloġija sas-sintassi, mill-morfoloġija sas-semantika" (2020, p. 5). Għalhekk, iċ-ċajt bla dubju fih l-element sintattiku u morfoloġiku li ssemmi Camilleri Grima.

Ladarba ċ-ċajt hu bbażat fuq rakkont, allura huwa mibni minn diversi sentenzi. Għaldaqstant, fiċ-ċajt hemm aspetti sintattiċi involuti bħal; sentenzi sempliċi u, xi drabi, sentenzi kumplessi u transittivi. Barra minn hekk, fiċ-ċajt insibu wkoll xi aspetti morfoloġiċi, bħat-temp tal-verbi u n-negattiv, kif jidher miċ-ċajta t'hawn taħt:

| |
|---|
| **21.** Darba kien hemm tnejn tal-MUSEUM li kienu għaddejjin isuqu mutur b'veloċità kbira. Rahom pulizija tat-traffiku, waqqafhom u qalilhom: "Se nagħtikom ċitazzjoni. Ma tistgħux issuqu b'din il-veloċità. Ma tafux kemm hu perikoluż?"<br>Wieħed minn dawk ta' fuq il-mutur qabeż u qal: "Pulizija aħna m'aħniex se naħbtu għax għandna 'l Ġesù magħna."<br>"Issa żgur li se nagħtikom ċitazzjoni," kien pront qalilhom il-pulizija.<br>"Għaliex?" staqsa l-ieħor ta' fuq il-mutur.<br>"Għax ma tistgħux tirkbu aktar minn tnejn fuq mutur" kienet it-tweġiba tal-pulizija.<br>(Ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 85) |

F'ċajta 21 insibu diversi elementi grammatikali, bħan-negattiv tal-verbi; "ma tistgħux," "ma tafux" u "m'aħniex." Barra minn hekk, f'din iċ-ċajta hemm ukoll żewġ tempi differenti tal-verb; pereżempju "se naħbtu" u "se nagħtikom" fil-futur, waqt li "qabeż," "qalilhom" u "staqsa" huma fil-perfett.

Fix-xogħol *Grammar with Laughter*, George Woolard (1999) jippreżenta għadd ta' eżerċizzji tal-grammatika mibnija fuq iċ-ċajt. Dawn l-eżerċizzji huma mmirati bħala reviżjoni wara li l-għalliema jkunu għamlu t-tagħlim meħtieġ ta' xi suġġett fil-klassi. Fil-ktieb hemm karti tat-taħriġ ibbażati fuq iċ-ċajt, imqassmin f'taqsimiet differenti tal-grammatika. Ngħidu aħna, taqsima sitta hija fuq l-artiklu u ta' wara hija fuq l-aġġettiv u l-avverbju. Fl-introduzzjoni tal-ktieb, Woolard (1999) jikkummenta li r-riżorsi mibnija fuq l-umoriżmu għandhom diversi

benefiċċji; fosthom isemmi li permezz ta' dawn l-eżerċizzji l-istudenti jistgħu jipprattikaw b'mod spontanju u jsaħħu l-ħiliet tal-grammatika.

Il-fatt li ċ-ċajt għandu elementi differenti tal-grammatika mħaddma f'kuntest jagħmluh test fidil lejn il-lingwa użata fil-ħajja ta' kuljum. Dan huwa wieħed mill-fatturi neċessarji fl-għażla ta' test għall-proċess tat-tinqija biex it-tifsil tal-lezzjoni jkun jista' jsir b'mod induttiv. L-istudenti jkollhom iċ-ċans li jisiltu l-elementi partikolari tal-grammatika li jkunu se jiffukaw fuqhom f'dik il-lezzjoni, kif tissuġġerixxi Camilleri Grima (2009).

***Jgħallem ukoll għarfien ieħor***

Iċ-ċajt hu parti integrali mit-taħdit fis-soċjetà għax ikun inħoloq mill-individwi ta' dik is-soċjetà. Għalhekk ir-rakkont, ħafna drabi, ikun ispirat minn dik il-komunità partikolari li nħoloq fiha, għalkemm mhux esklussivament. Għaldaqstant, iċ-ċajt użat fil-proċess tat-tinqija jista' jgħin lill-istudenti jsiru familjari ma' xi oqsma tipiċi tal-ħajja tagħna l-Maltin u mal-vokabularju marbut magħhom. Dan hu utli għaliex ħafna mill-vokabularju marbut mal-isnajja' qed imut jew jinqata' mit-taħdit ta' kuljum. X'aktarx li kliem bħal "lant," "kuntrattur", "ċnagen", "għarbel", "xaħx" u "għarbiel" li jidhru f'ċajta 90, l-istudenti mhux se jkunu familjari miegħu. Għalhekk l-użu taċ-ċajt jista' joffri ftit għarfien bażiku marbut ma' dawn is-snajja', fil-każ taċ-ċajta t'hawn taħt għarfien marbut mal-vokabularju tas-sengħa tal-bini. Dan l-għarfien l-istudenti jistgħu jkomplu jirfduh f'lezzjonijiet tal-oqsma u l-ħiliet l-oħra tal-lingwa.

**90. Alternattiva**

Kienu fuq il-lant tax-xogħol, u l-kuntrattur lemaħ ħaddiem qed jiskarta.

“Għax ma taqbadx u tneħħi ftit ċnagen min-nofs," qal il-kuntrattur lill-ħaddiem.

“Ħallini, Ma nafx x'għandi llum. Hawn, arani qed nirtogħod,” qallu l-ħaddiem.

“F’dak il-każ aqbad għarbel ftit xaħx bl-għarbiel,” qallu l-kuntrattur.

(Ċajta meħuda mill-ktieb *Ejjew nidħku ftit ieħor ma’ Charles Clews,* miġbur u editjat minn Toni Sant.

Minbarra dawn l-erba’ punti ewlenin li jagħmlu ċ-ċajt test prattiku għall-użu tat-tinqija, test bħal dan jista’ jqanqal sens ta’ pjaċir fost l-istudenti. Dan huwa wieħed mill-punti li ssemmi Camilleri Grima (2009). L-użu taċ-ċajt jaf iqanqal lill-istudenti u jimmotivahom aktar waqt il-lezzjoni tal-grammatika u ma jibqgħux iħarsu lejha bħala esperjenza dimotivanti. Barra minn hekk, l-istudenti b’dan it-tagħlim tal-lingwa f’kuntest jibqgħu dejjem huma fiċ-ċentru tal-edukazzjoni u jkollhom iċ-ċans jesploraw il-lingwa tagħhom, anke b’mod pjaċevoli.

# It-Tielet Kapitlu: Il-Metodoloġija

L-iskop ewlieni ta' dan ix-xogħol huwa li nesplora l-idea kif l-umoriżmu u ċ-ċajt jistgħu jservu ta' introduzzjoni motivanti għal-lezzjoni tal-grammatika. Minn hawn joħroġ it-tieni għan tal-istudju, jiġifieri li nuri kif iċ-ċajt jista' jservi ta' kuntest għall-ewwel fażi tal-proċess tat-tinqija. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet nanalizza korp ta' ċajt bil-Malti minn perspettiva lingwistika u nfittex il-mekkaniżmi tal-grammatika mħaddma. Wara l-analiżi nuri kif iċ-ċajt imsejjes fuq dawn il-mekkaniżmi jista' jaqdi l-funzjoni ta' test li jiġi analizzat mill-istudenti nfushom.

Dan il-kapitlu huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti se niddiskuti fil-qosor l-għejun prinċipali li minnhom ġbart iċ-ċajt għall-analiżi lingwistika. Wara nispjega l-proċess kif għażilt iċ-ċajt, kif ikkategorizzajtu u kif evalwajtu. Fit-tieni parti ta' dan il-kapitlu nikkummenta fuq il-proċess tat-tinqija u fuq kif iċ-ċajt jista' jservi ta' kuntest motivanti għall-ewwel parti ta' dan l-istess proċess.

**3.1 Is-sorsi**

Biex inkun nista' nwettaq l-analiżi fuq iċ-ċajt, kelli niġbor kampjun kemm jista' jkun imdaqqas. Billi fl-ewwel teżi tiegħi tal-BA (Unuri) ġbart kampjun ta' mitt ċajta, diġà kelli sors li stajt norbot fuqu li minnu stajt nislet ċajt għal dan il-kampjun.

Għalhekk, is-sors ewlieni li minnu ġbart iċ-ċajt kien proprju l-kampjun ta' ċajt tal-ewwel teżi. Dan il-kampjun kien jinkludi ċajt mill-kotba: *Ktieb id-daħq* (1996) ta' Joseph Michael Vella*; Ta' Lanqas Tbissem* (1998) ta' Anton Ghio; *Tilqima bi Tbissima* (2018) ta' William Grech, kif ukoll; *Ejjew Nidħku Ftit Ieħor ma' Charles Clews* (2019) miġbur u editjajt minn Toni Sant. Minbarra dawn il-kotba, il-kampjun jinkludi wkoll ċajt mir-rivista *Sagħtar* u

ċajt meħud mit-teżi *Logħob bil-Lingwa* (2010) ta’ Ilona Masini. Dan il-kampjun jinkludi wkoll ċajt miġbur minn attivitajiet fejn ġie rrakkuntat iċ-ċajt u saħansitra ċajt meħud minn gruppi fuq Facebook.

Biex inkompli nlaħħam il-kampjun tiegħi, minbarra l-ġabra ġmielha li diġà kelli, żidt iktar ċajt mir-rivista *Sagħtar*. B’xorti tajba għal dan l-istudju, fl-2020 ir-rivisti antiki ta’ *Sagħtar* u ħarġiet riċenti ttellgħu fuq is-sit ta’ Fondazzjoni Sagħtar u għalhekk kelli aċċess faċli biex nara t-taqsima ddedikata liċ-ċajt. Billi l-għan tiegħi kien li b’din il-ġabra nanalizza kampjun ta’ ċajt li jista’ jintuża fl-introduzzjonijiet tal-lezzjonijiet, fittixt l-aktar ċajt marbut mal-ambjent tal-iskola. Fortunatament, iċ-ċajt li jkun inkluż fir-rivista *Sagħtar* ħafna drabi jkun ta’ din ix-xorta. Il-kampjun finali li nippreżenta fl-appendiċi huwa dak ta’ 120 ċajta.

### 3.2 L-għażla taċ-ċajt

Minkejja li l-ewwel teżi tiegħi kienet tinvolvi ġabra ġmielha ta’ ċajt, xorta waħda kelli nagħmel proċess ta’ għażla rigward liema ċajt se nżomm għal dan il-kampjun il-ġdid u liema se neskludi. Dan minħabba li mhux kull ċajta li kelli fil-ġabra preċedenti kienet tgħodd għall-għan ta’ dan l-istudju.

Għaldaqstant, użajt sistema ta’ għarbiel li permezz tagħha stajt niddeċiedi liema ċajt se ninkludi f’din il-ġabra. Din is-sistema kienet tinkludi tliet kriterji li se nitkellem iktar fuqhom hawn taħt.

#### ***Ċajt ħieles minn referenzi sesswali***

L-ewwel kriterju li użajt kien li neskludi ċ-ċajt li jinkludi xi aspetti jew konnotazzjonijiet sesswali. L-iskop tal-ġabra kien li nanalizza aspetti tal-grammatika preżenti fiċ-ċajt biex nippreżenta lill-għalliema tal-Malti sors ta’ kuntesti motivanti li jistgħu jsibuhom utli għall-użu

tat-tagħlim tal-grammatika fil-klassi. Għaldaqstant, ċajt li jdur madwar is-suġġett tas-sess jew jinvolvi xi referenzi sesswali eskludejtu kompletament.

***Ċajt ħieles minn sitwazzjonijiet sterjotipiċi***

It-tieni kriterju kien li l-kuntest taċ-ċajta jkun ħieles, kemm jista' jkun, minn ċerti sterjotipi esaġerati jew sitwazzjonijiet li jistgħu jġiegħlu lill-istudenti jħossuhom skomdi. Ħafna drabi is-sitwazzjonijiet tipiċi fiċ-ċajt iduru ma' diversi oqsma tal-ħajja. Kif tikkummenta Farrugia (2020), "is-sitwazzjonijiet jinkludu appuntamenti għand it-tabib jew dentist, u ċ-ċajta tiżvolġi fi djalogu bejn il-professjonista tas-saħħa u l-pazjent, u ċajt mill-bank tal-iskola, bejn student u għalliem" (p. 42).

Minkejja n-natura taċ-ċajt li jinkludi diversi sitwazzjonijiet meħudin mill-ħajja ta' kuljum, ippruvajt nagħżel ċajt li ma jkunx fih elementi ta' sterjotipi. Minkejja dan, ħarist lejn l-aspett motivanti u umoristiku taċ-ċajt; ma qgħadtx lura milli ninkludi ċajt marbut mal-qasam mediku u ċajt mibni fuq sitwazzjonijiet meħudin mill-qasam polizjesk.

***Ċajt li jkollu biżżejjed strutturi tal-grammatika***

It-tielet kriterju kien li ċ-ċajt ikollu biżżejjed strutturi tal-grammatika li l-għalliema tista' tkompli tibni fuqhom u taddatta għall-iskopijiet tal-lezzjonijiet. Billi hemm tendenza li t-test ta' ċajta jkun qasir, waqt il-proċess tal-għażla ltqajt ma' ċajt mibni fuq test qasir. Iltqajt ma' ċajt li Farrugia (2020) tirreferi għalih bħala ċajt "mibni […] f'forma ta' mistoqsija u risposta" bħal din t'hawn taħt:

| |
|---|
| **3.** Għala nies qosra ma jlestux l-affarijiet fil-ħin?<br><br>Għax ma jlaħħqux.<br><br>Ċajta meħuda minn fuq Facebook |

Minkejja li dan it-tip ta' ċajt huwa relattivament qasir meta tqabblu ma' ċajt ieħor, xorta waħda jinkludi mekkaniżmi tal-grammatika. Pereżempju, f'ċajta numru 3 t'hawn fuq, insibu l-verb użat fin-negattiv fil-frażijiet "ma jlestux" u "ma jlaħħqux." Kien għalhekk li f'din il-ġabra ta' ċajt ma warrabtx ċajt qasir, sakemm kellu biżżejjed strutturi tal-grammatika li jistgħu jiġu żviluppati f'test itwal.

### 3.3 L-analiżi taċ-ċajt

Wara l-proċess ta' tgħarbil u ġbir ta' mija u għoxrin ċajta, kien imiss il-proċess tal-analiżi taċ-ċajt. Mill-kampjun imdaqqas li ġbart stajt ninnota li kien hemm xi mekkaniżmi lingwistiċi rikorrenti fiċ-ċajt. Għalhekk, waqt l-analiżi osservajt sew liema strutturi u mekkaniżmi tal-grammatika huma mħaddma f'kull ċajta. Billi xi ċajt kien jinkludi diversi mekkaniżmi lingwistiċi, niżżilthom kollha.

#### *It-tqassim taċ-ċajt*

Wara li l-proċess tal-analiżi intemm u kelli kampjun ta' ċajt, flimkien mal-mekkaniżmi lingwistiċi ewlenin li jidhru f'kull ċajta, stajt ngħaddi għall-proċess tat-tqassim taċ-ċajt. Minħabba raġunijiet ta' preżentazzjoni, iddeċidejt li nippreżenta l-kampjun f'tabella ta' tliet kolonni. Fl-ewwel kolonna niżżilt in-numru allokat għal kull ċajta. Fit-tieni kolonna niżżilt iċ-ċajt innifsu u fit-tielet kolonna inkludejt is-sors minn fejn hi meħuda ċ-ċajta. Minbarra dan it-tqassim taċ-ċajt f'tabelli, kelli nieħu deċiżjoni fuq l-ordni ta' kif se npoġġi ċ-ċajt wara xulxin. Dan kien meħtieġ biex nippreżenta ċ-ċajt f'xi tip ta' ordni fl-Appendiċi. Għalhekk, iddeċidejt li ċ-ċajt niġbru skont l-ordni alfabetika tas-sors.

Waqt ir-reviżjoni tal-kampjun innutajt li xi ċajt ma kienx ċar, speċjalment għax kien jinkludi xi sentenzi li ma jagħmlux sens, u jaf itellef lill-għalliema u lill-istudenti. Għaldaqstant, ħassejt li xi sentenzi jistgħu jkunu aktar ċari u wettaqt xi tibdiliet żgħar fejn ħassejt il-bżonn

biex ir-rakkont ikun mexxej għal min se juża dawn ir-riżorsi. Xi ċajt kien jinkludi titli bl-Ingliż; pereżempju ċajta 107 kellha t-titlu **Misunderstanding**. F'dawn il-każi tajt verżjoni Maltija tat-titlu, pereżempju f'ċajta 107 bdilt it-titlu għal **Nuqqas ta' Ftehim**. Madankollu, il-kolonna tas-sors fl-Appendiċi sservi ta' referenza biex min jixtieq xorta jkollu aċċess għaċ-ċajta oriġinali.

***Is-suġġerimenti***

Wara l-analiżi lingwsitika u l-preżentazzjoni taċ-ċajt, kien imiss li nissuġġerixxi kif iċ-ċajt jista' jintuża fil-lezzjonijiet. Iddeċidejt li nħares lejn l-istrutturi tal-grammatika li kienu rikorrenti f'ħafna miċ-ċajt u nfassal il-pjanijiet tal-lezzjonijiet. Is-suġġerimenti tal-pjanijiet tal-lezzjoni jinsabu f'Kapitlu 5.

B'kollox iddeċidejt li noħloq ħames pjanijiet, ibbażati fuq il-ħames strutturi l-iktar preżenti fiċ-ċajt tal-kampjun tiegħi. Għal kull pjan ta' lezzjoni pprovdejt ħames suġġerimenti ta' introduzzjonijiet tal-lezzjoni msejsa fuq iċ-ċajt. Barra minn hekk issuġġerejt ukoll modi kif iċ-ċajt jista' jintuża għall-iżvilupp tal-lezzjoni. L-unika eċċezzjoni jkun il-pjan ta' lezzjoni tal-aġġettiv komparattiv u superlattiv li għalih nippreżenta erba' suġġerimenti u mhux ħamsa.

L-iskop kien li nipprovdi alternattivi ta' ċajt differenti li jista' jiġi addattat għall-introduzzjonijiet bħala parti mill-proċess tat-tinqija, b'mod faċli u effiċjenti.

### 3.4 L-importanza tal-introduzzjoni tal-lezzjoni

Bell (1981) jirreferi għall-għalliema bħala dawk li, fl-aħħar mill-aħħar, għandhom ir-responsabbiltà biex jattivaw is-sillabu fil-klassi flimkien mal-istudenti tagħhom. Għalhekk, wieħed mid-dmirijiet tal-għalliema huwa proprju li jsarrfu dak li hemm miktub fis-sillabu fi

pjan ta’ ħidma mqassam fuq għadd ta’ ġimgħat. Wara jkun imiss li l-pjan ta’ ħidma jiġi implimentat f’lezzjonijiet individwali.

Crosthwaite et al. (2021) jirreferu għall-ippjanar tal-lezzjoni bħala attività kumplessa li tinvolvi t-teħid ta’ deċiżjonijiet, ġudizzji professjonali, soluzzjonijiet għall-problemi u, fuq kollox, ħsieb pedagoġiku. Camilleri Grima u Portelli (2017) jikkummentaw li “f’lezzjoni, l-għalliem irid jinseġ flimkien aspetti varji, kultant imbiegħda minn xulxin, imma li jidħlu f’xulxin b’mod naturali bil-għan li l-istudenti jitgħallmu” (2017, p. 34). Għalhekk li tippjana lezzjoni mhuwiex proċess sempliċi.

Portelli (2020) jirreferi għal żewġ punti ta’ tluq kif l-għalliema jibdew iħejju pjan ta’ lezzjoni; il-mod “sekwenzjali” u l-mod “arbitrarju” (p. 91). Pjan ta’ lezzjoni li jiġi mħejji b’mod sekwenzjali, kif jissuġġerixxi l-isem, jimxi ma’ ċertu ordni u huwa sistematiku. Iżda, Portelli (2020) jistqarr li fir-realtà, il-punt ta’ tluq fit-tħejjija ta’ lezzjoni x’aktarx ma jkunx sekwenzjali. Portelli jistqarr li jista’ jagħti l-każ li “l-għalliema jkollhom xi riżorsa tajba u jinsġu lezzjoni madwarha” jew anke “jitnebbħu minn xi suġġeriment ta’ xi ħadd [...]” (p. 92). Dan il-metodu, imsejjaħ “arbitrarju”, Portelli jiddeskrivih bħala “aktar flessibbli, eklettiku u dinamiku” (2020, p. 92). Minkejja li jeżistu dawn iż-żewġ metodi differenti, iżid li huwa importanti li l-għalliema jaddottaw wieħed minnhom biex ikunu jistgħu jħejju pjan ta’ lezzjoni u b’hekk “jiftħu u jwittu t-triq ta’ tagħlim effettiv lill-istudenti” (Portelli, 2020, p. 92). Barra minn hekk, bi pjan ta’ lezzjoni maħsub sew, hemm tendenza li l-lezzjoni timxi iktar b’mod ħarir (Ashcraft, 2014).

**3.5 L-istruttura ta’ lezzjoni**

B’mod ġenerali, lezzjoni hija magħmula “tal-inqas minn tliet stadji ewlenin: il-ftuħ, l-iżvilupp, u l-għeluq” (Portelli, 2020, p. 108). L-istudjużi Fautley u Savage (2014) jirreferu għal din il-formula bħala “three-part lesson” (p. 8). Kif jistqarr Portelli, dawn l-istadji kollha

għandhom funzjoni partikolari x'jaqdu, "fil-qafas sħiħ ta' lezzjoni" (2020, p. 109). Minkejja l-fatt li kull stadju tal-lezzjoni huwa importanti biex jintlaħaq l-għan tal-lezzjoni, il-"ftuħ" tal-lezzjoni huwa stadju importanti. Kif jgħid il-Malti, "l-ewwel ma tiekol, l-għajn". L-introduzzjoni tal-lezzjoni huwa l-mument li fih l-istudenti se jieħdu l-ewwel impressjoni tal-lezzjoni li se ssegwi.

Il-funzjoni tal-ftuħ tal-lezzjoni tista' tvarja. Skont Walker (2008), l-għan tal-introduzzjoni hu li tagħti lill-istudenti togħma ħafifa tal-lezzjoni u tħeġġiġhom jaħsbu. Tistqarr li l-introduzzjoni tista' tkun magħmula minn attività li fiha l-għalliema tipprova tqanqal il-memorja tal-istudenti sabiex tara x'jiftakru mil-lezzjoni ta' qabel. Għalhekk, "l-għalliem għandu jaħseb xi ħaġa li, fis-sempliċità tagħha, tinteressa lill-istudenti u tiffukalhom l-attenzjoni fuq is-suġġett li jkun se jgħallem" (Camilleri Grima u Portelli, 2017, p. 38).

It-tieni stadju tal-lezzjoni, li Portelli (2020) jirreferi għalih bħala l-iżvilupp, jinqasam f'diversi passi. Skont Camilleri Grima u Portelli (2017) dawn il-passi "jintrabtu ma' attività li tiżviluppa sabiex tesplora b'mod sħiħ is-suġġett magħżul" (p. 38). Jikkummentaw li l-mixja minn pass għal ieħor fl-iżvilupp tal-lezzjoni għandha tkun naturali biex finalment jintlaħaq l-għan.

L-aħħar stadju huwa l-għeluq tal-lezzjoni, li fih jinġabru l-punti ewlenin ta' dak li jkun sar. Camilleri Grima u Portelli (2017) jisħqu li fl-aħħar stadju, l-għalliem "irid jivverifika għall-aħħar darba li l-għan tal-lezzjoni ntlaħaq" (p. 39).

### 3.6 Għaliex l-introduzzjoni hija parti importanti mil-lezzjoni?

Haynes (2010) jistqarr li "the most important phase of the lesson is the beginning" (p. 99). Camilleri Grima u Portelli (2017) jżidu li "l-ewwel ftit minuti ta' kull lezzjoni huma kruċjali"

għaliex fihom "l-għalliem se jirbaħ jew jitlef lill-istudenti" (p. 38). Portelli jissuġġerixxi li fid-daħla l-għalliema għandhom "jippruvaw jiġbdu u jiffukaw l-attenzjoni tal-istudenti" (2020, p. 109). Għaldaqstant, l-introduzzjoni mhijiex biss stadju, imma hija importanti għall-iżvilupp tal-bqija tal-lezzjoni. Fost id-diversi raġunijiet għaliex il-ftuħ tal-lezzjoni huwa importanti, insibu l-punti li ġejjin.

***Tiġbed l-attenzjoni tal-istudenti***

Fil-klassi tal-iskola medja u sekondarja, wara xi brejk, wara vjaġġ minn klassi għal oħra jew meta jirritornaw minn xi ħarġa, l-istudenti jkunu daqsxejn diżorjentati u sakemm ipoġġu bilqiegħda u jħejju ruħhom għal-lezzjoni li jmiss, huwa normali li jkunu ftit mitlufin. F'sitwazzjoni bħal din, il-bidu tal-lezzjoni huwa l-punt ta' tluq biex l-istudenti jissetiljaw u jiffukaw fuq il-lezzjoni li tkun bdiet u, kemm jista' jkun, ma jkunx hemm affarijiet oħra li jtellfuhom. Camilleri Grima u Portelli jsostnu li "jekk il-bidu tal-lezzjoni ma jgħid xejn, se jkun aktar diffiċli biex jiġbed l-interess tal-istudenti fil-bqija tal-lezzjoni" (2017, p.38).

***Tfakkar dak li sar fil-lezzjoni ta' qabel***

Hija xi ħaġa normali li l-istudenti jinsew xi jkun sar fil-lezzjoni ta' qabel jew ma jiftakrux kollox. Dan jista' jkun minħabba diversi fatturi. L-introduzzjoni tista' sservi ta' rikapitulazzjoni ta' dak li jkun sar fil-lezzjoni ta' qabel. Portelli (2020) jissuġġerixxi li l-ftuħ tal-lezzjoni jista' jkun utli għall-għalliema biex ifakkru lill-istudenti tagħhom "x'suppost jafu diġà jew x'għamlu qabel" (p. 109).

***Tintroduċi t-topik jew is-suġġett***

L-introduzzjoni tal-lezzjoni tista' sservi ta' sies għal topik totalment ġdid. Walker (2008) tqis l-attività tal-bidu tal-lezzjoni bħala waħda utli meta l-għalliema jiġu biex jaraw l-għarfien

li l-istudenti diġà għandhom, dak li nsejħulu prior knowldege, biex ikomplu jibnu fuqu. Ashcraft (2014) tissuġġerixxi li f'dawn it-tip ta' introduzzjonijiet, l-għalliema għandhom jippreżentaw l-għanijiet tal-lezzjoni lill-istudenti għaliex dan jgħinhom biex iħossuhom iktar siguri b'dak li jkun ġej fil-bqija tal-lezzjoni. Portelli jikkummenta li meta l-għalliem jaqsam l-għanijiet tal-lezzjoni, "għandhom jesprimu aspettattivi għolja għall-istudenti kollha" (2020, p. 109)

***Timmotiva lill-istudenti***

Wieħed mill-għanijiet tal-ftuħ tal-lezzjoni huwa li timmotiva lill-istudenti kollha. Mhux faċli għall-għalliema biex jimmotivaw lill-istudenti tagħhom fl-aħħar lezzjoni, speċjalment nhar ta' Ġimgħa. Ħafna drabi, l-istudenti jkunu għajjenin wara ġimgħa skola u wara ġurnata mimlija lezzjonijiet, biss l-għalliema għandhom jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex dik il-lezzjoni ma tintilifx. Biex il-lezzjoni tkun effettiva u tħalli l-frott mixtieq, l-għalliema għandhom jużaw riżorsi u joħolqu attivitajiet li jimmotivaw lill-istudenti.

Filgona et al. (2020) jisħqu li l-motivazzjoni tal-istudenti hija essenzjali għall-kwalità tal-edukazzjoni. Skont dawn l-istudjużi, il-motivazzjoni biex l-istudenti jagħmlu sforz waqt il-lezzjoni, tiġi minn motiv li jqanqalhom. Il-motivazzjoni fl-edukazzjoni hija aspett importanti minħabba diversi raġunijiet. Fosthom isemmu li l-motivazzjoni tistimula lill-istudenti biex jaħsbu, jikkonċentraw u jitgħallmu aħjar, minħabba li jkunu aktar iffukati fuq l-għanijiet tat-tagħlim tagħhom. Filgona et al. (2020) huma tal-fehma li "teacher motivation can motivate students" (p. 27). Meta tqis l-effett qawwi li l-motivazzjoni għandha fuq l-istudenti, l-għalliema għandhom iżommu f'moħħhom li l-ftuħ tal-lezzjonijiet għandu jkun motivanti għall-istudenti.

### 3.7 Il-proċess tat-tinqija bħala introduzzjoni motivanti

Fl-ewwel kapitlu semmejt il-proċess tat-tinqija. Magro (2017) tiddeskrivi dan il-metodu bħala wieħed li "jiffoka fuq l-użu ta' binjiet grammatikali f'kuntest" (p. 70). Meta l-lingwa tiġi ppreżentata f'kuntest "twassal biex l-istudenti kemm fil-grammatika, kif ukoll fil-kitba, ifittxu" (Magro, 2017, p. 71) u janalizzaw l-istrutturi grammatikali mħaddma.

Camilleri Grima (2020) taqsam il-proċess tat-tinqija f'ħames passi prinċipali. L-ewwel pass huwa li ssir "introduzzjoni permezz ta' kuntest," jiġifieri t-topik tal-grammatika jiġi introdott "permezz ta' silta mlissna jew miktuba" (Camilleri Grima, 2020, p. 41). Tenfasizza l-fatt li s-silta li tintuża m'għandiex tkun letterarja, minħabba li test letterarju minnu nnifsu jitbiegħed mid-diskors li nużaw fil-ħajja ta' kuljum. Bl-istess mod, Thornbury (1999) ikkummenta fuq kif l-istudenti jeħtieġu t-testi biex ikunu esposti għall-grammatika mħaddma f'kuntest fil-klassi. Iżid li l-għalliema jistgħu jużaw testi awtentiċi meħudin, pereżempju, minn gazzetti jew kanzunetti, iżda dawn għandhom ikunu addattati. Thornbury (1999) ma jeskludix li l-għalliema joħolqu t-testi huma stess, speċjalment biex iqanqlu l-motivazzjoni u l-impenn fost l-istudenti.

It-tieni pass tal-proċess tat-tinqija huwa proprju t-tinqija tal-istrutturi grammatikali relevanti, jiġifieri li l-istudenti jkunu kapaċi jagħżlu dak li hu relevanti għal dik il-lezzjoni, skont it-topik. Sabiex dan ikun possibbli, Camilleri Grima (2020) tgħid li f'dan il-pass, l-għajnuna tal-għalliema hija neċessarja. L-għalliema jistgħu jistaqsu mistoqsijiet jew jagħtu l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiggwidaw lill-istudenti biex jimxu fuq dak li hu relevanti f'dik il-lezzjoni. Camilleri Grima tissuġġerixxi wkoll li, fejn hemm bżonn, xi eżempji tal-istrutturi li huma relevanti għal dik il-lezzjoni jistgħu jkunu "mmarkati minn qabel b'xi sinjal jew kulur" (2020, p. 42).

Wara li l-proċess tat-tinqija jkun sar u jinsiltu l-eżempji relevanti mill-kumplament tat-test, issir "l-analiżi tal-istruttura magħżula permezz ta' deskrizzjonijiet dwar il-forma u l-funzjoni tagħha" (Camilleri Grima, 2020, p. 43). Ir-raba' pass ikun il-formulazzjoni tal-ipotesi. L-ipotesi ssir mill-istudenti flimkien mal-għalliema abbażi tal-eżempji li jkunu nġabru mit-test waqt it-tinqija.

Il-ħames pass ikun li l-ipotesi li tkun ħarġet mill-eżempji tat-test magħżul tiġi vverifikata. Camilleri Grima tal-fehma li f'dan il-pass l-għalliem "jista' jintroduċi eżempji li jikkuntrastaw mal-ipotesi" (2020, p. 43) biex b'hekk tinħoloq diskussjoni fejn l-istudenti jkunu jistgħu jisiltu r-regola grammatikali x'inhi u anke xi eċċezzjonijiet li jkunu jeżistu fil-lingwa.

Bil-proċess tat-tinqija, l-istudenti jitħarrġu kif josservaw u janalizzaw l-istrutturi li jibnu l-lingwa u saħansitra jistgħu japprezzaw aħjar l-ilsien Malti. Dan għaliex huma stess ikunu fiċ-ċentru ta' din l-analiżi, iktar milli jsegwu b'mod pappagallesk dak li tgħid l-għalliema, bħal fil-metodu tradizzjonali. Għalhekk, il-metodu tal-proċess tat-tinqija jwassal għal dak li jemmnu Ellul u Sammut (2015), li "it-tagħlim tal-grammatika għandu jiġi ppreżentat bħala proċess illi jgħin lill-istudenti jsiru aktar konxji ta' dak li qed jużaw fit-taħdit tagħhom ta' kuljum" (p. 15).

# Ir-Raba’ Kapitlu: L-Analiżi

Dan il-kapitlu hu maqsum f’żewġ taqsimiet ewlenin. Fl-ewwel parti tal-analiżi niddiskuti sejba interessanti li ħarġet mill-ġabra tal-kampjun ta’ ċajt: il-ġeneru tal-mistoqsija fiċ-ċajt. Wara nikkummenta fuq il-mekkaniżmi lingwistiċi li sibt preżenti mal-ġeneru tal-mistoqsija fiċ-ċajt tal-kampjun tiegħi. Fit-tieni parti ta’ dan il-kapitlu nistħarreġ xi aspetti tal-grammatika li huma komuni fiċ-ċajt li analizzajt, pereżempju kif jitħaddmu l-perfett u l-imperfett u l-użu tal-imperattiv. Se nsaħħaħ l-argumenti tiegħi b’eżempji prattiċi mill-ġabra ta’ ċajt li qed inxandar fl-Appendiċi.

Billi ċ-ċajt huwa meħud mit-taħdit ta’ kuljum, dan jaħdem b’mekkaniżmi lingwistiċi msejsa fuq aspetti tal-grammatika. F’din it-taqsima se nuri l-mekkaniżmi lingwistiċi ewlenin li ltqajt magħhom fl-analiżi tal-kampjun tiegħi, bil-għan li nixħet dawl fuq kif iċ-ċajt jista’ jservi ta’ kuntest għal-lezzjonijiet biex jiġu mgħallma dawn l-aspetti grammatikali.

**4.1 Il-mistoqsija**

Mal-ewwel analiżi ħafifa li wettaqt fuq il-kampjun, dehret ċara l-okkorrenza qawwija taċ-ċajt li jaħdem bil-mistoqsija. Minn kampjun ta’ mija u għoxrin ċajta, disgħa u sebgħin fil-mija taċ-ċajt, aktar minn nofs iċ-ċajt fil-kampjun, kien jinkludi xi tip ta’ mistoqsija.

Miċ-ċajt li analizzajt fil-kampjun jidher li l-istruttura tal-mistoqsija hija użata f’firxa wiesgħa ta’ ċajt. Il-mistoqsija kienet preżenti fit-tliet strutturi ta’ ċajta li tirreferi għalihom Farrugia (2020) fix-xogħol tagħha; kienet preżenti f’ċajt tat-tip “djalogu”, f’ċajt li jaqa’ taħt it-tip “narrativa” u f’ċajt tat-tip “mistoqsija – risposta” (Farrugia, 2020, p. 40-42). Ċajt ta’ dan l-aħħar tip, l-isem stess jixhed li l-funzjoni tal-mistoqsija hija kruċjali għaċ-ċajta. Ħafna drabi,

iċ-ċajt tat-tip "mistoqsija – risposta" jinqeda bil-mistoqsija "għala?" jew "għaliex?", kif jidher mill-eżempju t'hawn taħt.

**3.** *Għala nies qosra ma jlestux l-affarijiet fil-ħin*?
Għax ma jlaħħqux.

Iċ-ċajt li jaqa' taħt l-istruttura ta' djalogu tista' tgħid li, ħafna drabi, ikun jinkludi l-użu tal-mistoqsija. Il-mistoqsija ġeneralment hija l-punt ta' tluq għall-konverżazzjoni bejn il-karattri. Ġeneralment iċ-ċajta ddur madwar, jew il-mistoqsija li jagħmel karattru, jew ir-risposta mhux mistennija li jagħti karattru ieħor, kif jidher fl-eżempju t'hawn taħt.

**98. Il-pizza**

Raġel mar jixtri pizza.

"*Kif tridni naqsamhielek*," staqsieh ix-chef, *"f'sitt jew fi tmien biċċiet*?"

"F'sitta," qallu r-raġel. "Tmien biċċiet wisq għalija."

Iċ-ċajt li jaqa' taħt it-tip "narrattiv" ġeneralment jinkludi l-inqas struttura tal-mistoqsija. Dan x'aktarx minħabba n-nuqqas ta' diskors dirett f'din it-tip ta' ċajta. Minkejja dan, jeżisti ċajt ta' dan it-tip, kif jidher fl-ewwel parti taċ-ċajta t'hawn taħt.

**4.** Mela darba kien hemm raġel jismu Ġanni li kien ibigħ il-ħaxix bil-vann fil-pjazza tar-raħal.

Maġenbu fetaħ ħanut tal-ħaxix u kulħadd beda jmur għandu.

Qal**,** *x'se nagħmel biex inġib il-klijenti lura?*

Darba fost l-oħrajn kif spiċċat il-quddiesa ntefa' għal tulu fl-art. In-nies marru jiġru fuqu u bdew jistaqsuh "X'għandek Ġann?"

Pront pront qam minn mal-art u qalilhom, "Basal, patata, karrotti, bettieħ, dulliegħ."

X'aktarx li l-ġeneru tal-mistoqsija kien komuni ħafna fiċ-ċajt li analizzajt minħabba li l-maġġoranza taċ-ċajt jinkludi djalogu bejn żewġ karattri fuq temi mill-ħajja ta' kuljum. Barra minn hekk, hemm tendenza li l-użu tal-mistoqsija jqanqal l-interess tas-semmiegħa. Dan ikompli jikkrea s-suspans fost is-semmiegħ fuq kif se jkompli r-rakkont u fuq kif se tintemm iċ-ċajta.

## 4.2 Il-mekkaniżmi lingwistiċi ewlenin marbutin mal-mistoqsija

Ir-raġuni wara din l-okkorrenza b'saħħitha tal-mistoqsija ftit li xejn nistgħu ngħidu li hija kumbinazzjoni. Dan minħabba li, ġeneralment, l-użu tal-mistoqsija fiċ-ċajt ikun marbut ma' ċerti mekkaniżmi lingwistiċi partikolari.

### *4.2.1 Il-pronomi interrogattivi*

Serracino-Inglott fid-definizzjoni tal-kelma "mistoqsija" jinkludi t-tifsiriet "domanda, interrogazzjoni, interpellanza" (2000, p. 363). Fid-dizzjunarju tat-termini letterarji, Oliver Friggieri jirreferi għal terminu magħruf bħala "mistoqsija tal-ħsieb" (2010, p. 479). Skont Friggieri dan it-terminu, li nħoloq minn Ġużè Cassar Pullicino, qiegħed jirreferi għall-mistoqsija li "t-tweġiba tagħha aktarx ma tkunx mistennija u li tistrieħ fuq il-pun" (2010, p. 479). Din it-tip ta' mistoqsija hija proprju dik li ġeneralment insibu fiċ-ċajta, għaliex tħalli l-effett ta' suspans. Friggieri jirreferi għal xi eżempji li jagħti Cassar Pullicino ta' din it-tip ta' mistoqsija, bħal "Kemm-il sengħa kellu San Ġużepp meta miet? Waħda, ta' mastrudaxxa" (2010, p. 479). Mid-definizzjoni ta' Serracino-Inglott li bil-mistoqsija tinterroga u mill-eżempji li jirreferi għalihom Friggieri, jidher li hemm rabta bejn il-mistoqsija u mekkaniżmu lingwistiku partikolari, il-pronom interrogattiv.

It-terminu pronom interrogattiv huwa magħmul minn żewġ kelmiet li jiddefinixxu l-funzjoni ta' dan il-mekkaniżmu lingwistiku. Insejħulu "pronom" għaliex il-kelma tista' tieħu post jew qed tirreferi għal nom. Nikkwalifikaw dan il-pronom bħala "interrogattiv" għax permezz ta' din il-kelma nistgħu nistaqsu u niksbu informazzjoni ġdida. Għalhekk il-funzjoni ewlenija tal-pronom interrogattiv hija li jintuża biex wieħed jistaqsi mistoqsija bil-għan li jakkwista xi tip ta' għarfien.

Mill-analiżi tal-kampjun ħareġ li l-pronomi interrogattivi kienu fost il-mekkaniżmi l-aktar użati mal-istruttura tal-mistoqsija. Bla dubju, din l-osservazzjoni hija konvinċenti għaliex l-iskop tal-pronomi interrogattivi huwa proprju li jgħinu lill-kelliema jistaqsu. Il-pronomi interrogattivi ewlenin huma: *Min*, *Xiex/X'inhu*, *Liema* u *Kemm.* Skont Borg u Azzopardi-Alexander (1996), il-pronom interrogattiv "min" jintuża ma' oġġetti animati, l-aktar ma' persuni, waqt li "x'" jintuża fil-każi l-oħra.

Mill-analiżi tal-kampjun sibt li ma kienx hemm ċajta li inkludiet dawn l-erba' pronomi interrogattivi. Minkejja dan, kien hemm ċajt li jinkludi żewġ tipi ta' pronomi interrogattivi bħal, *kemm* u *liema*, kif jidher fl-eżempju t'hawn taħt.

**39. B'hekk titgħallem!**

– Pa, *kemm* hemm nies fl-Amerka?

– Ma nafx, ibni.

– Pa, *liema* hija l-itwal xmara?

– Ma nafx, ibni. […]

***Il-pronom interrogattiv 'xiex/x'inhu'***

Il-pronom interrogattiv użat l-aktar fil-kampjun ta' ċajt kien *xiex/x'inhu.* Il-pronom interrogattiv *xiex* aktarx li nsibuh imqassar għal *xi* jew *x'*, b'din tal-aħħar tkun l-aktar forma popolari ta' dan it-tip ta' pronom li tintuża fiċ-ċajt. Ħafna drabi l-pronom interrogattiv *x'* fiċ-ċajt ikun marbut ma' xi nom, bħal "*x'*gundalla", "*x'*xagħar" u "*x'*ħanut" jew ma' xi verb pereżempju, "*x'*sibt?", "*x'*qed tagħmel?" jew "*x'*se tagħmel?". Il-pronom *x'inhu* wkoll kien preżenti f'xi ċajt, anke fil-forma tal-femminil *x'inhi* u fil-forma tal-plural *x'inhuma,* kif jidher fl-eżempji t'hawn taħt.

| **60. Għand it-tabib** |
|---|
| Darba kien hemm raġel u mar għand it-tabib biex jittestjalu għajnejh. |
| It-tabib urieh karti li fuqhom kien hemm l-ittri tal-alfabett. |
| Tabib: "*X'inhi* din l-ittra?" |
| Raġel: "Ma nafx." [...] |

| **49. Kartolina tal-Milied** |
|---|
| Kien wasal il-Milied u mara rċeviet kartolina tal-Milied mingħand oħtha. |
| Tifel: Ma, dawn *x'inhuma* (waqt li jippunta lejn is-slaleb)? […] |

***Il-pronom interrogattiv 'liema.'***

Dan il-pronom interrogattiv ukoll kien preżenti f'xi ċajt, għalkemm b'okkorrenza ferm inqas mill-pronom interrogattiv *xiex/x'inhu*. Borg u Azzopardi-Alexander (1996) jirreferu għall-pronom interrogattiv "liema" bħala dak li juri għażla.

Il-pronom interrogattiv *liema* ta' spiss kien użat f'mistoqsijiet li xi għalliema jagħmlu lil xi student jew viċeversa, pereżempju "Għalliem: Frans, taf tgħidli minn *liema* familja kien

Abraham?" jew "it-tifel kurjuż staqsa: 'Fuq *liema* stazzjon, Sir?'" Il-funzjoni ta' dan il-pronom interrogattiv hi partikolari għaliex jintuża f'kuntest ta' għażla. F'xi ċajt, il-pronom interrogattiv *liema* jintuża ma' mistoqsija li tirreferi għal għażla bejn żewġ affarijiet kif jidher mill-eżempju t'hawn taħt.

| **105. Fil-klassi** |
|---|
| Għalliem: "Zammit, *liema* hu l-itqal, kilo ħadid jew kilo rix?" |
| Zammit: "Kilo ħadid, Sir." [...] |

***Il-pronom interrogattiv 'kemm'***

Mill-kampjun ta' ċajt li analizzajt, il-pronom interrogattiv *kemm* spiss jintuża ma' pronom interrogattiv ieħor, bħal *min* jew *liema*. Dan il-pronom interrogattiv jintuża f'ċajt b'mistoqsijiet li fihom xi karattru jkun jixtieq ikun jaf il-kwantità jew l-ammont ta' xi ħaġa, li jvarjaw minn prezz ta' xi ħaġa sa tul ta' ħin, kif jidher miż-żewġ eżempji ta' ċajt t'hawn taħt.

| **111. Il-prezz** |
|---|
| Raġel żagħżugħ daħal fl-uffiċċju tal-avviżi ta' gazzetta u sab lill-iskrivana. |
| "*Kemm* jiswieni avviż ta' twelid ta' tarbija?" [...] |

| **59. Minuta, jekk jogħġbok** |
|---|
| Is-sinjura Grima ċemplet l-ajruport u staqsiet: |
| "Jekk jogħġbok, *kemm* jieħu ħin l-ajruplan biex jasal Ruma?" [...] |

F'xi wħud miċ-ċajt, il-pronom interrogattiv intuża f'forma ta' mistoqsija, iżda b'funzjoni ta' stqarrija; pereżempju "*kemm* int kurjuż?!" jew "*kemm* għandek ilsienek twil?"

***Il-pronom interrogattiv 'min'***

Dan il-pronom interrogattiv kellu l-inqas frekwenza fiċ-ċajt li jinkludi l-istruttura tal-mistoqsija. Il-pronom interrogattiv *min,* għalkemm b'okkorrenza baxxa, kien preżenti f'ċajt b'konverżazzjonijiet bejn l-għalliem u l-istudenti, kif jidher mit-tliet eżempji t'hawn taħt.

**34. Kemm ħadem!**

Għalliem: *Min* ħadem l-aktar minnkom tfal?

John: Jien, Sir. Għoddejt somma tmien darbiet u ġewni tmien answers.

**54. Min kien?**

[…]

Għalliem: Inti jmissek issa Falzon. *Min* sabha l-Amerka?

Falzon: Sammut, Sir.

**76. Tliet Kelmiet**

[…]

"*Min* taħseb li int?"

U hu qalilha, "Superman."

Mill-kampjun deher ċar li wieħed mill-mekkaniżmi lingwistiċi l-aktar komuni mal-istruttura tal-mistoqsija kien proprju l-pronom interrogattiv. Minkejja li l-ebda ċajta ma kienet tinkludi l-erba' tipi ta' pronomi interrogattivi kollha f'daqqa, xorta waħda sibt għadd ta' ċajt li fihom jintużaw il-pronomi interrogattivi.

### *4.2.2 Il-pronomi dimostrattivi*

Ir-rabta li għandhom il-pronomi interrogattivi mal-mistoqsija faċli tbassarha. Iżda fil-ġabra ta' ċajt sibt mekkaniżmi oħrajn preżenti fil-mistoqsijiet, fosthom il-pronomi dimostrattivi.

It-terminu pronom dimostrattiv jispjega l-funzjoni ta' dan il-kliem. Il-pronomi dimostrattivi jirreferu għal xi nom. Iżda permezz ta' dan il-kliem, il-kelliem jirreferi għan-nomi f'termini ta' qrubija, jiġifieri skont jekk l-oġġetti li qed jirreferi għalihom humiex qrib tiegħu jew 'il bogħod. Għaldaqstant fil-Malti nużaw żewġ gruppi ta' pronomi dimostrattivi. *Dan*, *din* u *dawn* jirreferu għal affarijiet li huma viċin il-kelliem fil-mument tat-taħdit u t-tieni grupp ta' pronomi dimostrattivi, *dak, dik* u *dawk,* jirreferu għal oġġetti li jinsabu 'l bogħod mill-kelliem fil-mument tat-taħdit. Il-pronomi dimostrattivi fil-Malti jinbidlu fil-ġens u fl-għadd, skont in-nom jew nomi li huma marbutin magħhom.

Mill-ġabra ta' ċajt osservajt li l-pronomi dimostrattivi xi drabi jintużaw fil-mistoqsijiet. F'xi ċajt, jitħaddem aktar minn pronom dimostrattiv wieħed. *Dak*, *dik* u *dawk* jinsabu l-aktar f'mistoqsijiet fejn xi karattru ried jistaqsi fuq xi nies, annimali jew oġġetti li ssib fid-dar. Minkejja dan, l-użu ta' dawn il-pronomi dimostrattivi fiċ-ċajt ikollhom magħhom konnotazzjonijiet ta' inċertezza. Ġeneralment, l-użu ta' dawn il-pronomi dimostrattivi juri li l-kelliem irid iżomm ċerta distanza minn xi deċiżjoni jew hu xettiku fuq xi sitwazzjoni li qed jirreferi għaliha, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt.

**107. Nuqqas ta' ftehim**

Raġel, li kellu ċorma tfal, intlemaħ mill-mara dieħel id-dar b'kelb tal-wolf.

Il-mara qabdet tgħajjat kemm tiflaħ "Hawn x'ġibtli, hawn *dak* ġibtli, għandna *dawk* it-tfal kollha?" […]

**1.** Raġel iltaqa' ma' sieħbu li kellu qasrija f'idu.

-Fejn sejjer b'*dik* il-pjanta?

-Għand il-perit għax qalli biex neħodlu l-pjanta tad-dar.

Il-pronomi dimostrattivi *dan*, *din* u *dawn* ukoll jintużaw f'ċajt b'mistoqsijiet, għalkemm huma inqas frekwenti. Għall-kuntrarju tal-pronomi dimostrattivi d*ak*, *dik* u *dawk*, is-sitwazzjonijiet li fihom jintużaw dawn il-pronomi dimostrattivi jidher li huma aktar serji u l-mistoqsijiet huma ġenwini, kif jidher minn dawn l-eżempji hawn isfel. Il-funzjoni ta' dawn il-pronomi dimostrattivi tvarja minn referenza għal nomi fiżiċi, pereżempju "il-mediċina", jew referenza għal nomi astratti bħaż-żmien jew il-ħin, kif jidher f'ċajta 113.

**22. Tajjeb Ħafna**

Tabib: "Allura, sibt ruħek aħjar b'*din* il-mediċina?"

Pazjent: "Ħafna, tabib. […]

**113.** A: Fejn kont *dawn* l-aħħar erba' snin?

B: L-università nieħu l-mediċina!

A: Tajjeb, allura issa fiqt?

Mill-analiżi tal-kampjun osservajt li l-pronomi dimostrattivi ma kinux preżenti biss f'ċajt fejn jintużaw il-mistoqsijiet. Dan il-mekkaniżmu lingwistiku kultant kien preżenti f'ċajt tat-tip narrattiv jew f'partijiet narrattivi ta' xi ċajt, kif jidher fl-eżempju t'hawn taħt.

| **42. Fl-iskola** |
|---|
| Għalliem qal lit-tfal tiegħu biex jiktbu komponiment "Dawra bil-karozza." Meta l-għada beda jiġbor *dawn* il-komponimenti, l-għalliem induna li tifel daqsxejn għażżien ma tah xejn [...] |

#### *4.2.3 In-negattiv*

Mekkaniżmu lingwistiku popolari ħafna mal-istruttura tal-mistoqsija fiċ-ċajt li analizzajt kien in-negattiv. Skont Serracino-Inglott, in-negattiv huwa dak li juri "l-kuntrarju, bil-kontra jew bil-maqlub" (2000, p. 396) ta' xi azzjoni. L-istruttura tan-negattiv l-aktar popolari hija dik tal-*ma* fuq quddiem tal-verb, u s-suffiss -*x* li jingħaqad f'tarf il-verb. Minkejja dan hemm forom oħrajn komuni li bihom nesprimu n-negattiv. Fosthom insibu l-istruttura *mhux,* pereżempju *mhux* qed nilgħab jew *mhux* se nilgħab, li biha nesprimu n-negattiv fil-preżent u fil-futur. Fil-Malti nsibu xi forom oħra kif nesprimu n-negattiv; ngħidu aħna billi nużaw kliem bħal "qatt", "ebda", "xejn", "ħadd" u "mingħajr." Dawn ġeneralment jintużaw quddiem verbi fl-affermattiv, bħal "tinkwieta *xejn*", jew quddiem forom ta' verb li jużaw il-*ma*, "ma naħseb *xejn*" jew "*ħadd* ma tellifni."

Minkejja l-funzjoni primarja li juri l-oppost ta' xi ħaġa, l-użu tan-negattiv fil-mistoqsijiet kellu funzjonijiet oħra fiċ-ċajt li qed nippreżenta. Dawn se nirreferi għalihom fit-taqsimiet li ġejjin.

### *In-negattiv tal-verb b'funzjoni ta' suġġeriment*

F'uħud miċ-ċajt sibt li l-istruttura tan-negattiv fil-mistoqsijiet jaf ikollha funzjoni ta' suġġeriment. Din il-forma tan-negattiv hija interessanti għaliex, filwaqt li qed jintuża n-negattiv, is-sens tas-sentenza huwa proprju li xi ħaġa ssir mhux ma ssirx. Ġeneralment, din il-forma tan-negattiv tintuża f'mistoqsija li tibda "Għax …" u tkompli b'forma tan-negattiv, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt.

| **41. Li kieku kellna** |
|---|
| Tifel: "Ma, għax *ma mmorrux* ġurnata l-baħar?" […] |

| **64. Illitterat** |
|---|
| Paul: Tlift il-kelb. |
| Mary: Għax *ma tpoġġix* nota fil-gazzetta? […] |

| | |
|---|---|
| **66.** […] Omm: Għax *ma tajtux* eżempju li hu aktar marbut mal-verità? | |
| Missier: Għax ma ridtx. […] | |

### *In-negattiv tal-verb b'funzjoni ta' twissija*

Mill-analiżi tal-kampjun dehru xi eżempji li fihom l-użu tan-negattiv fil-mistoqsija kellu funzjoni ta' twissija. Il-mekkaniżmu lingwistiku f'dawn it-tip ta' mistoqsijiet huwa l-użu tal-frażijiet "ma tafx li ..." jew "mela ma ..." quddiem verbi fin-negattiv. Din il-forma tan-negattiv titħaddem fiċ-ċajt f'kuntest ta' taħrika minn xi uffiċjal pubbliku minħabba xi ħaġa illegali li xi karattri wettqu, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt.

**21.** Darba kien hemm tnejn tal-MUSEUM li kienu għaddejjin isuqu mutur b'veloċità kbira. Rahom pulizija tat-traffiku, waqqafhom u qalilhom: "Se nagħmlilkom ċitazzjoni. *Ma tafux* li huwa periklu għal ħajjitkom li ssuqu b'din il-veloċità?" […]

**58. Ma rax vleġeġ**

Raġel li ma kienx jara tajjeb mar biex isuq karozza. Daħal minn triq wrong way u għal ftit ma daħalx fi trakk.

Ġie pulizija u qallu: "Mela *ma rajthomx* il-vleġeġ?" […]

***L-użu tan-negattiv fiċ-ċajt b'funzjonijiet oħra***

L-użu tan-negattiv fiċ-ċajt ma kienx preżenti biss meta ċ-ċajt kien jinvolvi l-istruttura tal-mistoqsija. Mill-analiżi tal-kampjun deher biċ-ċar li l-istruttura tan-negattiv hija pjuttost komuni fiċ-ċajt. Minn mija u għoxrin ċajta, ftit inqas minn nofs kienu jinkludu xi tip ta' negattiv. Ħafna drabi n-negattiv intuża f'xi risposta ta' xi karattru jew anke fir-rakkont innifsu taċ-ċajta, kif jidher fl-eżempji t'hawn taħt.

**44. Riċetta tat-tabib**

[…] -Imma Martin, x'int tagħmel hawn? Fejn sejjer b'dik is-sodda fuq spalltek?

-Ordni tat-tabib.

-Possibbli?

-Iva. Ordnali biex *ma nabbandunax* is-sodda sal-ġimgħa d-dieħla.

**67. Wasal tard**

[...]

Darba waħda wasal tard minn Paceville, u sab il-bieb magħluq.

*Ma riedx* iqajjem lis-sid, iżda fl-aħħar qatagħha li jċempel il-qanpiena.

[...]

L-istruttura tan-negattiv kienet preżenti wkoll fiċ-ċajt b'funzjoni ta' projbizzjoni, pereżempju f'kuntest ta' karattru li ma jistax jagħmel xi ħaġa, kif jidher fl-eżempji ta' ċajt imniżżlin hawn taħt. Huwa interessanti kif it-titlu ta' dawn iż-żewġ ċajtiet ukoll qiegħed jinqeda bil-binja tan-negattiv "ma tistax", b'funzjoni ta' negattiv li juri projbizzjoni.

**57. Ma tistax**

<u>Għalliem</u>: Ġann, *ma tistax* torqod fil-klassi.

<u>Ġanni</u>: Jekk toqgħod tgħajjat żgur li ma nkunx nista' norqod.

**61. Ma tistax tpejjep**

-Hawn *ma tistax* tpejjep!

-Naf! M'iniex inpejjep!

-Imma għandek sigarett f'idek!

-F'riġlejja għandi żarbun ukoll, imma m'iniex nimxi!

F'ċajta 61 tidher struttura oħra tan-negattiv, dik tan-negattiv tal-pronomi personali "m'iniex". Xi ċajt jinkludi dawn l-istrutturi tan-negattiv, imma jidher biss dak tal-ewwel persuna singular. Fil-ġabra ta' ċajt iltqajt ma' ċajta partikolari mill-bank tal-iskola, ċajta 50, li s-suġġett tagħha kien proprju n-negattiv; student qiegħed jistaqsi lill-għalliem fuq il-forma tan-negattiv. Barra minn hekk, l-użu tan-negattiv jidher ukoll fit-titlu taċ-ċajta.

**50. Is-Sir *ma jafx*!**

Waqt il-lezzjoni tal-Malti wieħed tifel kellu diffikultà u staqsa lill-għalliem: “Sir, x’inhu n-negattiv ta’ ‘naf’?”

Wieġbu l-għalliema: “‘*Ma nafx*’.”

U t-tifel qallu: “Kif tridni nitgħallem jekk inti stess *ma tafx*?”

### *4.2.4 Il-komparattiv u s-superlattiv*

L-aħħar tipi ta’ mekkaniżmi lingwistiċi li osservajt fiċ-ċajt li juża l-binja tal-mistoqsija kienu l-aġġettivi komparattivi u superlattivi. It-terminu komparattiv jirreferi għal aġġettiv li jintuża biex isir tqabbil jew jikkumpara żewġ affarijiet flimkien. Min-naħa l-oħra, it-terminu superlattiv jirreferi għal aġġettiv li jintuża biex jikkumpara nom ma’ żewġ oġġetti oħra jew iżjed.

#### *L-użu tal-komparattiv u s-superlattiv*

Punt interessanti li ħareġ mill-analiżi rriżulta li l-użu tal-komparattiv u s-superlattiv jinsab l-aktar mal-pronomi interrogattivi f’ċajt li jinqeda bil-binja tal-mistoqsijiet. Dan kien preżenti partikolarment mal-pronom interrogattiv “liema”. Din l-osservazzjoni hija waħda plawżibbli għaliex, kif iddiskutejt f’4.2.1 fit-taqsima “Il-pronom interrogattiv ‘liema’,” l-għan ta’ dan il-pronom huwa li joffri għażla meta jkun hemm tqabbil. Dan il-punt ikompli jsaħħaħ l-użu tal-komparattiv, li joffri għażla bejn żewġ affarijiet, pereżempju kif jidher fiċ-ċajta t’hawn taħt, bejn il-kobor tal-qamar u d-dinja. Min-naħa l-oħra, l-użu tal-aġġettiv-superlattiv “l-itwal” qiegħed jikkumpara u jqabbel ix-xmajjar kollha tad-dinja.

| **39. B'hekk titgħallem!** |
| --- |
| -Pa, kemm hemm nies fl-Amerka? |
| -Ma nafx, ibni. |
| -Pa, liema hija *l-itwal* xmara? |
| -Ma nafx, ibni. |
| -Pa, il-qamar *ikbar* mid-dinja? |
| -Ma nafx, ibni. […] |

Minkejja l-użu tipiku tal-komparattiv u s-superlattiv, f'ċajta partikolari ntuża l-aġġettiv superlattiv, minflok il-komparattiv. Dan meta t-tqabbil kien qed isir bejn żewġ oġġetti, "kilo ħadid" u "kilo rix", u mhux nom wieħed imqabbel ma' grupp ta' nomi. Dan l-eżempju jidher f'ċajta 105.

| **105. Fil-klassi** |
| --- |
| <u>Għalliem</u>: "Zammit, liema hu *l-itqal*, kilo ħadid jew kilo rix?" |
| <u>Zammit</u>: "Kilo ħadid, Sir." […] |

Mill-analiżi stajt ninnota li, l-aġġettivi komparattivi u superlattivi li jintużaw l-aktar fiċ-ċajt huma aġġettivi li jikkumparaw it-tul, it-toqol, id-distanza jew il-kobor tal-affarijiet. Barra minn hekk, osservajt li s-superlattiv "l-ewwel" ukoll kien komuni f'xi ċajt. Dan jidher biċ-ċar f'ċajta 108, li fiha s-superlattiv "l-ewwel" jintuża ħafna drabi, mit-titlu sar-rakkont u d-djalogu.

**108. Min ġie *l-ewwel*?**

Mastrudaxxa, bennej u electrician kienu qegħdin jargumentaw dwar min minnhom kien *l-ewwel* fid-dinja.

"Aħna bnejna l-piramidi tal-Eġittu," qal il-bennej. Mela aħna konna *l-ewwel*."

"Le," wieġbu l-mastrudaxxa, "aħna bnejna l-Arka ta' Noè, mela konna qabilkom." "F*l-ewwel* jum tal-ħolqien, Alla qal: 'Ikun hemm id-dawl'," spjega l-electrician. "Għiduli, min kien lesta l-cables?"

Mill-analiżi tal-kampjun deher li l-aġġettivi fil-komparattiv u s-superlattiv mhumiex mekkaniżmi li jintużaw ta' spiss fiċ-ċajt. Madankollu huwa mekkaniżmu li aktarx jintuża mal-mistoqsijiet, b'mod speċjali fejn jintużaw il-pronomi interrogattivi.

## 4.3 Xi aspetti oħra tal-grammatika komuni fiċ-ċajt

Minbarra l-osservazzjoni li ħafna ċajt tal-kampjun kien jinkludi l-binja tal-mistoqsija u diversi mekkaniżmi lingwistiċi marbutin magħha, osservajt ukoll xi strutturi lingwistiċi oħra li jidhru regolarment fiċ-ċajt. F'din it-taqsima se nikkummenta partikolarment fuq l-użu tal-verb imperattiv u fuq kif jaħdem it-temp tal-verb fil-perfett, fl-imperfett u l-futur.

### *4.3.1 L-istruttura tal-imperattiv tal-verb fiċ-ċajt*

L-użu tal-verb fl-imperattiv huwa preżenti f'uħud miċ-ċajt li analizzajt. Billi l-imperattiv huwa struttura verbali li tintuża biex tingħata ordni jew kmand, dan il-mekkaniżmu jinsab biss f'partijiet taċ-ċajta fejn jintuża diskors dirett. Huwa interessanti għaliex l-użu tal-imperattiv jidher f'ċajt b'sitwazzjonijiet komuni. L-erba' sitwazzjonijiet tipiċi li fihom intuża l-imperattiv fiċ-ċajt kienu: fi djalogi bejn għalliem u student; fi djalogi bejn xi tabib u pazjent; fi djalogi bejn familjari jew ħbieb, u; fi djalogi bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ. Din hija osservazzjoni interessanti

imma, fl-istess waqt, mistennija għaliex huma sitwazzjonijiet mill-ħajja reali fejn jintuża l-imperattiv fit-taħdit ta' kuljum.

***L-imperattiv fi djalogu bejn għalliem u student***

L-użu tal-imperattiv jinsab f'ċajt f'sitwazzjonijiet bejn għalliem u student. L-imperattiv jużah l-għalliem biex iqabbad lill-istudent jagħmel xi ħaġa. Xi drabi l-imperattiv f'dawn id-djalogi jservi ta' struzzjoni għall-istudenti, pereżempju biex student jibda hu, kif jidher f'ċajta numru 76.

> **76. Tliet kelmiet**
>
> […]
>
> L-għada mar ferħan l-iskola u qal lill-għalliema li kiteb tliet kelmiet li kienu interessanti.
>
> L-għalliema qaltlu: "*Ibda* John."
>
> "M'għandix aptit," wieġeb hu.
>
> "*Imxi* għand is-surmast." […]

> **54. Min kien?**
>
> Waqt lezzjoni dwar l-Amerka....
>
> <u>Għalliem</u>: Sammut, *uri* 'l sħabek fejn hi l-Amerka fuq il-mappa li għandna mwaħħla mal-ħajt tal-klassi. […]

> **62. Kliem li jibdew bl-'n'**
>
> […] <u>Għalliem</u>: Fil-brejk *oqgħod* ġewwa.
>
> <u>Tifel</u>: Nistrieħ?

***L-imperattiv fi djalogu bejn tabib u pazjent***

Sitwazzjoni tipika oħra li fiha osservajt l-użu tal-imperattiv kienet fi djalogu bejn tabib u pazjent. F'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet huwa t-tabib li jordna lill-pazjent biex jieħu xi mediċina jew biex jevita xi affarijiet, kif jidher f'ċajt 14 u 15. F'ċajta numru 12 ukoll jintuża l-imperattiv minn tabib, imma biex jagħti struzzjoni lill-infermiera.

**14.** Raġel: Dott, ma nħossnix fiha, tista' tagħtini xi ħaġa?

Tabib: Hawn, *ħu* żewġ kuċċarini minn din il-mistura. […]

**15.** Raġel mar għall-vista għand it-tabib u wara li invistah, it-tabib qallu: "Sieħbi *aqta'* dawk is-sigaretti, għax dawk joqtluk, bil-mod il-mod." […]

**12.** In-nurse daħlet fil-kamra tat-tabib u qaltlu:

-Dott, hawn raġel b'saqajh miksurin.

-Tajjeb, *għidlu* jgħaddi.

F'ċajta partikolari marbuta mal-qasam mediku innutajt l-użu tal-imperattiv f'kuntest 'il barra minn dak ta' djalogu. F'ċajta 22, miktuba hawn taħt, l-imperattiv huwa użat bħala struzzjoni miktuba fuq bott tal-mediċina u mhux bħala tlissina ta' xi karattru.

**22. Tajjeb ħafna**

[…]

Tabib: "U x'sibt miktub fuq il-flixkun?"

Pazjent: "*Żomm* il-flixkun magħluq tajjeb!"

***L-imperattiv fi djalogu bejn familjari jew ħbieb***

L-imperattiv jidher f'ċajt bi djalogi bejn il-familjari jew il-ħbieb. Ħafna drabi l-użu tal-imperattiv fil-kuntest familjari hu bejn il-ġenituri, li jordnaw lil uliedhom biex jagħmlu xi ħaġa. F'ċajta 36 naraw sitwazzjoni ta' omm li qed tuża l-imperattiv bħala talba biex binha jaqdiha. Min-naħa l-oħra, f'ċajta 7, l-użu tal-imperattiv mill-missier qiegħed jintuża biex juri ċerta dominanza u jimponiha fuq ibnu. Din kienet l-iktar ċajta li inkludiet verbi fl-imperattiv mill-kampjun li analizzajt.

**36. Għall-Erwieħ**

<u>Omm</u>: Robert, *mur ixtrili*, għall-erwieħ.

<u>Robert</u>: Iva ma, ħa mmur. [...]

**7**. Missier nervuż wara li ta xebgħa lit-tifel qallu:

"*Itlaq* lejn kamartek, i*nqafel* hemm u *ġibli* ċ-ċavetta lura."

L-użu tal-imperattiv jitħaddem f'ċajt li jinkludi l-ħbieb. Għalkemm hemm min jista' jaħseb li dan mhux kuntest daqshekk komuni li fih jintuża l-imperattiv, mill-analiżi sibt ċajt bi djalogu bejn il-ħbieb li juża l-mekkaniżmu tal-imperattiv. F'ċajta 30 naraw l-użu tal-imperattiv biex ħabib jagħti parir lil sieħbu.

**30. Dieta**

[...] <u>Toni</u>: Salv, tgħid x'nibda niekol biex nagħmel ftit tad-dieta u nirqaq?

<u>Salvu</u>: Ngħidlek x'tiekol. *Ibda kul* il-ġobon tat-toqba. [...]

***L-imperattiv fi djalogu bejn xerrej u bejjiegħ***

Waqt l-istħarriġ intbaħt li l-imperattiv kien komuni wkoll fi djalogi bejn xerrej u bejjiegħ. Kif wieħed jista' jimmaġina f'dawn is-sitwazzjonijiet, l-imperattiv jużah ix-xerrej biex jitlob xi ħaġa lill-bejjiegħ. Eżempji ta' ċajt li jinkludu l-imperattiv użat f'dan il-kuntest huma l-55 u s-97.

| **55. Nassa tal-Ġrieden** |
| --- |
| Raġel f'ħanut: "*Għaġġel*, jekk jogħġbok, *tini* nassa tal-ġrieden, għax irrid naqbad il-karozza tal-linja." […] |

| **97. Eħfef hekk** |
| --- |
| Mara daħlet għand tal-grocer: "*Agħtini* żewġ kilos patata ... *agħtihomli* żgħar, taf, għax għandi 'l bogħod għad-dar […]" |

***It-tip ta' imperattiv fiċ-ċajt***

Il-verbi użati fl-imperattiv

Osservajt tipi differenti ta' imperattiv fil-ġabra li qed inxandar: kien hemm verbi trilitteri sħaħ u dgħajfin imma verbi kwadrilitteri fl-imperattiv ma ltqajtx magħhom.

Fiċ-ċajt li qed ninkludi sibt eżempji ta' verbi sħaħ fl-imperattiv: pereżempju "itlaq" (t-l-q), "għaġġel" (għ-ġ-l) u "oqgħod" (q-għ-d). Sibt ukoll "żomm" (ż-m-m), eżempju ta' verb sħiħ li huwa trux. Kienu komuni wkoll il-verbi dgħajfin fl-imperattiv. Xi eżempji ta' verbi dgħajfin moħfijin fl-imperattiv, jiġifieri dawk il-verbi li l-konsonanti tan-nofs tkun dgħajfa,

huma “mur” (m-w-r) u “kul” (k-w-l). Mill-kampjun ta’ ċajt sibt verbi dgħajfin neqsin bħal, ngħidu aħna, “ibda” (b-d-j) u “imxi” (m-x-j).

Mill-kampjun sibt eżempju ta’ verb dgħajjef fl-imperattiv li jaqa’ taħt żewġ kategoriji: xebbiehi u nieqes. “Uri”, li l-mamma tiegħu hija “wera”, Scicluna, Agius u Giordano (2018) jispjegaw li għalkemm huwa verb tar-raba’ forma, “għall-fini tal-konjugazzjoni jġib ruħu bħallikieku kien verb dgħajjef xebbiehi u nieqes tal-ewwel (I) forma” (p. 115).

L-imperattiv minn lenti sintattika

Mill-analiżi taċ-ċajt li jinkludi l-imperattiv osservajt kif dan il-mekkaniżmu lingwistiku jaħdem fis-sentenzi. Minn xi eżempji ta’ ċajt osservajt li l-użu ta’ żewġ verbi fl-imperattiv ħdejn xulxin kien komuni: pereżempju “aqbad għarbel”, “mur ixtri” u “ibda kul”.

Dan il-mekkaniżmu ta’ imperattiv doppju hu interessanti ferm. Din hi binja grammatikalment korretta li aħna l-Maltin nużaw fit-taħdit ta’ kuljum. Permezz ta’ din il-binja nistgħu nagħtu tifsiriet differenti bl-użu tal-imperattiv, bħal biex wieħed jasserixxi aktar l-ordni li jrid ilissen.

L-imperattiv minn lenti morfoloġika

Punt ieħor li osservajt mill-analiżi hu li, ħafna drabi, il-verbi fl-imperattiv li jinsabu fiċ-ċajt kellhom magħhom xi pronom mehmuż. Ngħidu aħna, “agħti*homli”,* “ġib*li*” u “ixtri*li*”. Kif jidher minn dawn l-eżempji, aktarx li l-pronom mehmuż ikun fl-ewwel persuna singular għax l-imperattiv li jintuża fiċ-ċajt waqt id-diskors dirett ikun jinkludi xi karattru li jordna xi ħaġa għall-iskopijiet tiegħu.

### *4.3.2 Il-kategorija tat-temp fiċ-ċajt*

Kategorija importanti fil-grammatika hija dik tat-temp. Aquilina (1957) jiddefinixxi t-temp bħala "(gram.) tense [...] present/future/past" (p. 1421). Il-kategorija tat-temp tal-verb hija dik li turina ż-żmien meta azzjoni ġrat, qed tiġri jew se tiġri. It-temp fil-Malti jinqasam fi tnejn: il-perfett u l-imperfett. Waqt li t-temp perfett jindika l-azzjonijiet fil-passat, it-temp imperfett jinkludi kemm azzjonijiet fil-preżent, kif ukoll azzjonijiet li jseħħu ta' kuljum – jiġifieri d-drawwiet. Barra minn hekk, fil-Malti, nużaw l-imperfett biex nirreferu għal azzjonijiet li għadhom iridu jseħħu, jiġifieri l-futur, bil-għajnuna tal-partiċella "se" jew "ħa".

Din il-kategorija grammatikali hija importanti wkoll fiċ-ċajt. Billi ċ-ċajt huwa msejjes fuq mekkaniżmi lingwistiċi, bilfors li jinkludi xi tip ta' kategorija tat-temp. Dan għaliex l-udjenza taċ-ċajta trid tifhem l-azzjonijiet meta qed jiġru jew ġraw f'relazzjoni mal-mument tat-taħdit.

Mill-analiżi tal-kampjun stajt nosserva ċajt b'taħlita ta' verbi mħaddma fil-perfett u fl-imperfett. Dan għaliex fit-taħdit ta' kuljum, bħala individwi nagħmlu referenzi għall-affarijiet li ġraw fil-passat, għal dak li qiegħed jiġri fil-preżent u għall-affarijiet li għadhom iridu jiġru. Fit-taqsimiet li ġejjin se nuri t-tħaddim tal-imperfett u l-perfett fiċ-ċajt li stħarriġt fil-ġabra.

***L-użu ta' verbi fl-imperfett bħala drawwa mhux ristretta.***

Mill-analiżi tal-kampjun osservajt kif f'xi ċajt jintużaw verbi fil-preżent biex jirreferu għal azzjonijiet li kienu bdew qabel il-mument tat-taħdit, baqgħu sejrin waqt il-mument tat-taħdit u li kienu se jkomplu wara l-mument tat-taħdit. Dan it-tip ta' ċajt qiegħed juri drawwa mhux ristretta, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt. L-użu tal-verb "titfagħha" f'ċajta 2

qiegħed juri azzjoni repetuta, b'funzjoni ta' drawwa jew użanza. Bl-istess mod, il-verbi fin-negattiv "ma jlestux" u "ma jlaħħqux" f'ċajta 3 qed juru li hija drawwa tan-nies qosra li ma jlestux għax ma jlaħħqux.

**2.** Għala ittra *titfagħha* fil-letterbox?
Għax hemm postha.

**3.** Għala nies qosra *ma jlestux* l-affarijiet fil-ħin?
Għax *ma jlaħħqux*.

***L-użu ta' verbi fl-imperfett bħala azzjoni li qed issir fil-mument tat-taħdit***

Mill-analiżi tal-kampjun iltqajt ma' ċajt li fih jintużaw verbi fl-imperfett biex jiddeskrivu azzjonijiet fil-mument tat-taħdit. Kif jidher f'ċajta 17, il-verbi "tiekol" u "inħoss" huma fil-preżent. Madankollu, dawn iż-żewġ verbi mhumiex waħedhom, iżda magħhom għandhom "qed" jew "qiegħed." Din il-katina ta' verbi hija kruċjali f'dawn is-sentenzi għaliex tagħti tifsira ġdida.

Kieku l-mistoqsija ma kellhiex il-verb "qed", issir "Għaliex tiekol l-ewwel il-ġelat imbagħad il-minestra?" F'dan il-każ, it-tifsira tal-mistoqsija kienet tkun xi ħaġa li ssir regolarment, bħala drawwa, bħat-tip li rreferejt għalih fit-taqsima ta' qabel din. Iżda bl-użu tal-verb "qiegħed", il-mistoqsija u r-risposta f'din iċ-ċajta huma dwar azzjoni li qed issir fil-mument li karattru anonimu staqsa l-mistoqsija.

**17.** Għaliex *qed* tiekol l-ewwel il-ġelat imbagħad il-minestra?
Għaliex illum *qiegħed* inħoss l-istonku maqlub!

Eżempju ieħor li fih jintuża l-verb "qiegħed" inzertajtu f'ċajta 115, li fiha naraw djalogu bejn żewġt iħbieb. L-użu tal-verb "qiegħed" mal-verb "ngħid" jagħti t-tifsira li dak li lissen Pawlu fid-djalogu kien għaddej minn moħħu waqt li qed jitħaddet. Minbarra l-verb "qiegħed", fid-diskors dirett ta' Pawlu nsibu l-psewdoverb "għadu". L-użu ta' "għadu" quddiem il-verb "jistudja" turi li din hi azzjoni li ma spiċċatx u li għadha għaddejja waqt it-taħdit. Il-funzjoni ta' din il-katina ta' verbi hija li tgħin fit-tifsir tas-sentenzi minħabba l-użu tal-verbi fl-imperfett.

**115. Bejn tnejn**

Pawlu: *Qiegħed* ngħid, Ġann, it-tifel tiegħek għandu tletin sena u *għadu* jistudja! Tassew nammirah. Tgħid x'ser isir Ġann meta joħroġ mill-università?

Ġanni: Raġel xiħ!!

Kif spjegajt fl-introduzzjoni tat-taqsima 4.3.2, iċ-ċajt jista' jinkludi iktar minn temp wieħed. Kif jidher f'ċajta 115, id-diskors tal-karattri jista' jeqleb fuq avvenimenti li spiċċaw jew fuq sitwazzjonijiet li għadhom ġejjin fil-futur. Il-mistoqsija ta' Pawlu lil sieħbu Ġanni hija bbażata fuq il-futur. Fit-taqsima li ġejja se niddiskuti l-verbi fil-futur fiċ-ċajt.

***L-użu ta' "se" f'ċajt li jirreferi għall-futur***

F'ċajta 115, il-karattru ta' Pawlu jistaqsi: "Tgħid x'ser isir, Ġann, meta joħroġ mill-Università?" F'din il-mistoqsija naraw referenza għall-futur li ssir permezz ta' "se" jew "ser" quddiem il-verb fl-imperfett, f'dal-każ "isir".

Innutajt li minkejja li ma ltqajtx ma' ċajta sħiħa li fiha jitħaddmu verbi fil-futur biss, f'għadd ta' ċajt hemm referenzi għall-futur. Il-verbi fil-futur fil-ġabra stajt nidentifikahom mill-partiċella "se" jew "ser", kif ukoll mill-forma "sejjer." L-aktar ċajt li jinvolvi l-futur kien dak li jinkludi xi tip ta' djalogu b'diskors dirett tal-karattri, kif jidher fl-eżempji t'hawn taħt.

**25**. *X'sejjer tagħmel* Joe, la tikber?

Ħelwa din! Nagħmel id-dieta, bħal missieri.

**26.** "Tfal", qal l-għalliem, "illejla *se jkun hemm* l-eklissi tal-qamar. Dan huwa fenomenu naturali rari. Ħadd ma għandu jinsa jarah illejla, fid-9.38pm eżatt." […]

Minkejja t-tendenza li l-verbi fil-futur ikunu preżenti f'ċajt b'diskors dirett, waqt l-istudju sibt ukoll li verbi li juru l-futur huma preżenti f'xi partijiet ta' ċajt fejn kien hemm rakkont, kif jidher mill-eżempji t'hawn taħt.

**4.**

[…]

Maġenbu fetaħ ħanut tal-ħaxix u kulħadd beda jmur għandu.

Qal, x'*se nagħmel* biex inġib il-klijenti lura?

[…]

***L-użu ta' verbi fil-perfett***

Il-maġġoranza taċ-ċajt li huwa mibni fuq l-istruttura tat-tip narrativ, kif tirreferi għalih Farrugia (2020), huwa ċajt li jaħdem b'verbi fil-perfett. Fil-maġġoranza tal-każi jibda bi frażi tipika, bħal "Mela darba kien hemm ...", kif jidher fl-eżempji li ġejjin. Verbi bħal "kien" juru li t-temp huwa fil-passat.

**60. Għand it-tabib**

Darba *kien hemm* raġel u *mar* għand it-tabib biex jittestjalu għajnejh.

It-tabib *urieh* karti li fuqhom *kien hemm* l-ittri tal-alfabett. […]

**67.**

[…]

Darba waħda *wasal* tard minn Paceville, u *sab* il-bieb magħluq. *Ma riedx* iqajjem lis-sid, iżda fl-aħħar *qatagħha* li jċempel il-qanpiena. Malli *daqq, qamet* maħsuda, u *ttawlet* mit-tieqa.

Ftit ċajt jinkludi temp wieħed tul it-test. Ċajtiet 60 u 67, li użajt hawn fuq, it-tnejn ikomplu bi djalogu bejn il-karattri. Il-verbi li jintużaw fil-partijiet tad-djalogu tista' tgħid li jkunu verbi fl-imperfett, kif jidher f'parti oħra ta' ċajta 60 hawn taħt.

**60. Għand it-tabib**

[…]

Tabib: "X'inhi din l-ittra?"

Raġel: "Ma nafx."

It-tabib reġa' wrieh ittri oħrajn u din id-darba r-raġel xorta ma kienx jaf x'inhuma.

Tabib: "Jeħtieġ naraw x'nagħmlu għax din serja."

Raġel: "Isma' Dott, ħej. Jien ma nafx naqra."

**4.4 Il-konklużjoni**

F'dan il-kapitlu ppreżentajt is-sejbiet ewlenin mill-analiżi taċ-ċajt. F'din l-analiżi fittixt strutturi li huma l-aktar rikorrenti fil-ġabra li qed ninkludi ma' dan l-istudju. Għaldaqstant, tul ir-riċerka kont konxja li mhux kull mekkaniżmu lingwistiku preżenti fiċ-ċajt se jkun parti mill-analiżi finali.

Meta ħarist lejn il-kampjun sibt li l-użu tal-mistoqsija kien komuni ħafna fost iċ-ċajt. Wara din is-sejba analizzajt liema kienu l-mekkaniżmi lingwistiċi preżenti fl-istruttura tal-mistoqsija. L-aktar mekkaniżmi komuni kienu: (i) il-pronomi interrogattivi; (ii) il-pronomi dimostrattivi; (iii) in-negattiv, u; (iv) l-aġġettiv komparattiv u s-superlattiv.

F'din l-analiżi ħarist ukoll lejn aspetti tal-grammatika li huma preżenti fl-eżempji ta' ċajt lil hinn mill-istruttura tal-mistoqsija. Mekkaniżmu lingwisitku komuni fiċ-ċajt huwa l-imperattiv, iżda dan jinsabx f'kuntesti ta' mistoqsija. Ħarist lejn it-tħaddim tal-imperfett u l-perfett fiċ-ċajt li għażilt u stajt nislet xi mudelli tipiċi ta' kif il-kategorija tat-temp taħdem fiċ-ċajt.

B'din l-analiżi xtaqt nilħaq żewġ għanijiet. L-ewwel għan kien li nuri li huwa minnu li ċ-ċajt Malti jaħdem b'diversi mekkaniżmi lingwistiċi, kif tistqarr Farrugia (2020). B'hekk iċ-ċajt Malti jista' jiġi apprezzat minn angolu differenti, jiġifieri bħala test li hu msejjes fuq il-grammatika ta' lsienna. It-tieni għan kien li din l-analiżi sservi bħala punt ta' tluq biex jiġu esplorati possibiltajiet kif iċ-ċajt jista' jintuża fil-lezzjonijiet tal-Malti.

# Il-Ħames Kapitlu: Is-Suġġerimenti

Lejn l-aħħar tat-tieni kapitlu rreferejt għal diversi xogħlijiet li jqisu l-umoriżmu bħala għodda utli fil-klassi, kemm minn aspett ta' motivazzjoni waqt il-lezzjoni, kif ukoll minn aspett ta' tagħlim. Diversi studjużi fil-qasam tal-pedagoġija jaqblu li l-umoriżmu jista' jkun utli bħala għodda pedagoġika fil-klassi għaliex l-umoriżmu jista' jkollu diversi benefiċċji, fosthom li jiġbed u jżomm l-attenzjoni tal-istudenti.

F'dan il-kapitlu se nwieġeb il-mistoqsija: kif jista' jintuża l-umoriżmu b'funzjoni grammatikali? Kif irreferejt diġà f'kapitli preċedenti, Farrugia (2020) tistqarr li, minbarra l-funzjoni ewlenija li jdaħħak, iċ-ċajt jista' "jservi bħala mod effettiv kif wieħed jitgħallem lingwa" (p. 5). Dan minħabba l-fatt li ċ-ċajt huwa rakkont mibni bil-lingwaġġ ta' kuljum u jinkludi forom grammatikali u strutturi lingwistiċi, kif tkellimt fil-kapitlu ta' qabel. L-idea li ċ-ċajt jista' jintuża għat-tagħlim tal-grammatika mhijiex idea tal-lum il-ġurnata. L-awtur George Woolard (1999), fix-xogħol *Grammar with Laughter*, ippreżenta għadd ta' eżerċizzji tal-grammatika mibnija fuq iċ-ċajt. Dan il-ktieb jinkludi diversi karti tat-taħriġ b'eżerċizzji bbażati fuq iċ-ċajt u l-eżerċizzji huma msejsin fuq topiks differenti tal-grammatika.

F'dan il-kapitlu se nippreżenta ħames pjanijiet tal-lezzjonijiet tal-grammatika tal-Malti, bl-introduzzjoni bbażata fuq iċ-ċajt. L-għan hu li nipprovdi suġġerimenti kif iċ-ċajt jista' jintuża għall-ftuħ tal-lezzjonijiet bit-tħaddim tal-proċess tat-tinqija. Dawn il-pjanijiet huma mibnija fuq il-ħames strutturi l-aktar rikorrenti li sibt mill-analiżi taċ-ċajt, li huma: (i) il-pronomi interrogattivi; (ii) il-pronomi dimostrattivi; (iii) in-negattiv; (iv) l-aġġettiv komparattiv u superlattiv, u; (v) l-imperattiv. Għall-pjanijiet tal-lezzjoni tal-pronomi interrogattivi u

dimostrattivi, tan-negattiv u tal-imperattiv nipprovdi ħames ċajtiet li bihom jista' jsir il-ftuħ tal-lezzjoni, waqt li għal-lezzjoni tal-aġġettiv komparattiv u superlattiv nippreżenta erbgħa.

**5.1 Il-pjan tal-lezzjoni**

Il-pjanijiet bnejthom b'mod strutturat biex, kemm jista' jkun, l-istudju jkun iktar aċċessibbli għal min jikkonsultah. Fl-ewwel parti ta' kull lezzjoni nippreżenta informazzjoni ġenerali marbuta mal-lezzjoni, pereżempju t-tip ta' lezzjoni, il-metodu u l-iskaluna. Fit-tieni parti tal-lezzjoni nippreżenta l-għan tal-lezzjoni, imsejjes fuq l-iskaluna ppreżentata. It-tielet parti tal-pjan hija magħmula mill-passi kollha tal-lezzjoni, mill-ftuħ sal-għeluq. Fil-ftuħ ta' kull pjan tal-lezzjoni hemm inkluż ċajta li nirreferi għaliha bħala Suġġeriment 1. Wara l-aħħar pass tal-lezzjoni, li huwa l-għeluq, nippreżenta xi suġġerimenti oħra. Dawn is-suġġerimenti huma kollha mibnijin fuq iċ-ċajt, li jistgħu jintużaw għall-introduzzjoni u għall-iżvilupp ta' dik il-lezzjoni partikolari.

**5.2 L-addattament taċ-ċajt**

Għalkemm l-eżempji taċ-ċajt li użajt għas-suġġerimenti huma kollha meħudin mill-kampjun ta' ċajt, kull ċajta addattajtha bl-aħjar mod li stajt. L-addattament taċ-ċajt għamiltu bil-għan li kull ċajta tgħin biex jintlaħaq l-għan fil-proċess tat-tinqija. Ħafna drabi l-addattament għamiltu billi inkludejt aktar eżempji ta' strutturi li l-istudenti huma mistennija jidentifikaw waqt il-proċess tat-tinqija. L-addattament li għamilt ma kienx proċess faċli, għaliex ridt inżewwaq iċ-ċajt bl-eżempji neċessarji biex l-istudenti jkunu jistgħu jidentifikawhom waqt it-tinqija, mingħajr ma nitlef is-sens u r-ritmu taċ-ċajta.

**5.3 Lezzjoni dwar il-pronomi interrogattivi**

It-tip ta' lezzjoni: Il-Grammatika

Il-metodu**:** It-tinqija

It-titlu: Il-Pronomi Interrogattivi

Skaluna: 5.2.2 Jagħtu eżempji tal-pronomi interrogattivi (Min, Xiex/X'inhu, Liema, Kemm)

---

L-għan

Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se jkunu kapaċi jidentifikaw il-pronomi interrogattivi u jagħtu xi eżempji huma stess f'sentenzi.

---

Il-ftuħ

**Suġġeriment 1**

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li l-istudenti se jkollhom kopja tagħha fuq karta tat-taħriġ:

**Daħket bih!**

Waħda mara minn raħal imwarrab marret il-Belt. Kif ġiet biex tirritorna, marret il-venda tal-Belt u ma kinitx taf liema karozza tal-linja se taqbad.

Għalhekk, marret fuq pulizija u staqsietu, "**Liema** hi l-karozza tar-raħal?"

Pulizija: Int minn fejn int?

Mara: **X'inhu** affarik?

Pulizija: Int ġejja bid-dgħajsa? Minn fejn int?

Mara: **Kemm** trid tkun taf affarijiet? Minn Ħal Rummien.

Pulizija: Mela l-karozza 116.

Il-mara telgħet fil-karozza 116. Xħin kienet se titlaq, ħarġet nofsha barra mit-tieqa tal-karozza u għajtet lill-pulizija: "Jupp! Dħakt bik. Jien minn Ħal Bużbież mhux minn Ħal Rummien. Ħa, ħa, ħa!"

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 117)

L-għalliema se titlob lill-istudenti jaqraw din is-silta l-ewwel f'qalbhom imbagħad titlob l-għajnuna ta' żewġ studenti biex jaqraw id-diskors dirett bejn il-pulizija u l-mara f'forma ta' role play.

Wara l-qari, l-għalliema se tippreżenta dan il-kwiżż qasir (pereżempju permezz ta' Kahoot) b'mistoqsijiet multiple choice:

1. F'din is-silta niltaqgħu ma' kemm-il karattru?
   - wieħed
   - tnejn
   - tlieta

2. F'din is-silta naraw li ż-żewġ karattri qegħdin jitkellmu flimkien. Dan insejħulu:
   - djalogu
   - monologu
   - tpaċpiċ

3. Id-djalogu preżenti fis-silta bejn il-karattri hu magħmul minn diversi:
   - taqbiliet
   - poeżiji
   - mistoqsijiet

Fl-aħħar mistoqsija l-għalliema, flimkien mal-istudenti, se tistabbilixxi li d-djalogu fiċ-ċajta hu magħmul minn diversi mistoqsijiet.

---

L-ewwel pass

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti: "Liema huma l-mistoqsijiet preżenti fid-djalogu?" Hawnhekk l-għalliema se tagħti ċans lil xi studenti jqumu minn posthom u jimmarkaw dawn il-mistoqsijiet biex jiffukaw fuqhom fil-pass li jmiss.

Wara tistaqsi, "Liema kliem minn dawn il-mistoqsijiet huma kruċjali biex tistaqsi l-mistoqsija?"

L-istudenti jintalbu jidentifikaw u jagħmlu ċirku madwar dan il-kliem fuq il-karta tat-taħriġ. F'każ li l-istudenti jkunu jeħtieġu aktar għajnuna biex jidentifikaw il-kliem, l-għalliema tista' tistaqsi, "Liema kliem użat fil-mistoqsijiet jista' joqgħod waħdu u jintuża bħala mistoqsija?"

---

<u>It-tieni pass</u>

L-għalliema se titlob lill-istudenti jgħidulha liema kliem immarkaw waqt li tniżżel dawn l-eżempji fuq il-bord, b'dan il-mod:

Liema?

X'inhu?

Kemm?

---

<u>It-tielet pass</u>

L-għalliema se tgħid lill-istudenti, "Agħtuni eżempji meta tużaw il-kelmiet "liema", "x'inhu" u "kemm".

Wara d-diskussjoni u eżempji ta' xi studenti, se tissawwar l-idea li dawn it-tip ta' kelmiet (użati fil-mistoqsijiet), jintużaw l-iktar f'kuntest ta' interrogazzjoni, meta jsiru għadd ta' mistoqsijiet.

L-istudenti, flimkien mal-għalliema se jistabbilixxu, li dawn il-kelmiet insejħulhom **pronomi interrogattivi.** Hawnhekk, tista' ssir diskussjoni żgħira li fiha l-istudenti jiddiskutu l-użu tal-pronomi interrogattivi fil-ħajja ta' kuljum.

---

<u>Ir-raba' pass</u>

L-għalliema titlob lill-istudenti jħarsu lejn dawn it-tliet kelmiet u titlobhom jgħidulha: "X'inhi l-funzjoni ta' dan il-kliem fil-mistoqsija?"

L-għalliema tista' tgħin lill-istudenti billi titlobhom iħarsu lejn il-kliem fil-kuntest tal-mistoqsija.

L-istudenti, bl-għajnuna tal-għalliema, se jistabbilixxu li:

- "Liema" huwa pronom interrogattiv ta' għażla;
- "Kemm" huwa pronom interrogattiv ta' kwantità; u
- "X'inhu"

---

<u>Il-ħames pass</u>

L-istudenti jistgħu jingħataw siltiet oħra, jew iċ-ċajt ippreżentat fis-suġġerimenti biex jidentifikaw il-pronomi interrogattivi u fil-klassi jikkummentaw fuq l-effett tagħhom fil-mistoqsijiet.

L-istudenti jistgħu jintalbu joħolqu djalogu huma stess bl-użu tal-pronomi interrogattivi li ġejjin: "min", "xiex/x'inhu", "liema", u "kemm".

---

<u>L-għeluq</u>

L-istudenti jipparteċipaw fi kwiżż li fih iridu jagħżlu l-pronom interrogattiv li joqgħod l-aktar fil-mistoqsijiet ippreżentati.

---

**Suġġeriment 2**

<u>Il-ftuħ</u>

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li l-istudenti se jkollhom kopja tagħha fuq karta tat-taħriġ.

**Fil-Ministeru**

<u>Segretarja:</u> **Min** int, jekk jogħġbok? U **liema** servizz għandek bżonn?

<u>Ċittadin:</u> Bonġu! Jiena Fredu u nixtieq inkellem lill-Ministru. **Kemm** taħseb li għandi ndum nistenna?

<u>Segretarja</u>: Jiddispjaċini, sinjur, il-Ministru ma jista' jara lil ħadd.

<u>Ċittadin</u>: **X'inhi** r-raġuni? Għandu x'jagħmel?

<u>Segretarja</u>: Le, għax inkisirlu n-nuċċali.

(Addattament taċ-ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 125)

**Suġġeriment 3**

Il-ftuħ

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li l-istudenti se jkollhom kopja tagħha fuq karta tat-taħriġ.

**Waqt Lezzjoni tal-Mużika**

Għalliema: James, **min** ikkompona s-Sonata no. 11?

James: Mozart.

Għalliema: **Kemm** fih ċwievet mużikali pjanu ta' daqs kbir?

James: Tmienja u tmenin.Għalliema: James, **liema** hi ċ-ċavetta li tuża l-iżjed?

James: Tal-gradenza, fejn ommi żżomm iċ-ċikkulata.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 125)

**Suġġeriment 4**

Il-ftuħ

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li l-istudenti se jkollhom kopja tagħha fuq karta tat-taħriġ.

Għalliema bdiet tistaqsi xi mistoqsijiet lill-istudenti.

Għalliema: **Min** skopra l-Amerka, Erika?

Erika: Kristofru Kolombu.

Għalliema: Prosit! Alan, fid-dinja **kemm** hawn kontinenti?

Alan: Sebgħa, Miss.

Għalliema: Tajjeb! Joseph, din il-mistoqsija għalik. **Liema** huma l-erbat irjieħ?

Joseph: Riħ qawwi, bronkite, pulmonite u flissjoni.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Ejjew nidħku ftit ieħor ma' Charles Clews,*
miġbur u editjat minn Toni Sant)

**Suġġeriment 5**

<u>Il-ftuħ</u>

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li l-istudenti se jkollhom kopja tagħha fuq karta tat-taħriġ.

**B'hekk titgħallem!**

<u>Tifel</u>: Pa, **kemm** hemm nies fl-Amerka?

<u>Missier</u>: Ma nafx, ibni.

<u>Tifel</u>: Pa, **liema** hija l-itwal xmara?

<u>Missier</u>: Ma nafx, ibni.

<u>Tifel</u>: Pa, **min** kien l-ewwel raġel li tela' fuq il-qamar?

<u>Missier</u>: Ma nafx, ibni.

<u>Tifel</u>: Pa, ma jimpurtax, hux, li noqgħod nistaqsik?

<u>Missier</u>: Lanqas xejn, ibni. B'hekk titgħallem xi ħaġa.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 116)

**5.4 Lezzjoni dwar il-pronomi dimostrattivi**

It-tip ta' lezzjoni: Il-Grammatika

Il-metodu**:** It-tinqija

It-titlu: Il-pronomi dimostrattivi

Skaluna: 5.1.2 Jelenkaw il-pronomi dimostrattivi

---

L-għan

Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se jidentifikaw il-pronomi dimostrattivi miċ-ċajt u juru b'eżempji xierqa kif il-pronomi dimostrattivi jaqblu man-nom skont l-għadd u l-ġens.

---

Il-ftuħ

**Suġġeriment 1**

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li l-istudenti jintalbu jsegwu l-qari b'attenzjoni, minn fuq il-karta tat-taħriġ.

**Kartolina tal-Milied**

Kien wasal il-Milied u mara rċeviet kartolina tal-Milied mingħand oħtha.

Tifel: Ma, **dan** x'inhu?

Ommu: Ibni, **dan** envelopp.

Tifel: U, u ... **din** x'inhi?

Ommu: **Din** insejħulha kartolina.

Tifel: Ma, **dawn** x'inhuma (waqt li jippunta lejn is-slaleb)?

Ommu: **Dawn**, ibni, bews biex iz-zija turina kemm tħobbna.

Tifel: Mela kemm iħobbni aktar is-sir, daqskemm jagħmilli minnhom fil-pitazz!

(Addattament ta' ċajta meħuda mis-*Sagħtar* – Għadd 138)

---

L-ewwel pass

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Liema kliem, mid-djalogu bejn it-tifel u ommu, jintuża minflok in-nomi nfushom?"

L-istudenti se jintalbu jagħmlu sinjal taħt il-kliem li qed jirreferi għall-oġġett, eżempju għall-envelopp, għall-kartolina u għas-slaleb.

---

It-tieni pass

L-għalliema titlob lill-istudenti jgħidu liema kliem immarkaw u fuq il-bord tniżżel dawn il-kelmiet f'kolonni, kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| dan | din | dawn |

---

It-tielet pass

L-istudenti jikkummentaw fuq meta nużaw dawn il-kelmiet. L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti, "Il-kelmiet 'dan', 'din' u 'dawn' meta nużawhom?" B'din il-mistoqsija, l-għalliema se tiggwida lill-istudenti biex jifformulaw l-ipotesi li:

- Dan hija kelma nużawha biex nirreferu għal nom maskil li qiegħed qrib il-kelliem;
- Din hija kelma nużawha biex nirreferu għal nom femminil li qiegħed qrib il-kelliem; u
- Dawn: kelma nużawha biex nirreferu għal nomi (plural) li qegħdin qrib il-kelliem.

---

Ir-raba' pass

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti, "Xi kliem nużaw biex nirreferu għal xi nomi li jinsabu 'l bogħod mill-kelliem?"

L-għalliema tisma' t-tweġibiet tal-istudenti u tistenna r-risposta: dak (sing. maskil), dik (sing. femminil), u dawk (plural).

L-għalliema u l-istudenti jikkonkludu li dawn il-kelmiet insejħulhom **pronomi dimostrattivi** u li l-funzjoni ta' kull waħda tvarja skont il-pożizzjoni tal-kelliem, il-ġens u l-għadd tan-nom.

---

Il-ħames pass

L-għalliema se tippreżenta xi siltiet lill-istudenti, pereżempju ċ-ċajt f'suġġerimenti 4 u 5, u toħloq taħriġiet biex l-istudenti jkunu jistgħu jelenkaw il-pronomi dimostrattivi.

Jista' jingħata taħriġ li fih l-għalliema titlob lill-istudenti biex mis-silta jsibu pronomi dimostrattivi fis-singular maskil u femminil jew fil-plural, jew jiggruppawhom skont it-tip (dak/dik/dawk jew dan/din/dawn). Eżerċizzju ieħor jista' jkun wieħed li fih l-istudenti jidentifikaw il-pronomi dimostrattivi għal liema nomi fiċ-ċajta qegħdin jirreferu, kif jidher fl-eżempju t'hawn taħt:

Dawn –

Din –

Dak –

Dak –

---

L-għeluq

Xi studenti jispjegaw x'tgħallmu f'din il-lezzjoni fuq il-pronomi dimostrattivi, waqt li l-istudenti kollha jniżżlu nota dwar dan fuq il-karta tat-taħriġ li jkunu ħadmu fuqha.

---

**Suġġeriment 2**

Il-ftuħ

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv. L-għalliema se taqra ċ-ċajta waqt li l-istudenti jintalbu jsegwu b'attenzjoni minn fuq il-karta tat-taħriġ.

Raġel, li kellu ċorma tfal, intlemaħ mill-mara dieħel id-dar b'kelb tal-wolf.

**Din** qabdet tgħajjat kemm tiflaħ, "Hawn x'ġibtli? Hawn **dak** ġibtli, għandna **dawk** it-tfal kollha?"

"Imma jien ilbieraħ għedtlek li se nġib kelb tal-wolf," qalilha żewġha.

Ir-raġel kompla, "Int għedtli '**Dak** jonqosna'. Mela la dak jonqosna, jiena ġibtu."

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Ejjew nidħku ftit ieħor ma' Charles Clews*, miġbur u editajt minn Toni Sant)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Liema kliem miċ-ċajta qiegħed jirreferi għal xi nomi, pereżempju għall-mara u għall-kelb?"

**Suġġeriment 3**

Il-ftuħ

L-għalliema turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv. L-għalliema se titlob żewġ studenti biex jaqrawha f'forma ta' role play, waqt li l-bqija jistgħu jsegwu b'attenzjoni minn fuq il-karta tat-taħriġ.

Ilaria marret tixtri mingħand tal-merċa. Kellha l-lista li kitbitilha l-mamà u tatha lil tal-ħanut.

**Dak** taha kollox, poġġielha l-affarijiet fil-baskett u qalilha li setgħet tmur.

Iżda **din** qaltlu: Jonqosni kaxxa ċikkulatini minn **dawk** t'hemm fuq.

Tal-ħanut: Imma hawn fil-lista m'għandekx miktub li trid kaxxa ċikkulatini.

Ilaria: Għax il-mamà ma tafx tikteb 'ċikkulatini'.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 370)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Liema kliem miċ-ċajta qiegħed jirreferi għal xi nomi, pereżempju għall-bejjiegħ tal-ħanut u għal Ilaria?"

**Suġġeriment 4**

Il-ftuħ

L-għalliema se turi din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv, waqt li żewġ studenti se jintalbu jaqraw iċ-ċajta waqt li l-bqija jsegwu l-qari b'attenzjoni, minn fuq il-karta tat-taħriġ.

It-tifel kien qed jara film tar-Red Indians fuq it-televixin. **Dawn** kienu qed jinżebgħu għall-gwerra u t-tifel staqsa lil missieru: "Pa, **dawk** x'qed jagħmlu?"

"**Dawk** qed jippreparaw għall-gwerra," wieġbu.

L-għada filgħodu, it-tifel mar jiġri jgħid lil missieru: "Pa, jaqblilna nistaħbew għax **din** (waqt li jippunta lejn ommu) qiegħda quddiem il-mera tlesti għall-gwerra!"

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar*)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Liema kliem miċ-ċajta qiegħed jirreferi għal xi nomi, pereżempju għar-Red Indians u għall-omm?"

**Suġġeriment 5**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta t'hawn taħt fuq il-bord interattiv. L-għalliema se taqra ċ-ċajta, waqt li l-istudenti jintalbu jsegwu b'attenzjoni minn fuq il-karta tat-taħriġ.

**Tajjeb Ħafna**

Pazjent kellu appuntament għand it-tabib u **dawn** bdew jitkellmu.

Tabib: "Allura, sibt ruħek aħjar b'**din** il-mediċina?"

Pazjent: "Ħafna, tabib: imma jien qgħadt fuq **dak** li hemm miktub fuq il-flixkun!"

Tabib: "U x'sibt miktub fuq **dan**?" (Waqt li t-tabib ħares lejn il-bott tal-mediċina)

Pazjent: "Żomm il-flixkun magħluq tajjeb!"

(Addattament taċ-ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 85)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Liema kliem miċ-ċajta qiegħed jirreferi għal xi nomi, pereżempju għat-tabib, il-pazjent u l-flixkun?

**5.5 Lezzjoni dwar in-negattiv tal-verb u tal-pronom**

It-tip ta' lezzjoni: Il-Grammatika

Il-metodu**:** It-tinqija

It-titlu: Reviżjoni tan-negattiv tal-verb u l-pronom

Skaluna: 5.2.4 Jiddeskrivu l-istruttura tan-negattiv tal-verb u tal-pronom

---

L-għan

Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se jidentifikaw in-negattiv tal-verb u tal-pronom u jiddeskrivu l-istruttura tiegħu.

---

Il-ftuħ

L-għalliema se taqsam lill-istudenti f'ħames gruppi differenti. Kull grupp jingħata ċajta differenti fuq il-karta tat-taħriġ, skont is-suġġerimenti ppreżentati hawn taħt. Kull grupp se jaqra ċ-ċajta u jaħdem fuqha.

**Suġġeriment 1**

Wieħed mar għand it-tabib, eżaminah u qallu, "**Ma rridekx** tixrob luminata iżjed."

Wara xi jumejn, it-tabib lemaħ lill-istess raġel, f'ħanut, b'tazza luminata quddiemu.

**Ma ħasibhiex** darbtejn u daħal ikellmu.

"Jien għedtlek biex **ma tixrobx** luminata iżjed," qallu t-tabib.

"Jien **m'iniex** nixrob iżjed," wieġbu xott xott ir-raġel. "Qed nixrob daqs is-soltu, mhux iżjed."

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Ta' lanqas Tbissem* ta' Anton Ghio)

**Suġġeriment 2**

**Għand it-tabib**

Darba kien hemm raġel u mar għand it-tabib biex jittestjalu għajnejh. It-tabib urieh karti li fuqhom kien hemm l-ittri tal-alfabett.

Tabib: "X'inhi din l-ittra?"

Raġel: "**Ma nafx**."

It-tabib reġa' wrieh ittri oħrajn u din id-darba r-raġel xorta **ma kienx jaf** x'inhuma.

Tabib: "Jeħtieġ naraw x'nagħmlu għax din serja. **Ma smajtx** b'każ ieħor bħal tiegħek"

Raġel: "Isma', Dott, ħej. Jien **ma nafx** naqra."

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 170)

**Suġġeriment 3**

Darba kien hemm tnejn tal-MUSEUM li kienu għaddejjin isuqu mutur b'veloċità kbira.

Rahom pulizija tat-traffiku, waqqafhom u qalilhom: "Se nagħtikom ċitazzjoni. **Ma tistgħux issuqu** b'din il-veloċità. **Ma tafux** kemm hu perikoluż?"

Wieħed minn dawk ta' fuq il-mutur qabeż u qal: "Pulizija, aħna **m'aħniex** se naħbtu għax għandna 'l Ġesù magħna."

"Issa żgur li se nagħtikom ċitazzjoni," kien pront qalilhom il-pulizija. "Għaliex?"staqsa l-ieħor ta' fuq il-mutur.

"Għax **ma tistgħux** tirkbu aktar minn tnejn fuq mutur," kienet it-tweġiba tal-pulizija.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 85)

**Suġġeriment 4**

**L-allerġija**

Infermier staqsa pazjenta: "Inti **ma tbatix** minn xi allerġija partikulari, hux? Jew forsi taf b'xi ħaġa li **ma taqbilx** miegħek, bħall-Penicillin?"

Din il-mara ħasbitha ftit u, bl-akbar serjetà, weġbitu: "Sa fejn naf jiena, **m'iniex** allerġika. Issa **ma nafx**, ruħi, ta, għax jien dejjem Lenor u Ariel użajt. Dejjem bihom ħsilt."

L-infermier tbellah u rrealizza li l-mara ħasbet hekk minħabba l-Persil tal-ħwejjeġ.

(Addattament ta' ċajta meħuda mill-ktieb *Tilqima bi Tbissima* ta' William Grech)

**Suġġeriment 5**

Omm bagħtet lil bintha għand tal-ħaxix biex tixtrilha ftit ħass: "Isa, binti, mur malajr għax **m'intix** se tilħqu miftuħ."

Waqt li kienet qiegħda tistenna għand tal-ħaxix, it-tifla ħassitha **ma tiflaħx** u telqet lura lejn id-dar.

"Ma," qalet it-tifla lil ommha hekk kif waslet id-dar, "tani ħass ħażin."

L-omm, li **ma fehmet xejn** milli ġara, irrabjata qaltilha: "U jekk tak ħass ħażin, għaliex ħadtu?"

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 148)

Wara l-qari fi gruppi, l-għalliema se titlob lil kull grupp biex iwieġeb il-mistoqsija fuq il-karta tat-taħriġ. Il-mistoqsijiet fuq il-karti tat-taħriġ se jkunu dawn, skont iċ-ċajta rispettiva:

**Mistoqsija ta' suġġeriment 1**: "Liema kliem miċ-ċajta jurina l-ordni li t-tabib ta lil dan ir-raġel?"

**Mistoqsija ta' suġġeriment 2:** "Liema kliem miċ-ċajta jurina li r-raġel kien illitterat?"

**Mistoqsija ta' suġġeriment 3:** "Liema kliem miċ-ċajta jurina kif il-pulizija widdeb lil dawn l-irġiel?"

**Mistoqsija ta' suġġeriment 4:** "Liema kliem juża l-infermier biex jiżgura jekk il-pazjenta hijiex allerġika għal xi ħaġa?"

**Mistoqsija ta' suġġeriment 5:** "Liema kliem f'din iċ-ċajta jurina kif ħassitha t-tifla għand tal-ħaxix?"

---

<u>L-ewwel pass</u>

L-għalliema se titlob lill-istudenti biex grupp grupp jibdew jagħtu t-tweġibiet tagħhom skont iċ-ċajta u l-mistoqsija li jkollhom fuq il-karta tat-taħriġ tagħhom. Iċ-ċajta u l-mistoqsija ta' kull grupp jistgħu jitilgħu fuq il-bord interattiv biex l-istudenti fil-gruppi l-oħra jkunu jistgħu jsegwu wkoll.

L-għalliema se tistenna tweġibiet ta' strutturi fin-negattiv mingħand kull grupp, pereżempju l-frażi "Ma rridekx tixrob luminata iżjed" skont iċ-ċajta ta' suġġeriment 1 u l-mistoqsija marbuta magħha.

L-għalliema se timmarka l-frażi "ma rridekx" fiċ-ċajta ta' suġġeriment 1 u se tagħmel l-istess proċess għal kull ċajta.

Wara se tistaqsi lill-istudenti:

"Miċ-ċajt li hawn ipproġettat fuq il-bord, liema frażijiet oħra għandhom l-istess struttura jew huma simili għal dawn il-frażijiet li tajtuni?"

L-istudenti jintalbu jniżżlu dawn il-frażijiet fi spazju fuq il-karta tat-taħriġ.

---

It-tieni pass

L-għalliema se titlob xi studenti minn kull grupp biex jgħidulha liema frażijiet niżżlu waqt li tniżżel xi eżempji bħal dawn t'hawn taħt b'dan il-mod:

| | |
|---|---|
| "ma rridekx" | "m'iniex" |
| "ma ħasibhiex" | "m'intix" |
| "ma smajtx" | "m'aħniex" |
| "ma tixrobx" | |
| "ma tiflaħx" | |
| "ma taqbilx" | |
| "ma tistgħux" | |
| "ma tafux" | |

---

It-tielet pass

L-għalliema titlob lill-istudenti jħarsu lejn l-ewwel kolonna ta' eżempji u se titlobhom jgħidulha x'hemm simili. Se tistenna r-risposti: "ma" quddiem il-verb u "-x" bħala suffiss tal-verb.

L-għalliema se tistabbilixxi mal-istudenti li dawn huma kollha verbi fin-negattiv. L-istudenti, bl-għajnuna tal-għalliema, se jiffurmaw l-ipotesi li l-verbi fin-negattiv (perfett/imperfett) nagħrfuhom mill-istruttura "ma" u s-suffiss "-x."

---

Ir-raba' pass

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti jekk "m'iniex", "m'intix" u "m'aħniex" nistgħux inqisuhom bħala strutturi fin-negattiv, skont l-ipotesi li ffurmaw huma stess f'pass tlieta.

Hawnhekk se jiġi stabbilit li l-eżempji fit-tieni kolonna qegħdin juru n-negattiv tal-pronomi "jien," "int" u "aħna," rispettivament. L-għalliema tippreżenta l-lista tal-bqija tal-pronomi kif jidher hawn taħt u titlob lill-istudenti biex iniżżlu n-negattiv tal-pronomi personali b'funzjoni verbali flimkien:

| Pronom | |
|---|---|
| **jien** | m'iniex |
| **int** | m'intix |
| **hu** | |
| **hi** | |
| **aħna** | m'aħniex |
| **intom** | |
| **huma** | |

---

Il-ħames pass

L-istudenti se jingħataw xi siltiet jew ċajt ieħor biex jidentifikaw verbi jew pronomi fin-negattiv biex jikkonfermaw l-ipotesi li fasslu huma stess u jivverifikawha permezz ta' eżempji oħra.

---

L-għeluq

L-għalliema tistaqsi lill-istudenti joħolqu nota flimkien billi jirrevedu x'tgħallmu f'din il-lezzjoni.

**5.6 Lezzjoni dwar l-imperattiv**

It-tip ta' lezzjoni: Il-Grammatika

Il-metodu**:** It-tinqija

It-titlu: Il-verb fl-imperattiv

Skaluna: 5.2.3 Jagħtu xi eżempji tal-verb fl-imperattiv

---

L-għan

Sa tmiem din il-lezzjoni, l-istudenti se jkunu kapaċi jidentifikaw il-verbi fl-imperattiv u jagħtu xi eżempji huma ta' dan it-tip.

---

Il-ftuħ

**Suġġeriment 1**

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv u ssemma' rekording bil-qari taċ-ċajta. L-istudenti jintalbu jsegwu b'attenzjoni mill-karta tat-taħriġ ipprovduta.

Missier: **Oħroġ** il-kelb fil-bitħa, Elena, ħalli jixrob. **Imsaħ** saqajk fit-tapit int u dieħla.

Elena: Kollox sew, papà.

Missier: Elena, **mur** fil-kamra tas-sodda u **ġibli** ż-żarbun l-iswed jekk jogħġbok, għax sarli l-ħin għax-xogħol u mgħaġġel!

Elena: Arani sejra, papà.

(Wara ftit ħin li ħaditlu ż-żarbun)

Missier: Elena, **isma'** 'l hawn, sabiħa. Għaliex qgħadt taqfilli l-lazzijiet taż-żarbun? Aktar ma sarli l-ħin!

Elena: Għax peress li mgħaġġel, qfilthomlok bil-lest!

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 366)

Wara li jinstema' r-rekording, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Fil-konverżazzjoni, il-missier x'inhu jagħmel?"

---

L-ewwel pass

L-għalliema tisma' t-tweġibiet tal-istudenti u se tistenna r-risposta, "Il-missier qiegħed jordna/jikkmanda lil bintu x'tagħmel."

L-għalliema se titlob lill-istudenti biex jimmarkaw liema kliem qiegħed juża l-missier biex jikkmanda.

---

It-tieni pass

L-għalliema se titlob lill-istudenti jgħidulha liema kliem immarkaw u tniżżel l-eżempji tal-verbi fl-imperattiv fuq il-bord:

| | |
|---|---|
| oħroġ | mur |
| imsaħ | ġib(li) |
| isma' | |

---

It-tielet pass

L-għalliema se titlob lill-istudenti jħarsu lejn il-kliem fl-imperattiv.

Flimkien se jifformulaw ipotesi li l-verb fl-imperattiv jifforma skont il-verb fil-mamma. Il-verbi tal-ewwel kolonna, li huma trilitteri sħaħ, isawru l-imperattiv billi jpoġġu l-vokali fuq quddiem. Il-verbi tat-tieni kolonna, li huma dgħajfin moħfija, jibdlu l-vokali tan-nofs.

Barra minn hekk, l-għalliema se titlob lill-istudenti jħarsu lejn il-verb fl-imperattiv "ġibli" u se tistaqsihom: "Il-verb fl-imperattiv "ġibli" x'għandu differenti mill-bqija tal-verbi?"

L-għalliema se tistenna t-tweġiba: "Għandu suffiss pronominali -li." L-għalliema u l-istudenti se jaslu għall-idea li dan is-suffiss jagħti tifsira iżjed meta miżjud mal-imperattiv. L-għalliema titlob lill-istudenti biex jagħtuha eżempji oħra ta' suffissi pronominali marbutin mal-imperattiv u tniżżel uħud fuq il-bord.

---

Ir-raba' pass

L-għalliema se tagħti xi siltiet oħra, pereżempju xi ċajt li ppreżentajt fis-suġġerimenti jew xi metodu ta' riċetta jew manwal ta' xi oġġett, u se titlob lill-istudenti jidentifikaw l-imperattiv f'dawn is-siltiet.

L-istudenti se jaqsmu l-imperattiv skont it-tip ta' verb, anki jekk ikun hemm xi eżempji ġodda, pereżempju verbi kwadrilitteri. Barra minn hekk, f'dawn is-siltiet għandha ssir referenza għas-suffissi pronominali mal-imperattiv.

---

Il-ħames pass

Mill-eżempji ġodda u dawk meħudin miċ-ċajta, l-istudenti jistgħu jivverifikaw l-ipotesi tagħhom li l-verb fl-imperattiv jinħadem skont it-tip ta' verb, jiġifieri jekk hux sħiħ, dgħajjef jew kwadrilitteru.

L-istudenti, flimkien mal-għalliema, se jistabbilixxu s-sitwazzjonijiet tipiċi li fihom jintuża l-imperattiv, fosthom:

- fil-metodu ta' riċetta;
- fl-istruzzjonijiet ta' xi logħba;
- fil-manwal ta' xi oġġett;
- fit-talb; u
- meta tagħmel projbizzjoni.

L-għalliema se tuża dawn is-sitwazzjonijiet u titlob lill-istudenti jagħtuha xi eżempji ta' verbi fl-imperattiv li jintużaw f'dawn il-kuntesti.

---

L-għeluq

Xi studenti se jintalbu jispjegaw x'tgħallmu f'din il-lezzjoni waqt li l-istudenti kollha, flimkien mal-għalliema, se jniżżlu nota fl-ispazju provdut tal-karta tat-taħriġ.

---

**Suġġeriment 2**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv u se żżid rekording li fih tinqara ċ-ċajta. L-istudenti se jintalbu jsegwu b'attenzjoni din iċ-ċajta mill-karta tat-taħriġ ipprovduta.

Mara: Ren, **agħmel** il-qadja int, jekk jogħġbok.

Raġel: Ija, mela le! X'għandna bżonn?

Mara: Ara, **mur** għand tal-merċa; **ixtri** kartuna ħalib u jekk għandhom tuffieħ, **ġib** sitta.

*Ftit ħin wara, ir-raġel wasal lura b'sitt kartuniet ħalib.*

Mara: Ren, **idħol** fil-kċina u **qiegħed** l-affarijiet hawn, fuq il-mejda.

*Il-mara rat lir-raġel iqiegħed sitt kartuniet ħalib fuq il-mejta.*

Mara: Ren, għaliex xtrajt sitt kartuniet ħalib?

Raġel: Għax kellhom tuffieħ!

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 363)

Wara li jinstema' r-rekording, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Fil-konverżazzjoni, il-mara x'inhi tagħmel?"

**Suġġeriment 3**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv. Żewġ studenti se jintalbu jaqraw id-djalogu bejn l-omm u Robert. L-istudenti l-oħra u jsegwu mill-bord interattiv jew minn karta tat-taħriġ.

**Għall-Erwieħ**

Omm: Robert, **mur** għand tal-ħanut u **ixtrili**, għall-erwieħ.

Robert: Kollox sew, ma. Xi rrid nixtri?

Omm: Nofs kilo patata, ftit tadam u faqqiegħ. **Ħu** baskett tax-xiri miegħek.

Robert: Fhimtek, ma.

Omm: **Aqbad** għoxrin ewro mill-portmoni, Robert, u **iġbed** il-bieb warajk malli toħroġ.

*Meta wasal id-dar, ommu stennietu bl-affarijiet.*

Omm: Fejn qegħedthom l-affarijiet li xtrajtli, Robert?

Robert: Ħallejthom mal-gwardjan taċ-ċimiterju. Mhux int għedtli mmur nixtrilek għall-erwieħ?

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 115)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:
"Fid-diskors tagħha, l-omm x'inhi tagħmel?"

**Suġġeriment 4**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv. Żewġ studenti se jintalbu jaqraw id-djalogu bejn il-missier u t-tifel. L-istudenti l-oħra se jintalbu jsegwu mill-bord interattiv jew minn karta tat-taħriġ.

Missier: L-iskola ma tistax tagħmel li trid. **Obdi** lill-għalliema u **ġib** ruħek sew!

Tifel: Imma pa …

Missier: Imma xejn, ibni. **Ieqaf** irrispondi!

Il-missier nervuż waqaf, ħaseb ftit u qal lit-tifel: "**Itlaq** lejn kamartek, **inqafel** hemm u **ġibli** ċ-ċavetta lura."

(Addattament ta' ċajta meħuda mill-ktieb *Ta' Lanqas Tbissem* ta' Anton Ghio)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"Fid-diskors tiegħu, il-missier x'inhu jagħmel? X'inhu jgħid lil ibnu?"

**Suġġeriment 5**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv u se żżid rekording li fih tinqara ċ-ċajta. L-istudenti jintalbu jsegwu b'attenzjoni din iċ-ċajta mill-karta tat-taħriġ ipprovduta li se jkollhom.

**Eħfef hekk**

Mara daħlet għand tal-grocer: "**Ġibli** bott kunserva, jekk jogħġbok."

Raġel: Xi ħaġa oħra?

Mara: **Ħaffef**, isa, **agħtini** żewġ kilos patata … **agħżilhom** żgħar, taf, għax għandi 'l bogħod għad-dar, u l-kbar ikunu itqal."

(Addattament ta' ċajta meħuda mill-ktieb *Ejjew nidħku ftit ieħor ma' Charles Clews,* miġbur u editjat minn Toni Sant)

Wara l-qari, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti:

"X'tistgħu tgħidu fuq id-diskors tal-mara? X'inhi tgħidlu lil tal-ħanut?"

**5.7 Lezzjoni dwar il-komparattiv u s-superlattiv**

It-tip ta' lezzjoni: Il-Grammatika

Il-metodu: It-tinqija

It-titlu: Il-komparattiv u s-superlattiv

Skaluna: 5.3.2 Jagħtu eżempji fil-komparattiv u s-superlattiv

---

L-għan

Sa tmiem il-lezzjoni, l-istudenti se jkunu kapaċi jidentifikaw il-forom tal-komparattiv u s-superlattiv u jagħtu eżempji oħrajn.

---

Il-ftuħ

**Suġġeriment 1**

L-għalliema ttella' din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv u titlob żewġ studenti jaqrawha b'vuċi għolja. Il-kumplament jistgħu jsegwu ċ-ċajta minn karta tat-taħriġ li titqassmilhom qabel.

**B'hekk titgħallem!**

– Pa, ir-rixa **eħfef** mill-werqa?

– Ma nafx, ibni.

– Pa, liema hija **l-itwal** xmara?

– Ma nafx, ibni.

– Pa, il-qamar **ikbar** mid-dinja?

– Ma nafx, ibni.

– Pa, liema hu **l-eqdem** bini fid-dinja?

– Ma nafx, ibni.

– Pa, ma jimpurtax, hux, li noqgħod nistaqsik?

– Lanqas xejn, ibni. B'hekk titgħallem xi ħaġa.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 116)

---

L-ewwel pass

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti, "Liema kliem fiċ-ċajta qiegħed jiddeskrivi n-nomi jew iqabbel żewġ nomi?"

L-istudenti jintalbu jimmarkaw il-kliem li għandu forma simili.

---

It-tieni pass

L-għalliema titlob lill-istudeni jgħidulha liema kliem immarka waqt li tniżżel l-eżempji tal-komparattiv u s-superlattiv fuq fil-bord f'kolonni separati, kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| | eħfef | |
| | ikbar | |
| | | l-itwal |
| | | l-eqdem |

---

It-tielet pass

L-għalliema se titlob lill-istudenti jħarsu lejn dawn iż-żewġ kolonni. L-istudenti, bl-għajnuna tal-għalliema, se jifformulaw l-ipotesi li:

- *eħfef* u *ikbar* huma aġġettivi ta' nisel Semitiku li jiffurmaw b'żieda ta' vokali fuq quddiem:
- *l-itwal* u *l-eqdem* huma aġġettivi ta' nisel Semitiku li jiffurmaw b'żieda tal-artiklu quddiem, u;
- dawn iż-żewġ forom jifformaw mill-aġġettivi pożittivi.

L-istudenti, bil-mistoqsijiet tal-għalliema biex ikollhom gwida, għandhom jaslu biex jimlew it-tabella ta' fuq il-bord b'dan il-mod:

| | | |
|---|---|---|
| ħafif | eħfef | l-eħfef |
| kbir | ikbar | l-ikbar |
| twil | itwal | l-itwal |
| qadim | eqdem | l-eqdem |

---

Ir-raba' pass

L-għalliema se titlob lill-istudenti biex iħarsu lejn il-funzjoni tal-eżempji tal-komparattiv u s-superlattiv fiċ-ċajta, u jaslu għall-konklużjoni li:

- *eħfef* u *ikbar* huma aġġettivi li jqabblu, jew jikkumparaw, żewġ nomi, pereżempju d-dinja mal-qamar. Għalhekk insejħulhom **komparattivi.**
- *l-itwal* u *l-eqdem* huma aġġettivi li jikkumparaw tliet oġġetti jew aktar. Għalhekk insejħulhom **superlattivi**. L-għalliema tiġbed l-attenzjoni għall-artiklu, id-differenza ewlenija bejniethom.

---

Il-ħames pass

L-istudenti jingħataw xi siltiet oħra li fihom jistgħu jivverifikaw l-ipotesi dwar il-forom u l-funzjonijiet tal-komparattiv u s-superlattiv.

F'dawn is-siltiet, l-għalliema tista' tinkludi xi aġġettivi li ma jiffurmawx il-komparattiv u s-superlattiv skont l-ipotesi. Pereżempju, aġġettivi bħal "bravu" u "kwiet" ma jifformawx il-komparattiv u s-superlattiv bħall-aġġettivi fl-eżempju taċ-ċajta.

Għalhekk, l-għalliema għandha tippreżenta lill-istudenti sentenzi b'kuntesti ta' xebh jew tqabbil biex jagħtu l-komparattiv u s-superlattiv. Dawn jiffurmaw biż-żieda tal-kliem "aktar" jew "iżjed" quddiem l-aġġettiv innifsu, pereżempju "aktar bravu" jew "inqas kwiet."

---

L-għeluq

L-għalliema tista' titlob lil xi studenti biex jispjegaw x'tgħallmu f'din il-lezzjoni, waqt li kulħadd iniżżel in-nota dwar dan.

F'każ li jkun fadal aktar ħin, l-għalliema tista' tħejji kwiżż, bħal Kahoot, li fih l-istudenti jistgħu jagħtu l-komparattiv u s-superlattiv tal-aġġettivi.

---

**Suġġeriment 2**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv u se titlob żewġ studenti biex jaqrawha b'vuċi għolja. Il-kumplament tal-istudenti jistgħu jsegwu ċ-ċajta minn karta tat-taħriġ li titqassmilhom qabel.

**Fil-klassi**

Għalliem: "Borg, liema hi **l-itwal** muntanja fid-dinja?"

Borg: "L-Everest, Sir."

Għalliem: "Cremona, l-oċean Paċifiku hu **ikbar** mill-Atlantiku?

Cremona: "Hekk hu, Sir."

Għalliem: "Zammit, din għalik. Liema hu **l-itqal**, kilo ħadid jew kilo rix?"

Zammit: "Kilo ħadid, Sir."

Għalliem: "Le, Zammit. Jiżnu t-tnejn l-istess. M'hemmx wieħed **eħfef** mill-ieħor għax it-tnejn jiżnu kilo."

Zammit: "Inti Sir, itfa' kilo ħadid fuq saqajk u kilo rix, u ara liema hu l-itqal!"

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Ejjew nidħku ftit ieħor ma' Charles Clews*, miġbur u editjat minn Toni Sant)

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti, "Liema kliem fiċ-ċajta qiegħed jiddeskrivi n-nomi jew iqabbel żewġ nomi?"

**Suġġeriment 3**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv u se titlob żewġ studenti biex jaqrawha b'vuċi għolja. Il-kumplament tal-istudenti jistgħu jsegwu ċ-ċajta minn karta tat-taħriġ li titqassmilhom qabel.

**Eħfef hekk**

Mara daħlet għand tal-grocer.

Mara: Ġann, agħtini **l-isbaħ** ħaxix li għandek!

Tal-ħanut: Ara, bħalissa għandi tadam sabiħ ħafna u l-patata ta' Malta faħħruha wkoll.

Mara: Il-patata ta' Malta **eħfef** minn ta' barra?

Tal-ħanut: L-istess toqol, kważi, sinjura.

Mara: Mela agħtini żewġ kilos patata … agħtihomli żgħar, taf, għax għandi 'l bogħod għad-dar u l-kbar ikunu **itqal**.

(Addattament taċ-ċajta meħuda minn *Ejjew nidħku ftit ieħor ma' Charles Clews*, miġbur u editjat minn Toni Sant)

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti, "Liema kliem fiċ-ċajta qiegħed jiddeskrivi n-nomi, bħal ħaxix, jew iqabbel żewġ nomi?"

**Suġġeriment 4**

Il-ftuħ

L-għalliema se tipproġetta din iċ-ċajta fuq il-bord interattiv, u se titlob żewġ studenti biex jaqrawha b'vuċi għolja. Il-kumplament tal-istudenti jistgħu jsegwu ċ-ċajta minn karta tat-taħriġ li titqassmilhom qabel.

**Kemm ħadem!**

Għalliem: Amy, taħseb li x-xogħol tad-dar ikun **eħfef** minn dak li naħdmu fil-klassi?

Amy: Skont, Sir. Mhux dejjem l-istess.

Għalliem: Paul, liema suġġett tħoss li hu l-**itqal**?

Paul: Il-Matematika, Sir.

Għalliem: Imma fil-Matematika, importanti li taħdmu ħafna somom ħalli tipprattikaw. Ħa nara … Min hu **l-aktar bieżel** minnkom tfal?

John: Jien, Sir. Għoddejt somma tmien darbiet u ġewni tmien answers.

(Addattament ta' ċajta meħuda minn *Sagħtar* – Għadd 114)

L-għalliema se tistaqsi lill-istudenti, "Liema kliem fiċ-ċajta qiegħed jiddeskrivi n-nomi, pereżempju xi suġġett tal-iskola jew iqabbel żewġ nomi, bħax-xogħol għad-dar u x-xogħol fil-klassi?"

## 5.8 Il-konklużjoni

F'dan il-kapitlu tajt eżempji ta' lezzjonijiet u suġġerimenti kif iċ-ċajt jista' jintuża għal-lezzjonijiet tal-grammatika, skont l-osservazzjonijiet tiegħi mill-ġabra. Dawn il-pjanijiet huma biss suġġerimenti li l-għalliema jistgħu jużaw jew jimxu fuqhom. Iktar minn hekk, jistgħu jisiltu eżempji u jaddattaw iċ-ċajt għal-lezzjonijiet tal-grammatika skont il-livelli, il-ħiliet u l-interessi tal-istudenti.

# Is-Sitt Kapitlu: Il-Konklużjoni

Dan il-kapitlu huwa magħmul minn tliet taqsimiet. Fl-ewwel parti nikkummenta fuq is-sejbiet ewlenin li ħarġu minn din ir-riċerka. Fit-tieni parti nagħti ħarsa lejn xi limitazzjonijiet u nuqqasijiet f'dan l-istudju. Finalment nieħu spunt minn din ir-riċerka biex noffri suġġerimenti għal xogħlijiet futuri.

## 6.1 Is-sejbiet ewlenin

L-għan ewlieni ta' din ir-riċerka kien li nwettaq analiżi lingwistika fuq iċ-ċajt, partikolarment billi nistudja l-mekkaniżmi lingwistiċi fil-fergħat tal-morfoloġija u tas-sintassi. Mill-analiżi li wettaqt fuq kampjun ta' 120 ċajta, sibt li struttura komuni ħafna kienet dik tal-mistoqsija. L-użu tal-mistoqsija kien komuni minħabba l-preżenza tad-diskors dirett fid-djalogi bejn il-karattri. Minkejja dan, kien hemm xi ċajt li juża l-mistoqsija tul ir-rakkont taċ-ċajta.

Fl-analiżi ddeċidejt li niffoka fuq il-mekkaniżmi lingwistiċi preżenti fil-mistoqsijiet. Fl-istħarriġ sibt li l-aktar mekkaniżmi komuni kienu: (i) il-pronomi interrogattivi; (ii) il-pronomi dimostrattivi; (iii) in-negattiv, u; (iv) l-aġġettiv komparattiv u s-superlattiv. Barra minn hekk innutajt ukoll ċerti strutturi tipiċi rikorrenti fiċ-ċajt, bħall-użu tal-imperattiv u tat-temp.

It-tieni għan ta' din it-teżi kien li nuri kif iċ-ċajt jista' jintuża għal introduzzjonijiet motivanti fil-lezzjoni tal-grammatika u anke għall-iżvilupp. Fl-ewwel kapitlu ppreżentajt tliet mistoqsijiet ewlenin bil-għan li nasal għat-tweġibiet permezz tar-riċerka tiegħi. Fit-taqsimiet li ġejjin se nippreżenta t-tweġibiet tiegħi skont dak li stħarriġt.

Mill-qari estensiv li għamilt sibt li diversi studjużi jqisu li l-introduzzjoni bħala parti importanti tal-lezzjoni. Haynes (2010) tal-fehma li l-introduzzjoni tal-lezzjoni hija l-iktar parti importanti. Għaldaqstant, l-iskop ta' introduzzjonijiet motivanti fil-lezzjonijiet, partikolarment dawk tal-grammatika, huma li jiġbdu l-attenzjoni tal-istudenti, jintroduċu t-topik jew is-suġġett u li jimmotivaw lill-istudenti. L-istudjużi Filgona et al. (2020) iqisu l-motivazzjoni bħala fattur essenzjali fil-kwalità tal-edukazzjoni.

Skont Thornbury (1999), il-kuntest huwa essenzjali fit-tagħlim tal-grammatika. Bosta studjużi jqisu li t-tagħlim tal-grammatika, speċjalment lill-istudenti nattivi tal-lingwa, għandu jkun imsejjes fuq il-lingwa ppreżentata f'kuntest. L-idea li t-tagħlim tal-grammatika jkun imsejjes fuq eżempji ppreżentati f'kuntest, b'mod speċjali minn taħdit meħud mill-ħajja ta' kuljum, jagħmel l-eżempji u t-tagħlim iktar awtentiċi. L-għan tat-tagħlim tal-grammatika bbażat fuq il-proċess tat-tinqija huwa li jħalli lill-istudenti jesploraw il-lingwa meħuda mill-ħajja ta' kuljum.

### 6.2 Il-limitazzjonijiet ta' dan ix-xogħol

F'dan ix-xogħol ippruvajt nippreżenta bl-aħjar mod ir-riċerka li wettaqt. Madankollu, jiena konxja li hemm xi nuqqasijiet, partikolarment dawk marbutin maż-żmien u mal-analiżi.

Il-fattur ewlieni li kien ta' limitazzjoni tul il-kitba ta' din it-teżi kien proprju ż-żmien. Għalkemm f'din it-teżi pproponejt pjanijiet b'suġġerimenti kif iċ-ċajt jista' jintuża għall-introduzzjonijiet u l-iżvilupp fil-proċess tat-tinqija, b'xorti ħażina ma kienx possibbli li jiġu implimentati fil-klassi. Dan minħabba li, matul il-proċess tar-riċerka u l-kitba, ma kellix żmien biżżejjed biex nimplimentahom f'lezzjoni tal-grammatika waqt it-taħriġ prattiku.

It-tieni fattur li offra sfida f'din it-teżi kien proprju ċ-ċajt doppju sens. Għalkemm kampjun ta' 120 ċajta mhuwiex kampjun żgħir, waqt il-proċess tal-għażla ltqajt ma' ħafna ċajt bid-doppju sens. Dan iċ-ċajt ma stajtx ninkludih f'din it-teżi, kif spjegajt qabel. Għaldaqstant kont kostretta li ma ninkludix iċ-ċajt kollu fil-kampjun għal dan l-istudju. Dan il-limitu ħalla impatt fuq l-ammont ta' ċajt inkluż fil-kampjun; u għaldaqstant din tista' titqies bħala limitazzjoni f'din ir-riċerka.

Limitu ieħor marbut mal-kampjun jista' jkun l-għażla taċ-ċajt. Minkejja li kelli kampjun ta' ċajt aċċessibbli u kelli aċċess għal sorsi differenti, finalment l-għażla taċ-ċajt kienet f'idejja, bil-kriterji li għażilt li nimxi magħhom. Jista' jagħti l-każ li xi ċajt kien validu għal din it-teżi iżda warrabtu mill-ġabra finali.

**6.3 Suġġerimenti għall-futur**

Minkejja xi limiti marbutin ma' dan ix-xogħol, inħoss li b'din ir-riċerka xħett dawl ġdid fuq l-użu tal-umoriżmu fil-klassi. Nemmen li għad hemm lok għal iktar esplorazzjoni u riċerka b'rabta ma' dan is-suġġett. Xi suġġerimenti rigward xogħlijiet futuri fuq dan is-suġġett huma li jista' jsir studju u min jirriċerka jieħu kampjun akbar ta' ċajt Malti biex ikollu korp usa' biex jgħarrex għal xi forom u mekkaniżmi oħra lingwistiċi preżenti fiċ-ċajt, apparti dawk li tkellimt fuqhom jien.

Wieħed jista' jkompli jibni fuq din ir-riċerka billi jevalwa l-pjanijiet tal-lezzjoni li ppreżentajt f'din it-teżi u jara humiex effettivi mal-istudenti fil-klassi. Nemmen li jkun interessanti jekk xi ħadd jispira ruħu minn din it-teżi u japplika ċ-ċajt għat-tagħlim tal-ħiliet tal-Malti.

## 6.4 Punt konklussiv

Finalment nawgura li dan l-istudju, bis-sejbiet u l-pjanijiet tal-lezzjonijiet tal-grammatika msejsin fuq l-użu taċ-ċajt għall-proċess tat-tinqija, ikun utli għall-għalliema tal-Malti. Nixtieq li din ir-riċerka, minbarra li sservi ta' għajnuna għall-għalliema u studenti għalliema tal-Malti, tkun punt ta' tluq għal perspettivi ġodda kif inħarsu lejn l-umoriżmu u l-utilità tiegħu fil-klassi.

# Ir-Referenzi

Ashcraft, N. (2014). Lesson Planning. F' Thomas C. S. Farrell (Ed.), *English Language Teacher Development Series,* (pp. 1–38). TESOL Press.

Azzopardi-Alexander, M. u Borg, A. (1996). *Maltese*. Taylor & Francis Group.

Bell, R.T. (1981). *An introduction to applied linguistics: Approaches and methods in language teaching*. Batsford Academic and Education Ltd.

Blundson, B., Reed, K., McNeil, N. u McEachern, S. (2003). Experiential learning in social science theory: an investigation of the relationship between student enjoyment and learning. *Higher Education Research and Development*, 22(1), 43-56. https://doi.org/10.1080/0729436032000056544

Brown, S. (2007). Play is Not Just for PE. *The English Journal*, 96(3), 46–50. https://doi.org/10.2307/30047294

Camilleri Grima, A. (2001). Il-Grammatika. F'A. Camilleri Grima (Ed.), *Skaluni għat-tagħlim tal-Malti fis-sekondarja*, (pp. 76–93). Bestprint Ltd.

Camilleri Grima, A. (2009). From "That's correct!" to "Let's explore!" Developments in the teaching of native language grammar. *Il-Lingwa Tagħna*, 1(2009), 118–130.

Camilleri Grima, A. (2020). *Bil-kelma t-tajba: Prinċipji u kreattività fil-pedagoġija tal-lingwa.* Klabb Kotba Maltin.

Camilleri Grima, A. u Portelli, T. (2017). *Fuq l-għatba tal-professjoni*. Klabb Kotba Maltin.

Cheung, C.K. (2001). The use of popular culture as a stimulus to motivate secondary students’ English learning in Hong Kong. *ELT Journal*, 55(1), 55–61. https://doi.org/10.1093/elt/55.1.55

Crosthwaite, P., Wijaya, L. u Wijaya, D. (2021). Exploring language teachers’ lesson planning for corpus-based language teaching: a focus on developing TPACK for corpora and DDL. *Computer Assisted Language Learning*. https://doi.org/10.1080/09588221.2021.1995001

Davies, A. (2003). *The native speaker: Myth and reality*. Cromwell Press Ltd.

Farrugia, T. (2020). Mhux biċ-ċajt! Analiżi lingwistika taċ-ċajt Malti. Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta.

Fautley, M. u Savage, J. (2014). *Lesson planning for effective learning*. McGraw Hill Education, Open University Press.

Filgona, J., Sakiyo, J., Gwany, D.M. u Okoronka, A.U. (2020). Motivation in learning. *Asian Journal of Education and Social Studies*, 10(4), 16-37. 10.9734/ajess/2020/v10i430273

Friggieri, O. (2010). *Dizzjunarju ta' termini letterarji*. Klabb Kotba Maltin.

Haynes, A. (2010). *The complete guide to lesson planning and preparation*. MPG Books Group Ltd.

Hudson, R. (2004). Why education needs linguistics (and vice versa). *J. Linguistics*, 40 (2004), 105–130. 10.1017/S0022226703002342

Hudson, R. u Walmsley, J. (2005). The English Patient: English grammar and teaching in the twentieth century. *J. Linguistics*, 41(2005), 593– 622. 10.1017/S0022226705003464

Kavandi, E. u Kavandi, R. (2016). The effect of using humor on high school students' grammar performance and motivation. *Theory and Practice in Language Studies*, 6(7), 1466-1475. http://dx.doi.org/10.17507/tpls.0607.19

Koller, V. (2018). Language awareness and language workers. *Language Awareness*, 27(1-2), 4-20. 10.1080/09658416.2017.1406491

Magro, J. (2017). It-tagħlim tal-grammatika fil-kuntest tal-kitba. Teżi tal-M.Ed., l-Università ta' Malta.

Micallef, A.R. (1995). Grammatika pedagoġika forma ta' sillabu spirall: studju sinkroniku tal-verb. Teżi tal-B.Ed., l-Università ta' Malta.

Portelli, T. (2020). *L-esperjenza tat-tagħlim*. Horizons.

Pozsonyi, K. u Soulstein, S. (2019). Classroom clowning: Teaching (with) humor in the media classroom. *Journal of Cinema and Media Studies*, 58(3), Spring 2019, 48–154. https://doi.org/10.1353/cj.2019.0029

Sammut, D. u Ellul, C. (2015). It-tagħlim tal-grammatika tal-lingwa nattiva b'mod differenzjat. Teżi tal-B.Ed., l-Università ta' Malta.

Serracino-Inglott, M. (2000). *Id-dizzjunarju Malti u teżawru ta' Malti mħaddem*. Gutenberg Press.

Scicluna, K., Agius, S.S. u Giordano, C. (2018). *Inħaddem il-Malti tajjeb*. Gutenberg Press.

Thornbury, S. (1999). *How to teach grammar*. Pearson Education Limited.

Ungaro, M. (2007). It-tfassil ta' grammatika pedagoġika tal-Malti bħala lsien nattiv għas-sekondarja: Studju tan-nom u l-verb. Teżi tal-M.A., l-Università ta' Malta.

van Rijt, J., de Swart, P. u Coppen, P. (2019). Linguistic concepts in L1 grammar education: a systematic literature review. *Research Papers in Education*, 34(5), 621–648. 10.1080/02671522.2018.1493742

Walker, L. (2008). *The essential guide to lesson planning*. Pearson Education Ltd.

Watson, A.M. (2015). Conceptualisations of ‘grammar teaching’: L1 English teachers’ beliefs about teaching grammar for writing. *Language Awareness*, 24(1), 1–14. 10.1080/09658416.2013.828736

Weaver, C. (1996). *Teaching Grammar in Context*. Cook Publishers.

Woolard, G. (1999). *Grammar with laughter*. Commercial Colour Press.

# L-Appendiċi

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 1. | Raġel iltaqa’ ma’ sieħbu li kellu qasrija f’idu.<br>– Fejn sejjer b’dik il-pjanta?<br>– Għand il-perit għax qalli biex neħodlu l-pjanta tad-dar. | Facebook |
| 2. | Għala ittra titfagħha fil-letterbox?<br><br>Għax hemm postha. | Facebook |
| 3. | Għala nies qosra ma jlestux l-affarijiet fil-ħin?<br><br>Għax ma jlaħħqux. | Facebook |
| 4. | Mela darba kien hemm raġel jismu Ġanni li kien ibigħ il-ħaxix bil-vann fil-pjazza tar-raħal. Maġenbu fetaħ ħanut tal-ħaxix u kulħadd beda jmur għandu. Qal, x’se nagħmel biex inġib il-klijenti lura?<br>Darba fost l-oħrajn, kif spiċċat il-quddiesa, intefa’ għal tulu fl-art. In-nies marru jiġru fuqu u bdew jistaqsuh, “X’għandek Ġann?” Pront, pront, qam minn mal-art u qalilhom, “Basal, patata, karrotti, bettieħ u dulliegħ.” | Facebook |
| 5. | Sajjied għamel nofstanhar jistad u ma qabad xejn. Marret il-mara tiegħu u staqsietu:<br>Mara: Qbadt xi ħaġa?<br>Raġel: Iva, żewġ għarajjes.<br>Mara: Fejn huma?<br>Raġel: Hemm arahom; wara dik is-siġra, it-tifla tagħna u Johnny ta' ħdejna. | Ghio: 24 |
| 6. | Bertu: ‘Sieħbi, tini daqsxejn idejk,’ qal wieħed li żelaq fit-triq lil wieħed li kien għaddej.<br>Ġanni: Nagħtihielek le, nislifhielek iva. | Ghio: 29 |
| 7. | Missier nervuż wara li ta xebgħa lit-tifel qallu: “Itlaq lejn kamartek, inqafel hemm u ġibli ċ-ċavetta lura.” | Ghio: 95 |
| 8. | – Sinjura, waqqajt l-arloġġ minn fuq il-gradenza.<br>– X’waħda din! Allura waqaf?<br>– Le! Baqa’ sejjer dritt taħt is-sufan. | Ghio: 160 |
| 9. | Suldat: Sir, ma nistax niekol.<br>Uffiċjal: Mhux affari tiegħi. Mur kellem lit-tabib.<br>It-Tabib: (wara siegħa vista) Ma għandek xejn. Għalfejn qed tgħidli li ma tistax tiekol?<br>Suldat: Għaliex tlift il-furketta u s-sikkina u jiena nobgħod niekol b’idejja. | Ghio: 262 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 10. | Wieħed mar għand it-tabib, eżaminah u qallu serjament li ma jridux jixrob iżjed. Wara xi jumejn, it-tabib lemaħ lill-istess raġel, f'ħanut, b'tazza whisky quddiemu. Ma ħamilx u daħal ikellmu:<br>"Jien għedtlek biex ma tixrobx iżjed," qallu.<br>"Jien m'iniex nixrob iżjed," wieġbu xott xott ir-raġel. "Qed nixrob daqs is-soltu, mhux iżjed." | Ghio: 264 |
| 11. | Marid: Dott, ma nafx kif ser nagħmel biex inħallsek għal dik il-qalb ħanina li għandek.<br>Tabib: B'ċekk, b'postal order jew bi flus Ingliżi. | Ghio: 269 |
| 12. | In-nurse daħlet fil-kamra tat-tabib u qaltlu:<br>– Dott, hawn raġel b'saqajh miksurin.<br>– Tajjeb, għidlu jgħaddi. | Ghio: 281 |
| 13. | Dentist: Naqla' s-snien mingħajr uġigħ.<br>Pazjent: Imma qed inweġġa' ħafna.<br>Dentist: Le, jien ma nweġġgax. | Ghio: 292 |
| 14. | Raġel: Dott, ma nħossnix fiha, tista' tagħtini xi ħaġa?<br>Tabib: Hawn, ħu żewġ kuċċarini minn din il-mistura.<br>Raġel: Issa sew, Dott, għax kuċċarina waħda biss għandi. | Ghio: 298 |
| 15. | Raġel mar għall-vista għand it-tabib u, wara li invistah, it-tabib qallu: "Sieħbi, aqta' dawk is-sigaretti għax dawk joqtluk bil-mod il-mod."<br>"Tiddejjaqx, Dott; jien m'għandix għaġla biex immut." | Ghio: 298 |
| 16. | – Ilbieraħ smajt lil Pawlu u l-mara jiġġieldu!<br>– Fuqiex did-darba?<br>– Iġġieldu fuq ir-radju.<br>– Illaħwa, waslu biex qegħdin ixandru l-ġlied man-nies? | Ghio: 384 |
| 17. | Għaliex qed tiekol l-ewwel il-ġelat imbagħad il-minestra?<br><br>Għaliex illum qiegħed inħoss l-istonku maqlub! | Ghio: 409 |
| 18. | **Bejn żewġ kannibali**<br>"Din hi l-ewwel u l-aħħar darba li kilt ras ta' professur."<br>"Għaliex?" wieġbu l-ieħor.<br>"Daqskemm kellu melħ f'rasu!" | Ghio: 437 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 19. | **L-allerġija**<br>Infermier staqsa pazjenta: "Inti ma tbatix minn xi allerġija partikulari, hux? Jew forsi taf b'xi ħaġa li ma taqbilx miegħek, bħall-Penicillin?"<br>Din il-mara ħasbitha ftit u, bl-akbar serjetà, weġbitu: "Ma nafx, ruħi, ta, għax jien dejjem Lenor u Ariel użajt. Dejjem bihom ħsilt."<br>L-infermier tbellah u rrealizza li l-mara ħasbet hekk minħabba l-Persil tal-ħwejjeġ. | Grech: 30 |
| 20. | **It-tbajja'**<br><u>Tabib</u>: "Ħabib tiegħi, ma tantx għandi aħbarijiet sbieħ għalik."<br><u>Pazjent</u>: "Għala, Dott? Xi nqala'?"<br><u>Tabib</u>: "Milli jidher mit-testijiet, għandek xi tbajja' fil-pulmun!"<br><u>Pazjent</u>: "Għaliex qed tinkwieta, Dott? Issa mhux innaddfuhom ftit bl-isgrassatore, jew, u jitlaq kollox?" | Grech: 107 |
| 21. | Darba kien hemm tnejn tal-MUSEUM li kienu għaddejjin isuqu mutur b'veloċità kbira. Rahom pulizija tat-traffiku, waqqafhom u qalilhom: "Se nagħmlilkom ċitazzjoni. Ma tafux li huwa periklu għal ħajjitkom li ssuqu b'din il-veloċità?"<br>Wieħed minn dawk ta' fuq il-mutur qabeż u qal: "Pulizija, aħna ma naħbtux għax għandna 'l Ġesù magħna."<br>"Issa żgur li se nagħtikom ċitazzjoni," kien pront qalilhom il-pulizija. "Għaliex?" staqsa l-ieħor ta' fuq il-mutur.<br>"Għax ma tistgħux tirkbu aktar minn tnejn fuq mutur," kienet it-tweġiba tal-pulizija. | *Sagħtar* – Għadd 85 |
| 22. | **Tajjeb ħafna**<br><u>Tabib</u>: Allura, sibt ruħek aħjar b'din il-mediċina?<br><u>Pazjent</u>: Ħafna, tabib. Imma jien qgħadt fuq dak li hemm miktub fuq il-flixkun!<br><u>Tabib</u>: U x'sibt miktub fuq il-flixkun?<br><u>Pazjent</u>: "Żomm il-flixkun magħluq tajjeb." | *Sagħtar* – Għadd 85 |
| 23. | **Saliba jew?**<br>Wieħed raġel kien f'uffiċċju u l-iskrivan, li kien qiegħed jimla xi karti, staqsieh:<br>– X'jisimha l-mara?<br>– Karmelina.<br>– U kunjomha?<br>– Mhux bilfors Borg, bħali?<br>– Meta kienet xebba.<br>– Dakinhar kienet Saliba, imma llum salibi. | *Sagħtar* – Għadd 91 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 24. | **Daqt miegħek**<br>F'ristorant, wieħed klijent induna li kien hemm dubbiena fil-platt.<br>Inħasad u beda jgħajjat: "Wejter, dubbiena fil-platt!"<br>Il-wejter, kif semgħu, wieġbu: "Daqt inġibhielek, Sinjur!" | *Sagħtar* – Għadd 91 |
| 25. | X'sejjer tagħmel, Joe, la tikber?<br><br>Ħelwa din! Nagħmel id-dieta, bħal missieri. | *Sagħtar* – Għadd 92 |
| 26. | "Tfal," qal l-għalliem, "illejla se jkun hemm l-eklissi tal-qamar. Dan huwa fenomenu naturali rari. Ħadd ma għandu jinsa jarah illejla, fid-9.38pm eżatt."<br>U t-tifel kurjuż staqsa: "Fuq liema stazzjon, Sir?" | *Sagħtar* – Għadd 100 |
| 27. | Pawlu: Xtrajt karozza sabiħa.<br>Ġanni: X'jisimha?<br>Pawlu: Cortina.<br>Ġanni: G.T.?<br>Pawlu: Le, mort għaliha jien! | *Sagħtar* – Għadd 103 |
| 28. | Joe: Ħija jqaxxar il-leħja ħamsin darba kuljum.<br>John: Mela ħuk m'aħniex?<br>Joe: Le, mela! Ħija barbier! | *Sagħtar* – Għadd 104 |
| 29. | **Taħsilx il-qattusa!**<br>Waqt li Ġużi kien qiegħed jaħsel il-qattusa tiegħu għaddiet mara xwejħa u qaltlu: "Ibni, hemm x'inti tagħmel? Dik il-povra qattusa se toqtolha għax mhux sewwa taħsilha!"<br>Il-mara baqgħet sejra fi triqitha u t-tifel ma semax minnha u baqa' jaħsel il-qattusa.  Wara xi nofs siegħa reġgħet lura minn triqitha, lemħet lil Ġużi jibki u staqsietu xi ġralu.<br>Ġużi qalilha: "Mietet il-qattusa; mhux waqt li kont qiegħed naħsilha, iżda xħin mort biex nagħsarha!" | *Sagħtar* – Għadd 105 |
| 30. | **Dieta**<br>Darba, Toni, raġel oħxon, mar għand sieħbu Salvu u …<br>Toni: Salv, tgħid x'nibda niekol biex nagħmel ftit tad-dieta u nirqaq?<br>Salvu: Ngħidlek x'tiekol. Ibda kul il-ġobon tat-toqba.<br>Toni: Mela ma tafx kemm iħaxxen il-ġobon.<br>Salvu: Il-ġobon iħaxxen, iva, imma mhux jekk minn dak il-ġobon li semmejtlek tiekol biss it-toqob. | *Sagħtar* – Għadd 110 |
| 31. | **Suf ma xtrajtx**<br>Għalliem: Ilbieraħ mort nixtri u xtrajt bott ħalib, pakkett butir, ratal zokkor u suflè. Kemm-il oġġett xtrajt?<br>Tfal: Erbgħa, Sir.<br>Għalliem: Le, tlieta, għax suf ma xtrajtx. | *Sagħtar* – Għadd 110 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 32. | **Fil-klassi**<br><u>Surmast</u>: Bert, semmi sitt oġġetti li fihom il-ħalib.<br><u>Bertu</u>: Ġelat, kejk, ġobon u … tliet baqriet. | *Sagħtar* – Għadd 112 |
| 33. | **X'gundalla dik!**<br><u>Omm</u>: X'gundalla għandek, ruħi. Dik biex?<br><u>Iben</u>: Bit-tadam.<br><u>Omm</u>: Mela t-tadam iweġġa' daqshekk?<br><u>Iben</u>: U żgur, kien ġol-bott! | *Sagħtar* – Għadd 113 |
| 34. | **Kemm ħadem!**<br><u>Għalliem</u>: Min ħadem l-aktar minnkom, tfal?<br><u>John</u>: Jien, Sir. Għoddejt somma tmien darbiet u ġewni tmien answers. | *Sagħtar* – Għadd 114 |
| 35. | **Telf tal-memorja**<br><u>Pazjent</u>: Dott, tlift il-memorja.<br><u>Tabib</u>: Meta tliftha?<br><u>Pazjent</u>: Xi tlift? | *Sagħtar* – Għadd 114 |
| 36. | **Għall-erwieħ**<br><u>Omm</u>: Robert, mur ixtrili, għall-erwieħ!<br><u>Robert</u>: Iva, ma, ħa mmur.<br>Meta wasal id-dar, ommu stennietu bl-affarijiet.<br><u>Omm</u>: Fejn qegħedthom l-affarijiet li xtrajtli, Robert?<br><u>Robert</u>: Ħallejthom mal-gwardjan taċ-ċimiterju. Mhux int għedtli mmur nixtrilek għall-erwieħ? | *Sagħtar* – Għadd 115 |
| 37. | **Telgħet fuq żiemel**<br>Tifla tal-iskola telgħet fuq żiemel bil-pitazz f'idejha.<br>Ommha qaltilha biex tinżel minn hemm, iżda t-tifla wieġbet:<br>"Mhux l-għalliema qaltilna biex niktbu komponiment fuq żiemel?" | *Sagħtar* – Għadd 116 |
| 38. | **Ix-xagħar**<br>Suldat, kontra r-regolamenti tal-armata, kien iżomm xagħru twil.<br>Rah il-kaptan u qallu: "Tom, dan x'xagħar hu?"<br>"Mejju, Sir," kien pront wieġbu s-suldat. | *Sagħtar* – Għadd 116 |
| 39. | **B'hekk titgħallem!**<br>– Pa, kemm hemm nies fl-Amerka?<br>– Ma nafx, ibni.<br>– Pa, liema hija l-itwal xmara?<br>– Ma nafx, ibni.<br>– Pa, il-qamar ikbar mid-dinja?<br>– Ma nafx, ibni.<br>– Pa, ma jimpurtax, hux, li noqgħod nistaqsik?<br>– Lanqas xejn, ibni. B'hekk titgħallem xi ħaġa. | *Sagħtar* – Għadd 116 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 40. | **Żamm-id**<br>Żewġ nisa kienu qed jitkellmu bejniethom.<br>Lela: Rajtu x'ħanut fetaħ dak ta' Zammit?<br>Tona: Taf li ma nafx għal min qed tgħid.<br>Lela: U iva, tafu; dak, miskin, jimxi zopp.<br>Tona: Eh, iva. Allura għax m'għidtlix dak ta' Żamm – sieq mill-ewwel? | *Sagħtar* – Għadd 117 |
| 41. | **Li kieku kellna …**<br>Tifel: Ma, għax ma mmorrux ġurnata l-baħar?<br>Omm (waqt li kienet qiegħda ssajjar): Eh, ibni, li kieku kellna koka, konna mmorru.<br>Tifel: Tinkwetax, ma. Minflok Coca, nixtru xi luminata oħra jew nieħdu l-ilma. Mhux xorta? | *Sagħtar* – Għadd 118 |
| 42. | **Fl-iskola**<br>Għalliem qal lit-tfal tiegħu biex jiktbu komponiment 'Dawra bil-karozza'.<br>Meta l-għada beda jiġbor dawn il-komponimenti, l-għalliem induna li tifel daqsxejn għażżien ma tah xejn.<br>"Fejn hu l-komponiment tiegħek, ja brikkun?" talab l-għalliem.<br>"M'għamiltux, Sir," wieġeb it-tifel.<br>"U għaliex m'għamiltux?"<br>"Għax … għax karozza ma nafx insuqha, Sir," wieġeb it-tifel. | *Sagħtar* – Għadd 118 |
| 43. | **Dak isem!**<br>Raġel: X'jismek int?<br>Ċiniż: Sneeze.<br>Raġel: Dan isem Ċiniż?<br>Ċiniż: Le, dak ismi bl-Ingliż.<br>Raġel: Mela x'inhu ismek biċ-Ċiniż?<br>Ċiniż: Ah Cooh.<br>Raġel: Bless you. | *Sagħtar* – Għadd 120 |
| 44. | **Riċetta tat-tabib**<br>Żewġt itfal iltaqgħu fi pjazza.<br>Qallu wieħed:<br>– Imma Martin, x'int tagħmel hawn? Fejn sejjer b'dik is-sodda fuq spalltek?<br>– Ordni tat-tabib.<br>– Possibbli?<br>– Iva. Ordnali biex ma nabbandunax is-sodda sal-ġimgħa d-dieħla. | *Sagħtar* – Għadd 124 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 45. | **Fil-Ministeru**<br>Segretarja: Jiddispjaċini, sinjur. Il-Ministru ma jista' jara lil ħadd.<br>Ċittadin: Dan għala? Għax għandu x'jagħmel?<br>Segretarja: Le, għax inkisirlu n-nuċċali. | *Sagħtar* – Għadd 125 |
| 46. | **Waqt lezzjoni tal-mużika**<br>Għalliema: James, liema ċavetta mużikali tuża l-iżjed?<br>James: Tal-gradenza, fejn ommi żżomm iċ-ċikkulata. | *Sagħtar* – Għadd 125 |
| 47. | **Stedina**<br>Johnny: Sandro, Mary stednitek għall-party tagħha?<br>Sandro: Iva, imma ma nistax immur.<br>Johnny: Għaliex?<br>Sandro: Għax l-invit jgħid mis-6 sat-8 u jien għandi 13. | *Sagħtar* – Għadd 126 |
| 48. | **Fl-Awla**<br>Maġistrat: Jiġifieri int qed tgħid qatt m'għamilt xejn?<br>Akkużat: Iva, sinjur.<br>Maġistrat: U x'wasslek, allura, biex tidher quddiem il-Qorti?<br>Akkużat: Surġent u pulizija, sinjur. | *Sagħtar* – Għadd 128 |
| 49. | **Kartolina tal-Milied**<br>Kien wasal il-Milied u mara rċeviet kartolina tal-Milied mingħand oħtha.<br>Tifel: Ma, dawn x'inhuma (waqt li jippunta lejn is-slaleb)?<br>Ommu: Dawk, ibni, bews biex iz-zija turina kemm tħobbna.<br>Tifel: Mela kemm iħobbni aktar is-Sir daqskemm jagħmilli minnhom fil-pitazz! | *Sagħtar* – Għadd 138 |
| 50. | **Is-Sir ma jafx!**<br>Waqt il-lezzjoni tal-Malti, wieħed tifel kellu diffikultà u staqsa lill-għalliem: "Sir, x'inhu n-negattiv ta' 'naf'?"<br>Wieġbu l-għalliem: "'Ma nafx'."<br>U t-tifel qallu: "Kif tridni nitgħallem jekk inti stess ma tafx?" | *Sagħtar* – Għadd 140 |
| 51. | **Trab fil-Kanada**<br>– Ma, jaqaw il-Kanada hemm ħafna trab?<br>– Għaliex, ħanini?<br>– Għax kull meta tikteb iz-zija Nena dejjem tgħid li Toni u Neil ġmielhom jitfarfru. | *Sagħtar* – Għadd 147 |
| 52. | **Vjaġġ għad-dinja l-oħra**<br>Tifel: Ma, illum il-Mużew tgħallimt li meta mmutu mmorru d-dinja l-oħra.<br>Omm: Mela ma kontx taf, ibni?<br>Tifel: Le, ma, għax kieku kont inlesti l-bagalji. | *Sagħtar* – Għadd 147 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 53. | Omm bagħtet lil bintha għand tal-ħaxix biex tixtrilha ftit ħass. Waqt li kienet qiegħda tistenna għand tal-ħaxix, it-tifla qabadha mejt kbir, ħassitha ma tiflaħx u telqet lura lejn id-dar.<br><br>"Ma," qalet lil ommha hekk kif waslet id-dar it-tifla, "tani ħass ħażin."<br><br>L-omm, li ma kienet fehmet xejn milli ġara, irrabjata qaltilha: "U jekk tak ħass ħażin, għaliex ħadtu?" | *Sagħtar* – Għadd 148 |
| 54. | **Min kien?**<br>Waqt lezzjoni dwar l-Amerka …<br><u>Għalliem</u>: Sammut, uri 'l sħabek fejn hi l-Amerka fuq il-mappa li għandna mwaħħla mal-ħajt tal-klassi.<br>U malajr it-tifel qiegħed sebgħu l-werrej fuq l-Amerka. Imbagħad mar u qagħad f'postu.<br><u>Għalliem</u>: Inti jmissek issa, Falzon. Min sabha l-Amerka?<br><u>Falzon</u>: Sammut, Sir. | *Sagħtar* – Għadd 148 |
| 55. | **Nassa tal-ġrieden**<br><u>Raġel f'ħanut</u>: Għaġġel, jekk jogħġbok, tini nassa tal-ġrieden, għax irrid naqbad il-karozza tal-linja.<br><u>Tal-ħanut</u>: Jiddispjaċini, imma m'għandniex nassa daqshekk kbira. | *Sagħtar* – Għadd 150 |
| 56. | **Il-ġografija**<br>Waqt lezzjoni tal-ġografija, il-Miss staqsiet:<br>– Luisa, studjajtha tajjeb il-lezzjoni?<br>– Iva, Miss.<br>– Mela għidli fejn tinsab Franza.<br>– F'paġna 132, Miss. | *Sagħtar* – Għadd 151 |
| 57. | **Ma tistax**<br><u>Għalliem</u>: Ġann, ma tistax torqod fil-klassi!<br><u>Ġanni</u>: Jekk toqgħod tgħajjat żgur li ma nkunx nista' norqod. | *Sagħtar* – Għadd 154 |
| 58. | **Ma rax vleġeġ**<br>Raġel li ma kienx jara tajjeb mar biex isuq karozza. Daħal minn triq wrong way u għal ftit ma daħalx fi trakk.<br><br>Ġie pulizija u qallu: "Mela ma rajthomx il-vleġeġ?"<br>"Lanqas l-Indjani ma rajt, aħseb u ara l-vleġeġ!" | *Sagħtar* – Għadd 169 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 59. | **Minuta, jekk jogħġbok**<br>Is-sinjura Grima ċemplet l-ajruport u staqsiet: "Jekk jogħġbok, kemm jieħu ħin l-ajruplan biex jasal Ruma?"<br>Min-naħa l-oħra tal-linja nstema' min jgħid: "Minuta, sinjura."<br>"Grazzi," qalet is-sinjura Grima u poġġiet it-telefon f'postu. | *Sagħtar* – Għadd 169 |
| 60. | **Għand it-tabib**<br>Darba kien hemm raġel u mar għand it-tabib biex jittestjalu għajnejh. It-tabib urieh karti li fuqhom kien hemm l-ittri tal-alfabett.<br>Tabib: "X'inhi din l-ittra?"<br>Raġel: "Ma nafx."<br>It-tabib reġa' wrieh ittri oħrajn u din id-darba r-raġel xorta ma kienx jaf x'inhuma.<br>Tabib: "Jeħtieġ naraw x'nagħmlu għax din serja."<br>Raġel: "Isma', Dott, ħej. Jien ma nafx naqra." | *Sagħtar* – Għadd 170 |
| 61. | **Ma tistax tpejjep**<br>– Hawn ma tistax tpejjep!<br>– Naf! M'iniex inpejjep!<br>– Imma għandek sigarett f'idek!<br>– F'riġlejja għandi żarbun ukoll, imma m'iniex nimxi! | *Sagħtar* – Għadd 174 |
| 62. | **Kliem li jibdew bl-'n'**<br>Darba waħda, tifel kellu copy.<br>Ried jikteb erba' kelmiet jibdew bl-ittra 'n'.<br>Għalliem: Tinsiex li kellek tagħmel il-copy.<br>Tifel: Naf.<br>Għalliem: Għamiltha?<br>Tifel: Nofsha.<br>Għalliem: Allura x'qgħadt tagħmel ilbieraħ.<br>Tifel: Nilgħab.<br>Għalliem: Fil-brejk oqgħod ġewwa.<br>Tifel: Nistrieħ? | *Sagħtar* – Għadd 174 |
| 63. | Pietru: Għaliex iċ-ċentipiedi ma jilagħbux futbol?<br>Sidor: Għaliex? Ma nafx!<br>Pietru: Għax il-logħba tkun intemmet sa ma jkunu laħqu rabtu l-lazzijiet taż-żraben. | *Sagħtar* – Għadd 175 |
| 64. | **Illitterat**<br>Paul: Tlift il-kelb.<br>Mary: Għax ma tpoġġix nota fil-gazzetta?<br>Paul: Għaliex? Il-kelb tiegħi ma jafx jaqra. | *Sagħtar* – Għadd 176 |
| 65. | **Appostli bi rħis**<br>Għalliem: Peter, kemm kienu l-appostli?<br>Peter: Skont, Sir, għax ta' ħdejna jbigħhom 40 ċenteżmu l-wieħed. | *Sagħtar* – Għadd 182 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 66. | Tifel: Pa, kif tibda gwerra?<br>Missier: Pereżempju, l-Ingilterra jfettlilha tattakka lil Franza …<br>Omm: U dan għalfejn qed tigdeb? Mela l-Ingilterra jaqblilha tiġġieled ma' Franza?<br>Missier: U dan biss eżempju.<br>Omm: Għax ma tajtux eżempju li hu aktar marbut mal-verità?<br>Missier: Għax ma ridtx. Int min daħħlek? Kemm għandek ilsien twil?<br>Omm: Allura nħallik tbella' lil ibni ħafna gideb?<br>Tifel: Pa, grazzi ħafna, issa naf kif tibda gwerra! | *Sagħtar* – Għadd 184 |
| 67. | **Wasal tard**<br>Michael kien joqgħod fi blokk flats. Is-sid, li kienet toqgħod fis-sular t'isfel, kienet issakkar il-bieb ta' barra ma' nofsillejl. Darba waħda wasal tard minn Paceville u sab il-bieb magħluq. Ma riedx iqajjem lis-sid, iżda fl-aħħar qatagħha li jċempel il-qanpiena. Malli daqq, qamet maħsuda u ttawlet mit-tieqa.<br>Fid-dlam lil Michael m'għarfitux u mgħaddba għajtet: "Min hemm? Xi trid?" L-ieħor qalilha: "Skużani! Jien hawn noqgħod …"<br>Imma qabel laħaq spiċċa, qabżet hi u qaltlu: "Tajjeb, oqgħod hemm u ddejjaqnix aktar!" | *Sagħtar* – Għadd 230 |
| 68. | Wayne: Nann, għalfejn in-nies għandhom il-widnejn, la xorta waħda ma jisimgħux?<br>Nannu: Sewwa qed tgħid, imma Alla ħalaqna bil-widnejn għax kien jaf li fl-2020 se tfaqqa' pandemija!"<br>Wayne: X'għandu x'jaqsam, nann?<br>Nannu: Għax b'widnejna nżommu l-maskri ma' wiċċna, biex ngħattu ħalqna u mneħirna! | *Sagħtar* – Għadd 356 |
| 69. | Għalliem: Nadja, x'inhu l-eqreb tagħna, l-Ingilterra jew il-qamar?<br>Nadja: Il-qamar, Miss.<br>Għalliema: Ħażin, Nadja. Kif tista' qatt tgħid li l-qamar hu eqreb tagħna mill-Ingilterra?<br>Nadja: Sempliċi, Miss. Għax il-qamar nistgħu narawh minn hawn u l-Ingilterra ma nistgħux! | *Sagħtar* – Għadd 357 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 70. | Raġel sinjur xtara villa. Ġimgħa wara li daħal fiha rċieva bukkett fjuri u kartolina bil-kliem: 'Strieħ fil-paċi eterna, ħabib.'<br>Irrabjat ċempel lill-ħanut tal-fjuri mnejn kien ġej il-bukkett u tgħidx kemm bagħtu jsaqqi l-ħass tal-Marsa!<br>Wara li ċċekkja, sid il-ħanut tal-fjuri talbu skuża ġenwina: "Għandek raġun, Sinjur! Niskuża ruħi miegħek. L-ikbar inkwiet tiegħi hu li l-familja ta' xi ħadd li għadu kif miet, allura, irċeviet bukkett u kartolina bil-kliem: 'Nispera li l-post il-ġdid jogħġbok. Jalla tgħix fih kuntent u tgawdih mal-familja tiegħek!'" | *Sagħtar* – Għadd 361 |
| 71. | Mara: Ren, mur ixtri kartuna ħalib u jekk għandhom tuffieħ, ġib sitta.<br>Ftit ħin wara, ir-raġel wasal lura b'sitt kartuniet ħalib.<br>Mara: Għalfejn xtrajt sitt kartuniet ħalib?<br>Raġel: Għax kellhom tuffieħ! | *Sagħtar* – Għadd 363 |
| 72. | Missier: Elena, mur ġibli ż-żarbun l-iswed, għax sarli l-ħin għax-xogħol u mgħaġġel!<br>Elena: Arani sejra, papà.<br>Missier: Elena, għaliex qgħadt taqfilli l-lazzijiet taż-żarbun? Aktar ma sarli l-ħin!<br>Elena: Għax peress li mgħaġġel, qfilthomlok bil-lest! | *Sagħtar* – Għadd 366 |
| 73. | Ilaria marret tixtri mingħand tal-merċa. Kellha l-lista li kitbitilha l-mamà u tatha lil tal-ħanut. Dak taha kollox, poġġielha l-affarijiet fil-basket u qalilha li setgħet tmur.<br>Iżda Ilaria qaltlu: Jonqosni kaxxa ċikkulatini minn dawk t'hemm fuq.<br>Tal-ħanut: Imma hawn fil-lista m'għandekx miktub li trid kaxxa ċikkulatini.<br>Ilaria: Dak għax il-mamà ma tafx tikteb 'ċikkulatini'. | *Sagħtar* – Għadd 370 |
| 74. | Franco: Ma, int m'għedtlix li d-dentist ma jweġġax?<br>Omm: Hekk hu, veru. Id-dentist ma jweġġax.<br>Franco: Sejra żball, tafx, mamà, għax tgħidx kemm werżaq xħin gdimtlu sebgħu! | *Sagħtar* – Għadd 370 |
| 75. | **M'ilniex**<br>Għalliem: Frans, taf tgħidli minn liema familja kien Abraham?<br>Frans: Le Sir, ma nafx ngħidlek.<br>Għalliem: Kif ma tafx minn liema familja kien imnissel il-patrijarka Abraham?<br>Frans: Le, ma nafx, għax aħna m'ilniex li ġejna noqogħdu f'dan ir-raħal, Sir. | *Sagħtar* |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 76. | **Tliet Kelmiet**<br>Darba kien hemm għalliema li kienet tgħallem klassi subien. L-għalliema tat lezzjoni li jiktbu fuq karta l-ewwel tliet kelmiet li jisimgħu. U kien hemm tifel, jismu John, li sama': "m'għandix aptit", "ma rridx niġi" u "Superman".<br>L-għada mar ferħan l-iskola u qal lill-għalliema li kiteb tliet kelmiet li kienu interessanti.<br>L-għalliema qaltlu: "Ibda, John."<br>"M'għandix aptit," wieġeb hu.<br>"Imxi għand is-surmast."<br>"Ma rridx niġi."<br>"Min taħseb li int?"<br>U hu qalilha, "Superman." | *Sagħtar* |
| 77. | It-tifel kien qed jara film tar-Red Indians fuq it-televixin. Dawn kienu qed jinżebgħu għall-gwerra u t-tifel staqsa lil missieru: "Pa, dawk x'qed jagħmlu?"<br>"Dawk qed jippreparaw għall-gwerra," wieġbu.<br>L-għada filgħodu, it-tifel mar jiġri jgħid lil missieru: "Pa, jaqblilna nistaħbew għax il-mamà qiegħda quddiem il-mera tlesti għall-gwerra!" | *Sagħtar* |
| 78. | **Daħket bih!**<br>Waħda mara minn raħal imwarrab marret il-Belt. Kif ġiet biex tirritorna, marret Putirjal u ma kinitx taf liema karozza tal-linja se taqbad. Għalhekk, marret fuq pulizija u staqsietu, "Liema hi l-karozza tar-raħal?"<br>Pulizija: Int minn fejn int?<br>Mara: X'inhi affari tiegħek? Kemm int kurjuż!<br>Pulizija: Int ġejja bid-dgħajsa? Minn fejn int?<br>Mara: Minn Ħal Rummien.<br>Pulizija: Mela l-karozza 116.<br>Il-mara telgħet fil-karozza 116. Xħin kienet se titlaq, ħarġet nofsha barra mit-tieqa tal-karozza u għajtet lill-pulizija: "Jupp! Dħakt bik. Jien minn Ħal Bużbież mhux minn Ħal Rummien. Ħa, ħa, ħa!" | *Sagħtar* |
| 79. | **Wrong number**<br>Mara bagħtet tifel jixtrilha l-qarabagħli. Tal-ħaxix staqsa lit-tifel jekk iridux għall-mili.<br>"Le, mhux għal Milly irridu, imma għal ommi," qallu t-tifel. | Sant: 24 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 80. | **Ma ġara xejn**<br>Żaren, tifel ta' gabillott, kien fil-klassi. L-għalliem kien qed jgħid lill-istudenti dwar il-proverbji.<br>"Tfal," qalilhom, "issa nibda proverbju jew qawl u intom tkompluh. Mela; il-qażquż taqtagħlu denbu ..."<br>"Iwerżaq!" kien pront qabeż Żaren, li xi ftit esperjenza bilfors li kellu billi kien tifel tar-raba'. | Sant: 33 |
| 81. | **Skużani**<br>Qassis, fil-klassi tal-katekiżmu, staqsa lit-tifel: "Int, Borg, x'inhija epistola?"<br>"Epistola, Father, hija l-mara ta' appostlu." | Sant: 42 |
| 82. | **Mhumiex se jintilfu!**<br>Għalliema: "Inti, Cassar, fejn insibu l-iljunfanti?"<br>Cassar: "Miss, jaħasra, l-iljunfanti huma tant kbar li ssibhom bilfors. Mela dawk se jintilfu?" | Sant: 44 |
| 83. | **Daddy ...?**<br>"Daddy, veru l-irġiel miżżewġa jgħixu iżjed?"<br>"Le, ibni. Jidhirlhom li l-ħajja tkun itwal." | Sant: 45 |
| 84. | **Fil-klassi**<br>Għalliem: "Inti, Zammit, meta bdiet il-Gwerra tal-Mitt Sena?"<br>Zammit: "Mitt sena qabel ma spiċċat, Sir." | Sant: 45 |
| 85. | **Fil-klassi**<br>– Borg, liema hu dak l-annimal li jqajmek filgħodu?<br>– Ħija, Johnny, Miss. | Sant: 51 |
| 86. | **Fil-pet shop**<br>Mara pulita daħlet f'pet shop u staqsiet lill-propjetarju: "Dak il-pappagall, aħmar u isfar, kemm hu?"<br>"Staqsi lilu stess," weġibha sid il-ħanut, "għax kellimni ħażin u m'iniex inkellmu." | Sant: 51 |
| 87. | **Ħlas**<br>Ir-raġel qabad taxi li wasslitu fejn qal lid-driver biex jieħdu.<br>"X'għandi ntik?" staqsieh il-passiġġier. "Ħames liri," wieġbu d-driver.<br>"Mela ħabib, ikollok tirriversja lura mil u nofs għax erba' liri biss għandi." | Sant: 67 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 88. | **Fi klinika**<br>Sinjura avvanzata fl-età marret tara professur. “Xi nqala’, Sinjura?”<br>“Sieqi, Profs, sieqi tal-lemin, tuġgħani wisq.”<br>“Eh! Sinjura, l-età. L-età tagħmel tagħha.”<br>“Imma, Profs, ngħid jien, sieqi tax-xellug mhux l-istess età tal-leminija għandha? Kif m’għandi xejn fiha?”<br>Il-Professur eżaminaha u taha l-pilloli biex tieħu tlieta kuljum.<br>“Profs,” reġgħet qaltlu s-Sinjura, “issa l-pilloli kif ikunu jafu f’liema sieq imorru?” | Sant: 77 |
| 89. | **Flus l-ewwel!**<br>Saħħara marret l-għassa tal-pulizija tirraporta li r-raġel tagħha kien ilu nieqes mid-dar jumejn.<br>“Kif?” qalilha s-surġent li kien tal-għassa. “Inti saħħara u ma tafx fejn hu?”<br>“Tini ħames liri u ngħidlek,” weġbitu s-saħħara. | Sant: 79 |
| 90. | **Alternattiva**<br>Kienu fuq il-lant tax-xogħol u l-kuntrattur lemaħ ħaddiem qed ipejjep. “Għax ma taqbadx u tneħħi ftit ċnagen min-nofs,” qal il-kuntrattur lill-ħaddiem.<br>“Ħallini! Ma nafx x’għandi llum. Hawn, arani, qed nirtogħod.”<br>“F’dak il-każ aqbad għarbel ftit xaħx bl-għarbiel.” | Sant: 81 |
| 91. | **Innoċenza**<br>“Mummy, it-teacher tagħna lanqas qatt ma rat żiemel!”<br>“It-teacher tagħkom qatt ma rat żiemel? U int kif taf?”<br>“Għax ħa ngħidlek: pinġejtilha żiemel u hi qaltli, ‘Dan xi jkun?’” | Sant: 93 |
| 92. | **Ismek u kunjomok**<br>Wieħed li waqagħlu l-kelb minn fuq il-bejt mar jiġri bih id-Dogs’ Home. Il-kelb kien muġugħ ħafna. Meta wasal hemm u ħadulu l-kelb, talbuh ismu u kunjomu biex jirreġistrawh. U dak staqsiehom, innoċentament: “Ta’ min, tiegħi jew tal-kelb? | Sant: 93 |
| 93. | **Restorant**<br>Waiter: Kif sibtu l-laħam, Sinjur?<br>Sinjur: Kumbinazzjoni qallibt biċċa patata u kien hemm taħt! | Sant: 93 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 94. | **Skuża lesta**<br>Il-prinċipal mar dritt fuq l-iskrivan Calleja hekk kif daħal fl-uffiċċju:<br>"Calleja, għaliex ma ġejtx ilbieraħ?"<br>"Uuu, Prinċipal! Kont ħażin wisq, ħassejtni se mmut …"<br>"Imma jien rajtek għaddej bir-rota."<br>"Mela x'inhu! Kont sejjer għat-tabib!" | Sant: 95 |
| 95. | **Intelliġenza**<br>Ir-raġel tela' bit-tifel l-iskola u sab lill-għalliem ta' ibnu.<br>"Surmast," qallu, "għaliex tajtu żero fil-Malti lit-tifel tiegħi?"<br>"Għax dik hija l-iktar marka baxxa li nista' nagħti," wieġbu l-għalliem. | Sant: 95 |
| 96. | **Verissima din**<br>Teacher staqsiet lit-tfal biex isemmu liema huma l-erbat irjieħ.<br>It-tifel wieġeb: "Riħ qawwi, bronkite, pulmonite u flissjoni." | Sant: 95 |
| 97. | **Eħfef hekk**<br>Mara daħlet għand tal-grocer: "Agħtini żewġ kilos patata … agħtihomli żgħar, taf, għax għandi 'l bogħod għad-dar u l-kbar ikunu itqal." | Sant: 95 |
| 98. | **Il-pizza**<br>Raġel mar jixtri pizza. "Kif tridni naqsamhielek," staqsieh ix-chef, "f'sitt jew tmien biċċiet?"<br>"F'sitta," qallu r-raġel. "Tmien biċċiet wisq għalija." | Sant: 95 |
| 99. | **Ħasda**<br>Dan l-aħħar għamilt nuċċali. Aqta' kemm bdejt nara kbir malli nilbsu. Iżda l-aktar li rajt kbir … kien il-kont! | Sant: 96 |
| 100. | **Ir-regola**<br>Ħalliel, b'wiċċu mgħammad, daħal il-bank b'revolver ippuntat dritt għal fuq l-iskrivana. Deffes rasu fil-purtella u qalilha: "Hold-up! Tini l-flus kollha li għandek!"<br>"Jiddispjaċini," qaltlu, "jiena qiegħda brejk; mur fil-purtella l-oħra." | Sant: 118 |
| 101. | **Sewqan**<br>Leli, qabel ma l-maġġur tah il-liċenzja biex isuq il-mutur, kellu jwieġeb din il-mistoqsija: "Għaliex huwa meħtieġ li xħin issuq ma titlifx rasek?"<br>Iż-żagħżugħ wieġbu: "Għax inkella l-crash helmet tkun xtrajtu għalxejn." | Sant: 119 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 102. | **Difett tekniku**<br>Il-mara daħlet id-dar bil-mixi u żewġha skanta. "Fejn hi l-karozza?"<br>"Għandha l-ilma fil-magna."<br>"U issa fejn hi?"<br>"Fil-baħar, Ta' Xbiex." | Sant: 119 |
| 103. | **Fil-klassi**<br>Għalliem: Int, Zammit, x'qal Ġulju Ċesare meta Brutus tah id-daqqa ta' stallett?<br>Zammit: Ajma!<br>Għalliem: Int, Borg, x'għamla għandha d-dinja?<br>Borg: Kwadra, Sir!<br>Għalliem: Kwadra?<br>Borg: Iva, Sir, għax missieri, li jsiefer ħafna, qalilna li dar l-erba' partijiet tad-dinja. | Sant: 119 |
| 104. | **Ir-rigal tal-birthday**<br>Iz-zija Filumen marret fuq iċ-ċkejkna Cheryl u qaltilha: "X'se ttih sabiħ lil ħuk, Jason, għall-birthday?"<br>"Ma nafx," weġbitha Cheryl.<br>"Is-sena l-oħra x'tajtu?"<br>"Il-ħożba." | Sant: 124 |
| 105. | **Fil-klassi**<br>Għalliem: "Zammit, liema hu l-itqal, kilo ħadid jew kilo rix?"<br>Zammit: "Kilo ħadid, Sir."<br>Għalliem: "Le, Zammit. Jiżnu t-tnejn l-istess, għax it-tnejn jiżnu kilo."<br>Zammit: "Inti, Sir, itfa' kilo ħadid fuq saqajk u kilo rix, u ara liema hu l-itqal!" | Sant: 125 |
| 106. | **Rinkarnazzjoni**<br>Il-prinċipal tal-uffiċċju sejjaħ lil wieħed mill-iskrivani tiegħu.<br>"Inti, Borg. Temmen fir-rinkarnazzjoni?"<br>"Ma fhimtekx, Prinċipal," qallu.<br>"Inti temmen li hemm il-ħajja wara l-mewt?"<br>"Għaliex qed tistaqsini, Prinċipal?"<br>"Ilbieraħ, siegħa wara li inti tlaqt kmieni biex tmur għall-funeral tan-nannu, in-nannu ġie hawn biex ikellmek." | Sant: 138 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 107. | **Nuqqas ta' ftehim**<br>Raġel, li kellu ċorma tfal, intlemaħ mill-mara dieħel id-dar b'kelb tal-wolf. Il-mara qabdet tgħajjat kemm tiflaħ, "Hawn x'ġibtli? Hawn dak ġibtli, għandna dawk it-tfal kollha?"<br>"Imma jien ilbieraħ għedtlek li se nġib kelb tal-wolf," qalilha żewġha, "u int għedtli, 'Dak jonqosna'. Mela la dak jonqosna, jiena ġibtu." | Sant: 142 |
| 108. | **Min ġie l-ewwel?**<br>Mastrudaxxa, bennej u electrician kienu qegħdin jargumentaw dwar min minnhom kien l-ewwel fid-dinja.<br>"Aħna bnejna l-piramidi tal-Eġittu," qal il-bennej. "Mela aħna konna l-ewwel."<br>"Le," wieġbu l-mastrudaxxa, "aħna bnejna l-Arka ta' Noè, mela konna qabilkom."<br>"Fl-ewwel jum tal-ħolqien, Alla qal, 'Ikun hemm id-dawl'," spjega l-electrician: "Għiduli, min kien lesta l-cables?" | Sant: 154 |
| 109. | **Letteratura?**<br>Kien hemm wieħed, awtur, li ħa ħames snin biex spiċċa ktieb u kien hemm ieħor, li kien għadu kif ħareġ mill-ħabs, li ħa ħmistax-il sena biex jispiċċa sentenza. | Sant: 202 |
| 110. | Qal Pietru lil Pawlu: "Ħanini, fil-bieb għandek żewġ Benedittini."<br>San Pawl wieġbu: "Għalxejn jittammaw dawk it-tnejn … għax jien bil-għatx u rrid żewġ Kappuċċini." | Sant: 211 |
| 111. | **Il-prezz**<br>Raġel żagħżugħ daħal fl-uffiċċju tal-avviżi ta' gazzetta u sab lill-iskrivana.<br>"Kemm jiswieni avviż ta' twelid ta' tarbija?"<br>"8 ċenteżmi kull ċentimetru."<br>"Insieh. It-tifel tiegħi twil 75 ċentimetru. Wisq!" | Sant: 221 |
| 112. | **Fl-università**<br>Il-professur lemaħ żagħżugħ dieħel fil-lecture room nofs siegħa wara li kien beda l-lecture.<br>"Hawn int, galantom, dieħel dal-ħin. Fejn kont u x'għamilt ilbieraħ?" qallu mgħaddab.<br>"Ilbieraħ mort il-każin, domna nilagħbu l-karti sas-siegħa u xrobna sewwa. Qomt imdamdam dalgħodu."<br>"U, allura, dalgħodu, għaliex ma bqajtx id-dar?"<br>"Għax ġejt insewwilkom l-air conditioner." | Sant: 230 |

| NUMRU | ĊAJTA | SORS |
|---|---|---|
| 113. | A: Fejn kont dawn l-aħħar erba’ snin?<br>B: L-università, nieħu l-mediċina!<br>A: Tajjeb, allura issa fiqt? | Teżi ta’ Ilona Masini |
| 114. | Għalliema: Inti x’jismek?<br>Student: Shane.<br>Għalliema: Iva, possibbli ma jismek xejn? Għidli x’jismek u titkessaħx. | Teżi ta’ Ilona Masini |
| 115. | **Bejn tnejn**<br>Pawlu: Qiegħed ngħid, Ġann, it-tifel tiegħek għandu tletin sena u għadu jistudja! Tassew nammirah. Tgħid x’ser isir, Ġann, meta joħroġ mill-università?<br>Ġanni: Raġel xiħ! | Vella: 2 |
| 116. | **Bil-banda**<br>Għaliex meta ngħid lil Ġużeppi biex ikun żgur minn dak li għamel, dan jiftakar fil-banda?<br><br>Għax ngħidlu: “Ġuż … kun – ċert! | Vella: 2 |
| 117. | Għaliex meta wieħed jagħmel eżami u jitla’ fi klassi oħra, bilfors kellu ħadida f’idu?<br><br>Għax ikun għadda! | Vella: 6 |
| 118. | Għaliex wara li jiżbgħu, il-ħajt jaqa’ taċ-ċajt?<br><br>Għax jgħadduh passata! | Vella: 15 |
| 119. | Għaliex meta tidħol f’ħanut u tordna kafè, tista’ tqaxxar u tiekol?<br><br>Għax quddiemek ikollok ‘plattin’. | Vella: 15 |
| 120. | **Waqt l-Istorja**<br>Is-surmast qajjem tifel u staqsih: “Fiex daħal Napuljun meta kellu għoxrin sena?”<br>It-tifel, billi ma kienx jaf jekk kienx daħal fil-militar jew f’xi belt biex jokkupaha, wieġbu: “Daħal fil-wieħed u għoxrin sena, Sir!” | Vella: 57 |